



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10612/21
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0192(NLE)

ECOFIN 710
CADREFIN 366
UEM 202
FIN 584

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	ANNESS għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l- approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għas- Slovenja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-anness imsemmi hawn fuq għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif rivedut u maqbul mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM (2021) 384.

TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti

A. KOMPONENT 1: L-ENERĠIJA RINNOVABBILI U L-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tas-Slovenja jindirizza diversi sfidi li jiffaċċjaw il-produtturi u l-konsumaturi tal-enerġija rinnovabbli fis-Slovenja, b'mod partikolari r-regolamenti dwar l-ippjanar spazjali, kif ukoll is-sistemi tat-tisħin distrettwali qodma u ineffiċjenti, it-telf fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku, u l-użu limitat tas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija.

L-oġġettivi tal-komponent huma li jiżdied l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Ir-riformi li jappoġġaw l-investimenti jinkludu bidliet regolatorji biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, tissaħħaħ il-grilja tal-elettriku, u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fl-ekonomija. L-investimenti appoġġati minn dawn ir-riformi huma relatati maż-żieda tas-sehem tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-tnaqqis tat-telf fuq il-grilja tal-elettriku, u l-promozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija fl-industrija.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jikkontribwixxu għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja f'dawn l-aħħar sentejn biex “il-politika ekonomika relatata mal-investment tiġi ffukata fuq [...] tranżizzjoni għal livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u enerġija (RSP 3, 2019) u biex “tiffoka fuq investimenti għat-tranżizzjoni ekoloġika [...], b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nadifa u effiċjenti, l-infrastruttura ambjentali” (CSR 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

A.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: Riforma tal-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-Slovenja

L-għan tar-riforma huwa li taċċellera l-introduzzjoni ta' teknoloġiji rinnovabbli fis-settur tal-elettriku. Dan għandu jappoġġa wkoll il-kontribuzzjoni nazzjonali għall-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-Promozzjoni tal-Użu tal-Enerġija minn Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli. Il-liġi għandha tappoġġja l-aċċellerazzjoni u l-emerġenza ta' proġetti addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli billi tneħħi ċerti ostakli legali u amministrattivi, inkluż f'termini ta' ppjanar spazjali, u billi tistabbilixxi punt uniku ta' kuntatt biex jgħin lill-klijenti fil-proċeduri kollha għall-installazzjoni u l-operat ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Ir-riforma għandha tqis ukoll ir-riżultati tal-immappjar tal-bijodiversità tal-potenzjal tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-territorju kollu tar-Repubblika tas-Slovenja.

L-objettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma C: L-effiċjenza enerġetika fl-ekonomija

L-għan tar-riforma huwa li jiżdied il-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tal-industrija fis-Slovenja.

Ir-riforma għandha tippromwovi investimenti fl-effiċjenza enerġetika industrijali permezz tal-adozzjoni ta' Regoli ta' Proċedura li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għal impriżi kbar biex jiksibu eżenzjonijiet minn imposti miżmuma biex jiffinanzjaw ir-rinnovabbli u imposti kkombinati fuq is-sħana u l-enerġija. Tali eżenzjonijiet għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jew ta' ċerti rakkomandazzjonijiet ta' awditi tal-effiċjenza enerġetika. Għandu jiġi adottat Pjan ta' Azzjoni li jistabbilixxi mudell ġdid ta' governanza għall-produtturi tal-enerġija rinnovabbli, bil-għan li jiffaċilita l-aċċess għas-suq u l-iskambji mal-konsumaturi industrijali permezz ta' pjattaforma diġitali. Mill-inqas 20 kumpanija għandhom jiksibu kard elettronika għat-traċċar tal-effiċjenza enerġetika.

Ir-riforma għandha tagħti attenzjoni partikolari wkoll lill-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika tas-settur tal-kostruzzjoni bl-adozzjoni ta' Strateġija ta' Mmudellar tal-Infurmazzjoni dwar il-Bini biex tippromwovi l-użu ta' mudelli ta' infurmazzjoni dwar il-bini kemm fil-fażi tal-kostruzzjoni kif ukoll fil-fażi ta' ġestjoni.

L-objettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment D: Ristrutturar effiċjenti fl-enerġija ta' sistemi tat-tisħin distrettwali bl-użu ta' sorsi rinnovabbli

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied l-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali. Valutazzjoni li saret fl-2017 ikkonkludiet li madwar żewġ terzi tas-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali biss ikkwalikaw bħala sistemi effiċjenti fl-enerġija.

Dan l-investiment għandu jżid l-effiċjenza enerġetika ta' tliet sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali. L-investiment għandu jiġi implimentat permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi mnedija fl-2022 u għandu jeskludi l-użu tal-bijomassa bi ksur tar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-aġġornament tas-sistema effiċjenti ta' tisħin distrettwali ma għandux juża l-karburanti fossili bħala sors ta' sħana iżda jiddependi biss fuq sorsi rinnovabbli.

L-objettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investiment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment F: It-tisħin tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku (stazzjonijiet tat-transformers)

L-objettiv tal-investiment huwa li jimmodernizza n-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku f'konformità mal-ammont dejjem jikber ta' konsum tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u li jippermetti l-konnessjoni ta' installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, pompi tas-sħana u punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

L-investiment jikkonsisti fil-kostruzzjoni u l-bidu tat-tħaddim ta' 980 stazzjon ġdid ta' transformer.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investiment għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment G: Investimenti biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fl-ekonomija

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jiffaċilita l-iskambji bejn il-produtturi tal-enerġija rinnovabbli u l-konsumaturi industrijali u jappoġġa l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-effiċjenza enerġetika.

L-investiment jikkonsisti fl-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni ta' pjattaforma diġitali għas-suq tal-elettriku rinnovabbli. Il-pjattaforma hija mistennija li żżid il-livell ta' servizzi ta' rispons għad-domanda u soluzzjonijiet ekoloġiċi possibbli oħra.

L-investiment għandu jtejjeb ukoll il-funzjonament tar-reġistru tas-sistema nazzjonali għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet permezz tal-implimentazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, bil-għan li tiżdied it-trasparenza u jitnaqqsu r-riskji ta' frodi. Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit u jibda jitħaddem ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-promozzjoni ta' teknoloġiji ta' rispons għad-domanda. L-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għandu l-għan li jappoġġa tliet proġetti pilota għal servizzi teknoloġiċi innovattivi li għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-qafas regolatorju.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investiment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2022.

A.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
1	A: Riforma tal-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-Slovenja	Oġettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Promozzjoni tal-Użu tal-Enerġija minn Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-Promozzjoni tal-Użu tal-Enerġija minn Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli.				Q2	2022	L-att għandu jirregola l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli mill-Istat u l-muniċipalitajiet u jstabbilixxi mira vinkolanti għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross fir-Repubblika tas-Slovenja. Huwa għandu jispjega miżuri biex tintlaħaq din il-mira u l-metodi ta' finanzjament tagħhom, inkluż it-tqassir tal-proċeduri ta' permessi u ta' awtorizzazzjoni għall-installazzjoni, il-konnessjoni u l-operat ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli (solari u mir-riħ) ta' kull daqs. B'mod partikolari, huwa għandu jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn assistenza teknika kontinwa dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni għall-ippjanar spazjali tal-impjanti tal-enerġija mir-riħ, iffinanzjata taħt

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. Għandu jinkludi wkoll garanziji tal-orijini għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ u t-trasport, proċeduri amministrattivi u l-informazzjoni u t-taħriġ tal-installaturi. Huwa għandu jistabbilixxi punt uniku ta' kuntatt għall-investituri f'installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni.
2	A: Riforma tal-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-Slovenja	Obbiettiv intermedju	Il-punt uniku ta' appoġġ għall-investituri biex jiksibu approvazzjonijiet għall-installazzjoni u l-konnessjoni ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni ma' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jkun operattiv	Il-punt uniku ta' kuntatt jkun operattiv				Q4	2022	Il-punt ta' kuntatt jiggwida lill-investituri mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji u atti oħra u jassisti l-proċess amministrattiv kollu. Fuq talba tal-applikant, il-punt ta' kuntatt għandu jidderieġi l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet u atti oħra u jassisti lill-applikant matul il-proċedura amministrattiva.
3	A: Riforma tal-	Mira	It-tqassir u s-simplifikazzjon		Numru (jiem)	60	30	Q4	2024	L-Att dwar il-Promozzjoni tal-Użu tal-Enerġija minn Sorsi ta' Enerġija

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-Slovenja		i tal-konnessjoni tal-faċilitajiet ta' awtoforment sa 20 kW							Rinnovabbli għandu jipprevedi żmien massimu għall-konnessjoni ta' installazzjonijiet sa 20 kW ta' 30 jum. L-awtoritajiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji tal-proporzjonalità, it-trasparenza, l-effiċjenza enerġetika u n-nondiskriminazzjoni.
4	D: Ristrutturar effiċjenti fl-enerġija ta' sistemi tat-tisħin distrettwali bl-użu ta' sorsi rinnovabbli	Obiettivi intermedju	Ftuħ ta' sejħa għall-offerti għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'sistemi ta' tisħin distrettwali	Pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet				Q4	2022	Sejħa għall-offerti miftuħa għal investimenti li jżidu s-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'sistemi ta' tisħin distrettwali. Is-sejħa għandha tkun miftuħa sakemm jiġi eżawrit il-pakkett baġitarju. Il-kriterji tal-għażla/eliġibbiltà għandhom jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika "tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u b'mod partikolari li s-sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali ristrutturati għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2012/27/UE; u li, fil-każ tal-utilizzazzjoni tal-bijomassa, il-bijomassa għandha tkun konformi mad-Direttiva (UE) 2018/2001.
5	D: Ristrutturar effiċjenti fl-enerġija ta'	Mira	Kapaċità addizzjonali ta' sorsi ta'		Numru (MW)	0	26	Q4	2025	Proġetti kkompletati għal kapaċità addizzjonali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'sistemi ta' tisħin

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	sistemi tat-tisħin distrettwali bl-użu ta' sorsi rinnovabbli		enerġija rinnovabbli f'sistemi ta' tisħin distrettwali							distrettwali skont il-kriterji tal-għażla fl-obiettivi intermedju 4.
6	F: It-tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku (stazzjonijiet tat-transformers)	Obiettivi intermedju	Ftuħ ta' sejħa għall-offerti għall-istazzjonijiet tat-transformers tal-elettriku	Pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet				Q4	2022	Sejħa għall-offerti miftuħa għall-kostruzzjoni ta' stazzjonijiet tat-transformers. Is-sejħa għandha tkun miftuħa sakemm jiġi eżawrit il-pakkett baġitarju. Il-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti għandhom jiżguraw b'mod partikolari kriterji għall-integrazzjoni effettiva tal-faċilitajiet tal-produzzjoni u tal-ħżin tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Flimkien mar-regoli obbligatorji nazzjonali u Ewropej kollha li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni u l-interventi ambjentali, il-kriterji tal-għażla/eliġibbiltà għandhom jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika "tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
7	F: It-tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni	Mira	Għadd ta' stazzjonijiet ġodda tat-		Numru	0	980	Q2	2026	980 stazzjonijiet ġodda tat-transformers tal-elettriku għandhom ikunu operattivi, f'konformità mar-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	tal-elettriku (stazzjonijiet tat-transformers)		transformers tal-elettriku f'operazzjoni							rekwiżiti taħt l-istadju 6.
8	C: L-effiċjenza enerġetika fl-ekonomija	Obiettivi intermedju	Mudell ta' governanza li jappoġġa lill-produtturi tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-aċċess għas-suq u fl-iskambju tal-enerġija mal-konsumaturi industrijali	Adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-istabbiliment ta' mudell ta' governanza għall-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli				Q2	2022	Il-mudell ta' governanza għall-effiċjenza enerġetika fl-intrapriżi għandu jiġi adottat mill-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja bħala parti minn Pjan ta' Azzjoni. Dan għandu jippermetti li l-produtturi tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jiġu integrati fil-pjattaforma diġitali (il-borża/is-suq), bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza tal-provvista tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jitjieb l-aċċess għas-suq għal dawn il-produtturi.
9	C: L-effiċjenza enerġetika fl-ekonomija	Mira	Għadd ta' intrapriżi b'kards elettroniċi akkwistati dwar l-enerġija u l-effiċjenza materjali		Numru	0	20	Q2	2022	Mill-inqas 20 kumpanija għandhom ikunu kisbu kard elettronika għat-traċċar tal-effiċjenza fl-enerġija jew fir-riżorsi.
10	C: L-effiċjenza enerġetika fl-ekonomija	Mira	Implimentazzjoni akbar tar-rakkomandazzjoni		% (Persen taġġ)	0	10	Q4	2024	Żieda medja ta' mill-inqas 10 % tar-rakkomandazzjonijiet li saru lill-kumpaniji implimentati meta

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			onijiet mill-awditjar tal-enerġija							mqabbla mal-aħħar awditu. Abbażi tal-kards elettroniċi, il-kumpaniji huma mistennija li jimmonitorjaw u jirreġistraw il-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi tal-enerġija fil-kumpaniji abbażi ta' kategoriji predefiniti, bħall-istabbiliment tal-ġestjoni tal-enerġija, il-ħatra ta' persuna biex timmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, u l-iffrankar tal-elettriku minħabba titjib introdott.
11	G: Investimenti biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fl-ekonomija	Obiettivi intermedju	Għoti ta' kuntratt għall-parteċipazzjoni ta' konsorzji ta' negozji fi proġetti pilota fl-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja	Komunikazzjoni ta' aġġudikazzjonijiet				Q2	2022	L-għoti ta' kuntratt għal proġetti pilota biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet teknoloġiċi biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika f'kumpaniji appoġġati mill-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja. Il-kriterji tal-għażla/eliġibbiltà għandhom jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), inkluż għal kwalunkwe proġett li huwa kopert mill-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet, biex jiġi żgurat li l-installazzjonijiet appoġġati jiksibu emissjonijiet ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										gassijiet serra jkunu ferm taħt il-parametru referenzjarju stabbilit għall-allokazzjoni bla ħlas kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 ¹ .
12	G: Investimenti biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fl-ekonomija	Mira	Proġetti pilota li tlestew b'suċċess		Numru	0	3	Q4	2022	Proġetti pilota li tlestew fl-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja (għal oqsma regolatorji jew għal tranżizzjoni teknoloġika). Il-proġetti pilota ffinanzjati b'rabta mal-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja għandhom jiżviluppaw soluzzjonijiet teknoloġiċi biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fil-kumpaniji.

¹ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli.

A.3 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Riforma B: Riforma tal-provvista tal-elettriku għall-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli

L-għanijiet tar-riforma huma li tittejjeb l-integrazzjoni tan-network tal-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u r-rispons għad-domanda.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Provvista tal-Elettriku, li għandu jipprevedi miżuri li jiżguraw it-tħaddim sigur tal-grilji, inkluż l-użu ta' servizzi ta' networks intelliġenti, kif ukoll miżuri biex jikkollegaw kapaċità ġdida, inkluż ir-rispons tad-domanda u l-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment E: Produzzjoni ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli

L-oġġettiv tal-investment huwa l-installazzjoni ta' kapaċità ġdida ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli permezz ta' sejħa għall-offerti pubblika kompetittiva teknoloġikament newtrali bejn teknoloġiji differenti (ġeotermali u idroenerġija), u t-teknoloġija solari għal bini pubbliki. Il-proġetti għandhom jikkonformaw mal-annessi rilevanti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) (C (2021) 2800 final) li jissupplementa r-Regolament (UE) 2020/852 dwar it-Tassonomija.

L-investment għandu jikkonsisti f'għotjiet għall-kostruzzjoni tal-installazzjonijiet magħżula, bil-għan li tiġi installata kapaċità ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli ta' 35 MW, jew il-volum massimu kompatibbli mal-offerta li qed tinżamm f'kundizzjonijiet kompetittivi.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżura u l-oġġettivi intermedji u l-miri li għandhom jintlaħqu mis-Slovenja. B'mod partikolari, għandha tintwera konformità sħiħa u sostantiva mad-dispożizzjonijiet legali li japplikaw. L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment F: It-tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku (network b'vultaġġ baxx)

L-oġġettiv tal-investment huwa li jimmodernizza n-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku f'konformità mal-ammont dejjem jikber ta' konsum tal-elettriku rinnovabbli, u li jippermetti l-konnessjoni ta' installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, pompi tas-sħana u punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

L-investment jikkonsisti fil-bini u t-tħaddim ta' network ġdid b'vultaġġ baxx ta' tul ta' mill-inqas 1 520 kilometru.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

A.4 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
13	B: Riforma tal-provvista tal-elettriku għall-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Obiettivi intermedji	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Provvista tal-Elettriku	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Provvista tal-Elettriku				Q2	2022	L-att il-ġdid dwar il-Provvista tal-Elettriku għandu jistabbilixxi r-regoli għall-funzjonament tas-suq tal-elettriku, il-produzzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin u l-provvista tal-elettriku, flimkien mad-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-klijenti finali, il-modalitajiet u l-forom tal-provvista tal-utilitajiet fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u s-suq tal-elettriku, il-prinċipji u l-miżuri biex tinkiseb is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, il-miżuri għall-prevenzjoni tal-faqar enerġetiku u kwistjonijiet oħra tal-provvista tal-elettriku.
14	B: Riforma tal-provvista tal-elettriku għall-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Mira	Potenza addizzjonali ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli awtoforniti ġodda konnessi u li joperaw		Numru (MW)	0	55	Q4	2025	Din hija l-kapaċità addizzjonali ta' impjanti ta' ġenerazzjoni ġodda, konnessi u operattivi għall-awtoforniment. Il-konstruzzjoni, il-konnessjoni u l-bidu tal-operat tagħhom huma mistennija li jiġu promossi bid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Provvista tal-Elettriku.

15	E: Produzzjoni ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratti għal installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni ġodda minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Komunikazzjoni ta' aġġudikazzjonijiet				Q4	2023	Komunikazzjoni ta' aġġudikazzjonijiet għall-kofinanzjament tal-kostruzzjoni ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni ġodda minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (idroenerġija, ġeotermali, jew teknoloġija solari għal bini pubbliku). L-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta għandhom jiżguraw konformità mal-gwida teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) għal proġetti magħżula li jeħtieġu konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali u konformità mal-Kapitolu 4.5 "Manifattura tal-elettriku mill-enerġija idroelettrika" (l-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) (C(2021)2800 final) li jissupplementa r-Regolament dwar it-Tassonomija (UE) 2020/852).
16	E: Produzzjoni ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Mira	Enerġija addizzjonali minn installazzjonijiet ġodda ta' ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta'		Numru (MW)	0	35	Q2	2026	35 MW ta' kapaċità tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli li qed topera, jew il-volum massimu kompatibbli mal-offerta taħt l-objettiv intermedju 15. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR

			enerġija rinnovabbli							50 000 000.
17	F: Tisħiħ ulterjuri tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku	Objettiv intermedju	Ftuħ ta' sejħa għall-offerti għal network ġdid ta' distribuzzjoni b'vultaġġ baxx	Pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta				Q4	2022	Sejħa għall-offerti miftuħa għall-kostruzzjoni ta' network ġdid ta' distribuzzjoni b'vultaġġ baxx. Is-sejħa għandha tkun miftuħa sakemm jiġi eżawrit il-pakkett baġitarju. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li jintegraw b'mod effettiv il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ħżin tal-enerġija rinnovabbli man-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku, inklużi l-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Flimkien mar-regoli obbligatorji nazzjonali u Ewropej kollha li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni u l-interventi ambjentali, il-kriterji tal-għażla/eliġibbiltà għandhom jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika "tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). L-investimenti għandhom isaħħu n-network ta' distribuzzjoni, itejbu l-kapaċità u l-adattabbiltà tiegħu, kif ukoll l-integrazzjoni tal-bażijiet tad-data u s-sorveljanza f'ħin reali.

18	F: Tisħiħ ulterjuri tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku	Mira	Tul tan-network ta' distribuzzjon i operazzjonali ġdid		Numru (km)	0	1520	Q2	2026	Mill-inqas 1 520 km ta' network ġdid ta' distribuzzjoni b'vultaġġ baxx operattiv, f'konformità mal-kriterji tas-sejħa għall-offerti taħt l-oġettiv intermedju 17.
----	--	------	--	--	------------	---	------	----	------	---

B: KOMPONENT 2: RINNOVAZZJONI SOSTENIBBLI TAL-BINI

Fil-Pjan Nazzjonali tagħha għall-Enerġija u l-Klima, is-Slovenja tistma madwar EUR 9 500 000 000 tal-ħtiġijiet ta' investiment għar-rinnovazzjoni tal-bini fil-perjodu 2021–2030 sabiex tnaqqas il-konsum finali tal-enerġija fil-bini b' 20 % u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini b'mill-inqas 70 % sal-2030 meta mqabbel mal-2005.

L-għan ta' dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jippromwovi rinnovazzjoni profonda tal-bini, b'enfasi fuq l-istokk tal-bini pubbliku, biex jinkiseb tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ta' mill-inqas 30 % meta mqabbel mal-emissjonijiet *ex ante*.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jikkontribwixxu għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja f'dawn l-aħħar sentejn biex "il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffukata fuq [...] tranżizzjoni għal livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u enerġija (RSP 3, 2019) u biex "tiffoka fuq investimenti għat-tranżizzjoni ekoloġika [...], b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nadifa u effiċjenti, l-infrastruttura ambjentali" (CSR 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

B.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: Riforma tal-ippjanar u l-finanzjament tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini fis-settur pubbliku

Ir-riforma għandha tiddefinixxi approċċi, politiki u miżuri ta' rinnovazzjoni kosteffettivi għall-promozzjoni ta' rinnovazzjonijiet profondi tal-bini, inklużi miżuri biex jiggwidaw id-deċiżjonijiet ta' investiment minn individwi, l-industrija tal-kostruzzjoni u l-istituzzjonijiet finanzjarji u valutazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija mistenni u l-benefiċċji usa', kif previst fl-Istrateġija ta' Rinnovazzjoni fit-Tul il-għdida.

B'mod partikolari, ir-riforma għandha ddaħħal fis-seħħ projbizzjoni legali fuq id-disinn u l-installazzjoni tal-bojlers li jaħdmu biż-żejt, il-mazut (żejt kombustibbli) u bil-faħam għat-tisħin f'bini għdid. Din il-parti tar-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' liġi sat-30 ta' Ġunju 2023.

Ir-riforma għandha tistabbilixxi wkoll fond rotanti għar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija fis-settur pubbliku li għandu jiġi awtofinanzjat bl-iffrankar tal-enerġija permezz ta' ftehim interministerjali li jistabbilixxi l-aspetti legali, tekniċi u ekonomiċi tal-fond sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment B: Rinnovazzjoni sostenibbli tal-bini

L-oġettiv tal-investiment huwa ffukat fuq ir-rinnovazzjoni enerġetika tal-bini pubbliku u jkopri wkoll ir-rinnovazzjoni enerġetika ta' bini residenzjali bi sjieda pubblika.

Għall-investimenti kollha, għandu jiġi żgurat minimu ta' 30 % ta' ffrankar tal-enerġija b'mod ġenerali, meta mqabbel mal-emissjonijiet *ex ante*.

L-investimenti għandhom ikopru l-ispejjeż għall-iżolament termali tal-bini, tagħmir effiċjenti fl-enerġija (twieqi, ħġieġ, bibien), sistemi ta' tkessiġ u ventilazzjoni, sistemi ta' dawl u ta' kontroll effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Ix-xogħlijiet għandhom jiżguraw ukoll standard għoli tas-saħħa u tal-ambjent, billi jindirizzaw, fost l-oħrajn, il-prevenzjoni tad-diżastri u l-protezzjoni kontra perikli relatati mal-klima, it-tneħħija ta' sustanzi perikolużi u l-protezzjoni kontrihom, u s-sikurezza kontra n-nirien u t-terremoti. Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku hija mistennija li tinkludi titjib tal-aċċessibbiltà tagħhom għall-persuni b'diżabilità.

Peress li s-Slovenja hija wieħed mill-pajjiżi Ewropej l-aktar esposti għar-riskju ta' terremoti, ir-rinnovazzjoni enerġetika għandha titwettaq b'mod parallel mar-rinnovazzjoni sismika biex jiġi żgurat approċċ kosteffiċjenti u effett dejjiemi tal-investment. Ix-xogħlijiet għandhom jirrispettaw ukoll l-estetika u l-kwalità arkitettonika tal-bini, billi jqisu r-rekwiżiti possibbli ta' protezzjoni kulturali tar-rinnovazzjoni fil-każ ta' bini li jappartjenu għall-wirt kulturali.

Il-kategoriji ta' bini li għejjin għandhom ikunu eliġibbli:

- Bini ta' importanza amministrattiva eċċezzjonali minħabba l-epidemija tal-COVID-19;
- Bini ta' importanza soċjali kbira minħabba l-epidemija tal-COVID-19;
- Bini li jeħtieġ aġġornament individwali tas-sistemi tekniċi użati fil-bini;
- Blokok ta' appartamenti residenzjali bi sjieda pubblika.

L-investment għandu jipprovdi wkoll l-allokazzjoni finanzjarja biex jinbdew ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija taħt il-fond rotanti li għandu jiġi stabbilit taħt ir-riforma. B'dan l-ammont inizjali, l-investment għandu jikkontribwixxi għar-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini ieħor fis-settur pubbliku.

Ir-rinnovazzjonijiet għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

B.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
19	A: Riforma tal-ippjanar u l-finanzjament tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini fis-settur pubbliku	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' projbizzjoni fuq l-użu ta' fjuwils fossili għat-tisħin f' bini ġdid	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att rilevanti				Q2	2023	Għandu jkun hemm liġi li tistabbilixxi projbizzjoni fuq id-disinn u l-installazzjoni ta' bojlers li jaħdmu biż-żejt, il-mażut (żejt tal-fjuwil), u bil-faħam għat-tisħin tal-bini, kif previst fl-Istrateġija fit-Tul għar-Rinnovazzjoni tal-Enerġija tal-Bini 2050.
20	A: Riforma tal-ippjanar u l-finanzjament tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini fis-settur pubbliku	Objettiv intermedju	L-istabbiliment ta' fond rotanti għar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini fis-settur pubbliku	Digriet adottat biex tiġi stabbilita riżorsa finanzjarja sistemika għall-implimentazzjoni ta' rinnovazzjonijiet tal-enerġija ta' prijetà				Q4	2023	Ir-riforma għandha tistabbilixxi fond rotanti għall-implimentazzjoni tar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija ta' bini pubbliku. Il-Fond għandu jkun awtofinanzjat bl-iffrankar finanzjarju ġenerat mill-investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t- trimestru u s- sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
21	B: Rinnovazzjoni sostenibbli tal- bini	Objettiv intermedju	Ftuħ ta' sejħa għall-offerti għall- implimentazzjoni ta' aġġornamenti individwali tas- sistemi tekniċi użati fil-bini	Pubblikazzjoni tal- ispeċifikazzjonijiet tal-offerta				Q4	2022	Sejħa għall-offerti miftuħa għall-implimentazzjoni ta' aġġornamenti individwali tas- sistemi tekniċi użati fil-bini, bħas-sistemi tal-arja kundizzjonata u ta' ventilazzjoni. Is-sejħa għandha tkun miftuħa sakemm jiġi eżawrit il-pakkett baġitarju. Il- kriterji tal-għażla/eliġibbiltà għandhom jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika "tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).
22	B: Rinnovazzjoni sostenibbli tal- bini	Objettiv intermedju	Ftuħ ta' sejħa għall-offerti għar- rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli ta' bini bi sjieda pubblika ta' importanza amministrattiva u soċjali għolja	Pubblikazzjoni tal- ispeċifikazzjonijiet tal-offerta				Q4	2022	Sejħa għall-offerti miftuħa għar-rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli ta' bini bi sjieda pubblika ta' importanza amministrattiva u soċjali għolja. Is-sejħa għandha tkun miftuħa sakemm jiġi eżawrit il-pakkett baġitarju. Il-kriterji tal- għażla/eliġibbiltà għandhom jiżguraw: a) konformità mal- Gwida Teknika "tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01); u b)

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t- trimestru u s- sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet <i>ex-ante</i> .
23	B: Rinnovazzjoni sostenibbli tal- bini	Objettiv intermedju	Il-ftuħ ta' sejħa għall-offerti għar- rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli ta' bini residenzjali bi sjieda pubblika.	Pubblikazzjoni tal- ispeċifikazzjonijiet tal-offerta				Q4	2022	Sejħa għall-offerti miftuħa għar-rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli ta' bini residenzjali bi sjieda pubblika. Is-sejħa għandha tkun miftuħa sakemm jiġi eżawrit il-pakkett baġitarju Il-kriterji tal-għażla/eliġibbiltà għandhom jiżguraw: a) konformità mal-Gwida Teknika “tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01); kif ukoll tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal- emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet <i>ex-ante</i> .

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t- trimestru u s- sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
24	B: Rinnovazzjoni sostenibbli tal- bini	Mira	Tlestija tar- rinnovazzjonijiet enerġetiċi u sostenibbli tal- bini b'importanza amministrattiva u soċjali għolja		Numru (m²)	0	29000	Q4	2024	Tlestija tar-rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli tal-bini pubbliku ta' importanza amministrattiva u soċjali għolja, skont il-kriterji tas-sejħa għall- offerti fl-objettiv intermedju 22.
25	B: Rinnovazzjoni sostenibbli tal- bini	Mira	Tlestija tar- rinnovazzjonijiet enerġetiċi u sostenibbli tal- bini b'importanza amministrattiva u soċjali għolja		Numru (m²)	29000	89000	Q2	2026	Tlestija tar-rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli tal-bini pubbliku ta' importanza amministrattiva u soċjali għolja, skont il-kriterji tas-sejħa għall- offerti fl-objettiv intermedju 22.
26	B: Rinnovazzjoni sostenibbli tal- bini	Mira	Tlestija tar- rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli tal- bini permezz ta' aġġornamenti individwali tas- sistemi tekniċi fil-bini		Numru (m²)	0	36000	Q4	2025	Tlestija tar-rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli tal-bini permezz ta' aġġornamenti individwali tas-sistemi tekniċi fil-bini, f'konformità mal- kriterji tal-offerta fl-objettiv intermedju 21.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
27	B: Rinnovazzjoni sostenibbli tal-bini	Mira	Tlestija tar-rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli tal-bini residenzjali bi sjeda pubblika implimentata		Numru (m²)	0	20000	Q4	2025	Titlesta r-rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli ta' bini residenzjali bi sjeda pubblika, f'konformità mal-kriterji tal-offerta fl-objettiv intermedju 23.
28	B: Rinnovazzjoni sostenibbli tal-bini	Mira	Tlestija tar-rinnovazzjoni enerġetika u sostenibbli tal-bini pubblika ffinanzjata bis-saħħa tal-fond rotanti għar-rinnovazzjoni enerġetika tal-bini pubblika		Numru (m²)	0	10000	Q2	2026	Titlesta r-rinnovazzjoni enerġetika kompluta tal-bini pubblika f'konformità mal-Gwida Teknika "tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u l-kisba ta' mill-inqas 30 % ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra diretti u indiretti meta mqabbel mal-emissjonijiet <i>ex-ante</i> .

C. KOMPONENT 3: AMBJENT NADIF U SIKUR

Is-Slovenja qed tiffaċċja ħtiġijiet sostanzjali ta' investiment f'termini ta' protezzjoni kontra diżastri kkawżati mit-tibdil fil-klima minħabba x-xejra dejjem tikber ta' eventi ta' temp estrem, u b'mod partikolari l-għargħar. Diżastri ikkawżati mit-tibdil fil-klima bħal dawn jipperikolaw is-sehem għoli tal-popolazzjoni Slovena li tgħix f'żoni ta' riskji sinifikanti ta' għargħar u jikkawżaw ħsara ekonomika sinifikanti.

Barra minn hekk, it-telf tal-ilma għadu oġġa mill-medja tal-UE. Tali tnixxijiet huma skart tal-ilma tal-wieċ u tal-ilma tal-pjan, u jirriżultaw f'użu oġġa tal-enerġija għal skopijiet ta' trattament u distribuzzjoni tal-ilma. Dawn iġibu magħhom ukoll riskji akbar ta' kontaminazzjoni tal-ilma.

L-oġġettiv ta' dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jimplimenta approċċ ikkoordinat għall-prevenzjoni, it-tħejjija, ir-rispons u l-irkupru fil-każ ta' diżastri naturali relatati mal-klima, b'mod partikolari billi jtejjeb l-infrastruttura u l-organizzazzjoni, ir-riċerka, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ relatati. Il-komponent għandu l-għan ukoll li jtejjeb il-ġestjoni tal-ilma.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jikkontribwixxu għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja f'dawn l-aħħar sentejn biex “il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffukata fuq [...] tranżizzjoni għal livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u enerġija (RSP 3, 2019) u biex “tiffoka fuq investimenti għat-tranżizzjoni ekoloġika [...], b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nadifa u effiċjenti, l-infrastruttura ambjentali” (CSR 3, 2020).

Dan il-komponent jikkontribwixxi għall-preservazzjoni ambjentali u l-adattament għall-klima, u b'hekk isaħħaħ ir-reżiljenza ekoloġika, soċjali u ekonomika.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

C.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A. Tisħiħ tat-tħejjija u r-rispons f'każ ta' diżastri kkawżati mill-klima

Ir-riforma għandha tiddefinixxi l-organizzazzjoni u r-rispons għal diżastri kkawżati mill-klima permezz tal-ħolqien ta' unitajiet ta' rispons modulari speċjalizzati u mħarrġa biex jirrispondu għal diżastri relatati mal-klima fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li tiddefinixxi mill-ġdid ir-rwol tal-unitajiet eżistenti. L-istruttura għandha tindirizza d-diżastri relatati mal-klima li jirrappreżentaw l-oġġa riskju għas-Slovenja, bħall-għargħar u n-nirien kbar.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' riżoluzzjoni ġdida dwar il-programm nazzjonali ta' protezzjoni kontra diżastri naturali u diżastri oħra sal-31 ta' Diċembru 2023. Sat-30 ta' Ġunju 2026, it-territorju kollu tas-Slovenja u l-popolazzjoni kollha, b'enfasi partikolari fuq gruppi vulnerabbli, huma mistennija li jkunu koperti mill-istruttura tal-organizzazzjoni l-ġdida.

Riforma C. Ir-restawr u l-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima u d-diżastri relatati mal-klima fuq foresti reżiljenti u l-bijodiversità

Ir-riforma dwar il-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni tas-Slovenja (SWD (2020) 394)

billi trawwem il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti tal-art tal-forestrija, ittejjeb il-multifunzjonalità, il-protezzjoni tal-foresti u r-restawr tal-ekosistemi tal-foresti, b'mod partikolari wara eventi katastrofiċi.

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tintlaħaq kundizzjoni tajba ta' habitats u forestali sabiex jissaħħu s-servizzi ekoloġiċi u l-bijodiversità, u biex tinbena r-reżiljenza għat-theddid bħall-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-foresti.

Ir-regoli dwar il-Kundizzjonijiet għad-Dħul fir-Reġistru tal-Fornituri u obbligi oħra tal-fornituri u r-rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-foresti għandhom jiġu emendati biex jiżguraw il-kwalità xierqa tal-materjal riproduttiv tal-foresti. Ir-regoli dwar iċ-Ċertifikati għall-Materjal Riproduttiv tal-Foresti għandhom jiġu emendati biex itejbu t-traċċar u s-superviżjoni tal-esperti.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata mill-Ministeru tal-Agrikoltura, il-Forestrija u l-Ikel, permezz ta' emendi għar-Regoli dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul fir-reġistru tal-fornituri u obbligi oħra tal-fornituri u rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-foresti sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment E. Ir-reżiljenza soċjali u ekonomika għal diżastri relatati mal-klima fir-Repubblika tas-Slovenja

L-investiment għandu jistabbilixxi ċentri ddedikati għal miżuri ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons kontra diżastri kkawżati mill-klima, bħal għargħar u nirien kbar. Dan għandu jinkludi taħriġ għall-forzi tal-protezzjoni ċivili biex jiżguraw azzjonijiet integrati, kif ukoll miżuri ta' sensibilizzazzjoni għall-pubbliku ġenerali. Għandu jkopri wkoll id-diġitalizzazzjoni taċ-ċentru mibni għal rispons koordinat u l-aġġornament tan-numru ta' emerġenza 112.

Il-kostruzzjoni tal-infrastrutturi effiċjenti fl-enerġija meħtieġa għandha tqis il-ħtieġa li l-bini jiġi lokalizzat f'żona adegwata esposta għar-riskji rilevanti relatati mal-klima. Din għandha titwettaq mill-Ministeru tad-Difiża permezz ta' offerti pubbliċi kompetittivi li jqisu r-rekwiżiti tal-akkwist pubbliku ekoloġiku.

L-investiment għandu jkopri wkoll korsijiet ta' taħriġ biex jiġu indirizzati riskji speċifiċi, bħal għargħar u nirien kbar, fil-perjodu 2025–2026, kif ukoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fost il-gruppi fil-mira differenti fil-popolazzjoni fil-perjodu 2021–2026.

Il-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investiment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment F. It-tnaqqis tar-riskji tal-għargħar u t-tnaqqis tar-riskju għal diżastri oħra relatati mal-klima

L-investimenti għall-prevenzjoni tar-riskji ta' għargħar għandhom jinkludu sistemi ta' żamma tal-ilma u l-espanzjoni ta' żoni ta' tixrid eżistenti. Għandhom jagħtu prijorità lil soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-infrastrutturi ekoloġiċi sa fejn ikun possibbli. Barra minn hekk, investimenti speċifiċi għandhom jimmiraw ir-riskju ta' uqigħ tal-art.

Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jiġu inklużi fost il-kriterji tal-għażla tal-proġetti. L-investiment fit-tnaqqis tar-riskji ta' għargħar għandu jiġi implimentat permezz ta' ftehimiet dedikati mal-muniċipalitajiet. Il-proġetti għandhom jikkonformaw mal-annessi rilevanti tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) (C (2021) 2800 final) li jissupplementa r-Regolament (UE) 2020/852 dwar it-Tassonomija.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżura u l-oġġettivi intermedji u l-miri li għandhom jintlaħqu mis-Slovenja. B'mod partikolari, għandha tintwera konformità sħiħa u sostantiva mad-dispożizzjonijiet legali li japplikaw.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment G. Ċentru għaż-żrieragħ, mixtliet u protezzjoni tal-foresti

L-oġġettiv tal-investment huwa li jiżdiedu l-kwantità, il-kwalità u r-reżiljenza fit-tul tal-foresti tal-UE, b'mod partikolari kontra n-nirien, il-pesti u theddid ieħor li x'aktarx jiżdiedu minħabba t-tibdil fil-klima. Il-prattiki forestali favur il-bijodiversità għandhom jiġu żviluppati ulterjorment b'enfasi fuq il-preservazzjoni ġenetika u d-diversità ġenetika.

Il-bini tal-infrastrutturi tar-riċerka effiċjenti fl-enerġija meħtieġa, inkluż dipartiment taż-żrieragħ tal-foresti, dipartiment tal-mixtla tas-siġar, u dipartiment tal-protezzjoni tal-foresti, għandhom iqisu l-meħtieġa li l-infrastruttura u l-bażi tal-għarfien jiġu kkonċentrati għal aktar innovazzjoni, żvilupp u riċerka f'dan il-qasam.

Dan għandu jiġi implimentat mill-Istitut Sloven tal-Forestrija permezz ta' sejħiet pubbliċi għall-offerti li jqisu r-rekwiżiti tal-akkwist pubbliku ekoloġiku.

L-investment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment H. Proġetti ta' skariku u trattament tal-ilma urban mormi

L-investment għandu jiffinanzja l-konstruzzjoni ta' sistemi addizzjonali tal-ilma mormi front-to-end b'użu nett żero tal-enerġija u b'sistema tal-ilma mormi front-to-end biex iwasslu għal tnaqqis fl-użu medju tal-enerġija b'mill-inqas 10 % (biss permezz ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika u mhux permezz ta' bidliet materjali jew bidliet fit-tagħbija). L-investimenti għandhom jiffukaw fuq proġetti li jikkonċernaw sistemi tal-ilma mormi li jikkontribwixxu għal siti tan-Natura 2000 u żoni ta' protezzjoni tal-ilma.

L-investment għandu jiġi implimentat permezz ta' għotjiet lill-muniċipalitajiet għal proġetti magħżula mill-Ministeru tal-Ambjent u l-Ġestjoni tat-Territorju permezz ta' sejħa ddedikata għall-proġetti.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I. Proġetti ta' provvista u ffrankar tal-ilma tax-xorb

L-oġġettiv tal-investment huwa li jindirizza t-telf tal-ilma fis-Slovenja, li jibqa' sinifikanti minħabba l-età tal-infrastruttura tal-ilma.

L-investment jikkonsisti fil-bini ta' sistemi ta' provvista tal-ilma tax-xorb b'konsum medju tal-enerġija ta' ≤ 0.5 kWh jew Indiċi tat-Tnixxija Infrastrutturali (ILI) ta' ≤ 1.5 , u fir-rinnovazzjoni tas-sistemi eżistenti tal-provvista tal-ilma tax-xorb biex jitnaqqas il-konsum medju tal-enerġija b'aktar minn 20 % jew biex titnaqqas it-tnixxija b'aktar minn 20 %.

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz ta' għotjiet lill-muniċipalitajiet għal proġetti magħżula mill-Ministeru tal-Ambjent u l-Ġestjoni tat-Territorju permezz ta' sejħa ddedikata għall-proġetti.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

C.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trim estru	Sena	
74	C: Żieda fl-ipproċessar tal-injam biex tithaffet it-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima	Obiettivi intermedju	Għoti ta' kuntratti għall-appoġġ tal-ipproċessar tal-injam li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent	Komunikazzjoni dwar l-għotjiet				Q4	2024	Il-proġetti għandhom jippromwovu l-ipproċessar tal-injam b'mod ambjentalment san u effiċjenti fir-riżorsi u f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, il-konstruzzjoni sostenibbli, u l-użu tal-aħjar tekniki disponibbli. Il-kriterji tal-għażla tal-proġetti għandhom jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità.

² Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
75	C: Żieda fl-ipproċessar tal-injam biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima	Mira	Jitlestew il-proġetti għall-appoġġ tal-ipproċessar tal-injam li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent		Numru	0	8	Q2	2025	Jitlestew il-proġetti għall-appoġġ tal-ipproċessar tal-injam li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-objettiv intermedju 74.
76	C: Żieda fl-ipproċessar tal-injam biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima	Mira	Jitlestew il-proġetti għall-appoġġ tal-ipproċessar tal-injam li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent		Numru	8	28	Q2	2026	Jitlestew il-proġetti għall-appoġġ tal-ipproċessar tal-injam li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-objettiv intermedju 74. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 28 000 000.

F. KOMPONENT 6: IT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI TAL-EKONOMIJA

Il-kumpaniji Sloveni għadhom lura fil-pass tal-adattament għall-bidliet li għabt magħha d-diġitalizzazzjoni minħabba nuqqas ta' kompetenzi u ħiliet tal-impjegati u riżorsi limitati għall-investiment fit-tagħmir u t-teknoloġiji diġitali avvanzati.

F'dan l-isfond, l-oġġettivi ta' dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza huma li jżid l-effiċjenza u t-tkabbir tan-negozji, jappoġġa t-trasformazzjoni tagħhom permezz tat-teknoloġiji diġitali, jaċċellera użu akbar ta' teknoloġiji avvanzati, filwaqt li jadatta l-qafas regolatorju, itejjeb l-aċċess għas-suq, it-trasparenza u s-sigurtà, li fit-tul huwa mistenni li jżid il-kompetittività tal-pajjiż. Aktar integrazzjoni fil-ktajjen tal-valur globali tal-kumpaniji Sloveni għandha tiġi appoġġata permezz tal-involvement fi proġetti multinazzjonali.

Dawn l-investimenti u r-riformi se jikkontribwixxu għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja fl-2019 biex "[i]tnejn l-ambjent tan-negozju billi tnaqqas ir-restrizzjonijiet regolatorji u l-piż amministrattiv" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019) u fl-2020 biex "[t]iffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni [...] diġitali, [...] u t-tneidja tan-network 5G. Tippromwovi l-kapaċitajiet diġitali tan-negozji, u t-tisħiħ tal-ħiliet diġitali, il-Kummerċ elettroniku [...]" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: Trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija (negozju u industrija)

It-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija għandha tiġi appoġġata permezz tad-dħul fis-seħħ ta' Strateġija għat-Trasformazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi, linji gwida għall-akkwist innovattiv, u l-operazzjonalizzazzjoni ta' identità diġitali unika (identità elettronika) għall-kumpaniji. L-istrateġija għandha tipprevedi t-trasferiment ta' reġistri għal reġistru kummerċjali uniku. F'konformità mal-Istrateġija, mill-inqas 200 negozju għandhom jiksbu identità elettronika.

L-istrateġija għandha tinkludi wkoll pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod Komuni tal-Unjoni għall-Konnettività³, li għandu jiffoka fuq attivitajiet relatati ma' punt uniku ta' informazzjoni. Dawn tal-aħħar jistgħu jkun marbuta ma' reġistru uniku u identità elettronika tan-negozji.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-30 ta' Ġunju 2022.

Investiment B: Programm ta' Trasformazzjoni Diġitali Industrijali/Kummerċjali

³ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1307 dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni biex titnaqqas l-ispiża tal-implimentazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u biex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-ispettru tar-radju tal-5G li jiffavorixxi l-investiment, sabiex titwitta t-triq għall-konnettività b'appoġġ għall-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni

L-investment huwa mistenni li jżid il-produttività u t-tkabbir permezz tal-ottimizzazzjoni tal-proċessi u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, jiżviluppa l-ħiliet diġitali tal-impjegati, u jstimula l-kompetittività u l-innovazzjoni billi jiffaċilita d-dħul ta' parteċipanti ġodda fis-suq.

Sejħa kompetittiva għall-offerti għandha tidentifika proġetti speċifiċi għall-estensjoni tal-użu ta' teknoloġiji avvanzati biex jiżdiedu l-effiċjenza, il-produttività u l-kompetittività, u taċċellera l-adozzjoni tal-innovazzjoni diġitali u t-trasferiment tal-kompetenzi diġitali. Il-benefiċjarji għandhom ikunu konsorzji magħmula minn kumpaniji kbar u start-ups innovattivi. Il-kumpaniji għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġija komprensiva ta' trasformazzjoni diġitali biex jinkisbu l-oġettivi fis-sejħa għall-offerti.

L-oġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sal-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment C: L-istabbiliment ta' infrastruttura ibrida tal-cloud fil-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku u t-Teknoloġija

L-oġettiv tal-investment huwa li jiffaċilita l-aċċess tan-negozji għas-servizzi pubbliċi bl-użu tal-identità diġitali, b'mod partikolari billi jissimplifika l-proċessi (sejħiet għall-offerti, applikazzjoni, monitoraġġ, verifika) fl-implimentazzjoni ta' programmi ffinanzjati mis-settur pubbliku), u jtejjeb il-ħiliet diġitali.

L-investment għandu jħaddem l-infrastruttura l-għdida għall-ħolqien tal-cloud ibrida fil-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku u t-Teknoloġija, jiddefinixxi s-servizzi u l-funzjonalitajiet assoċjati, u jiżgura l-konnettività ma' sistemi diġitali oħra tal-amministrazzjoni pubblika.

L-oġjerelat mal-implimentazzjoni tal-investment għandu jitlesta sal-30 ta' Ġunju 2022.

Investiment D: Proġetti transkonfinali u multinazzjonali — Infrastruttura u servizzi tad-data komuni Ewropej

L-oġettivi tal-proġetti multinazzjonali dwar l-infrastruttura u s-servizzi tad-data komuni Ewropej huma li jiġi żviluppat u implimentat għall-ewwel installazzjoni industrijali tal-ġenerazzjoni l-għdida ta' infrastruttura u servizzi b'enerġija baxxa mill-edge sal-cloud, biex fl-aħħar mill-aħħar l-UE tiġi mġhamra b'kapaċitajiet ta' pproċessar ta' data industrijali globali, li jħarsu 'l quddiem, li huma ultra siguri u ekoloġiċi.

Dan il-proġett huwa ppjanat li jieħu l-forma ta' Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li jmiss.

Investiment E: Proġetti transkonfinali u multinazzjonali — Proċessuri b'konsum baxx tal-enerġija u Ċipep Semikondutturi

L-oġettivi tal-proġett multinazzjonali dwar Proċessuri b'konsum baxx tal-enerġija u Ċipep Semikondutturi huwa jsaħħu l-kapaċitajiet fid-disinn u jżidu r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur tas-semikondutturi tal-UE u Sloveni, il-konnessjoni tal-proċessi nazzjonali u tal-UE maċ-ċrieki tax-xogħol li jikkoinċidu, u t-tisħiħ tal-katina tal-valur tal-mikroelettronika permezz ta' (1) approċċ modulari (għodod u tagħmir, materjali, disinn, manifattura, imballaġġ u ttestjar), xprunati mill-ħtiġijiet tal-industrija, (2) id-definizzjoni ta' żvilupp għdid permezz tad-definizzjoni tal-ekosistema tal-mikroelettronika, (3) l-integrazzjoni tas-sistema tal-mikroelettronika fl-Ewropa.

Dan il-proġett jista' jieħ u l-forma ta' Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) ippjanat.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett għandhom jitlestew sal-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment F: Proġetti transkonfinali u multinazzjonali — Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi ta' Blockchain

L-oġġettivi tal-proġett multinazzjonali dwar l-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi ta' Blockchain (EBSI) huma li jissaħħa l-użu tal-EBSI fis-settur pubbliku, jiġi estiż l-użu tal-EBSI permezz tal-integrazzjoni mal-infrastrutturi nazzjonali, tissaħħa l-innovazzjoni, jiġu skambjati l-għarfien u l-aħjar prattiki, u jiżdiedu l-ħiliet.

Il-proġett għandu jaġġorna n-nodi eżistenti u billi jżid nodi ġodda fin-network, jikkonnettja u jintegra l-infrastrutturi tal-blockchain nazzjonali ta'dawk ta' mill-inqas tliet Stati Membri tal-UE u jintegra l-infrastrutturi nazzjonali mal-EBSI billi juża każijiet mill-qasam tal-identitajiet diġitali u oqsma rilevanti oħra.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2022.

F.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
77	A: Trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija (negozju u industrija)	Oġettiv intermedju	Adozzjoni ta' strateġija għat-trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi	Adozzjoni mill-gvern tal-istrateġija għat-trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi				Q4	2021	Għandha tiġi żviluppata u adottata mill-gvern strateġija ta' trasformazzjoni diġitali tan-negozju li tistabbilixxi l-passi bażiċi tat-trasformazzjoni diġitali. L-istrateġija għandha tiżgura li l-operaturi tan-negozju kollha fis-Slovenja jkunu rreġistrati f'reġistru wieħed, f'konformità mal-prinċipju ta' "darba biss" inkorporat fir-Regolament (UE) 2018/1724 dwar il-Gateway Diġitali Unika. L-istrateġija għandha tinkludi pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tas-Sett ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sen a	
										Għodod Komuni tal-Unjoni għall-Konnettività ⁴ , inklużi attivitajiet relatati ma' punt uniku ta' informazzjoni u skeda ta' żmien speċifika għat-tlestija ta' kull azzjoni.
78	A: Trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija (negożju u industrija)	Objettiv intermedju	Linji gwida għal akkwist pubbliku innovattiv	Linji gwida għal akkwist pubbliku innovattiv adottati mill-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja				Q2	2022	Il-linji gwida għall-akkwist innovattiv għandhom jiddefinixxu l-proċeduri tal-għażla u l-kriterji għall-parteċipazzjoni tal-applikanti fi proċeduri innovattivi tal-akkwist pubbliku.
79	A: Trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija (negożju u industrija)	Mira	Intrapriżi b'identità elettronika assenjata		Numru	0	200	Q2	2022	Mill-inqas 200 intrapriża għandhom jiksbu identità elettronika skont l-Istrateġija għat-trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi.
80	B: Programm ta' trasformazzjoni diġitali industrijali/kummer	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratti għal proġetti għat-trasformazzjon	Komunikazzjoni dwar l-għotjiet				Q2	2022	L-applikanti għandhom ikunu konsorzji jew forom oħra ta' integrazzjoni ta' kumpaniji, li jinkludu mill-inqas kumpanija

⁴ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1307 dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni biex titnaqqas l-ispiża tal-implimentazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u biex jiġi żgurat aċċess f'waqtu għall-ispettru tar-radju tal-5G li jiffavorixxi l-investment, sabiex titwitta t-triq għall-konnettività b'appoġġ għall-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	ċjali		i diġitali tal-intrapriżi							kbira waħda u diversi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u negozji ġodda. Il-kriterji tal-offerta għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, it-tisħiħ tal-kompetenzi diġitali tal-impjegati, u l-introduzzjoni tal-identità elettronika u tal-karta tan-negozju diġitali.
81	B: Aġenda ta' trasformazzjoni diġitali industrijali/kummerċjali	Mira	Konsorzji ta' kumpaniji bi strateġija diġitali prodotta		Numru	0	20	Q2	2022	Il-konsorzji mogħtija kuntratti taħt l-objettiv intermedju 80 għandhom jiżviluppaw strateġiji diġitali mfassla apposta għat-trasformazzjoni tan-negozju, it-teknoloġija, l-organizzazzjoni u l-kultura. Dawn għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, valutazzjoni tal-prontezza diġitali, l-identifikazzjoni tal-oqsma rilevanti għad-diġitalizzazzjoni, id-<i>data</i> u s-sorsi rilevanti, l-integrazzjoni tad-<i>data</i>, u l-ħtiġijiet tat-tagħlim.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sen a	
82	B: Aġenda ta' trasformazzjoni diġitali industrijali/kummerċjali	Mira	Konsorzji appoġġati bi trasformazzjon i diġitali komprensiva kompluta		Numru	0	20	Q2	2023	Proġetti kkompletati f'konformità mal-istrategġiji diġitali prodotti taħt l-obiettivi intermedju 81. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 44 000 000, li minnhom mill-inqas EUR 11 000 000 għandhom ikunu ddedikati għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.
83	D: Proġetti transkonfinali u multinazzjonali — Infrastruttura u Servizzi tad-Data Komuni Ewropej	Obiettivi intermedju	It-tnejn tas-sejħa għal espressjoni ta' interess fi proġett ġdid dwar il-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss.	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal espressjoni ta' interess				Q2	2021	Sejħa għal interess korporattiv fil-parteċipazzjoni fi proġett transkonfinali multinazzjonali ta' infrastrutturi u servizzi tad-data Ewropej komuni, ipplanat li jiġi implimentat bħala Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li jmiss
84	D: Proġetti transkonfinali u multinazzjonali —	Mira	Soluzzjonijiet għall-ipproċessar		Numru	0	7	Q2	2024	Il-proġetti integrati taħt l-obiettivi intermedju 83 għandhom jikkontribwixxu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sen a	
	Infrastruttura u Servizzi tad-Data Komuni Ewropej		tad-data żviluppati u integrati fil-fażi pilota							għall-iżvilupp u l-introduzzjoni inizjali tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' soluzzjonijiet cloud u edge innovattivi biex fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għall-bini ta' Infrastruttura tad-Data Komuni Ewropea u s-Servizzi ta' Proċessar Intelliġenti innovattivi assoċjati magħha.
85	E: Proġetti transkonfinali u multinazzjonali — Proċessuri b'konsum baxx tal-enerġija u Ċipep Semikondutturi	Objettiv intermedju	Finalizzazzjoni tal-lista ta' parteċipanti potenzjali fil-proġett komuni.	Finalizzazzjoni tal-lista				Q2	2021	Finalizzazzjoni tal-lista ta' parteċipanti fi proġett multinazzjonali fil-qasam tal-mikroeletronika, ippjanat li jiġi implimentat bħala Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI).
86	E: Proġetti transkonfinali u multinazzjonali — Proċessuri b'konsum baxx tal-enerġija u Ċipep Semikondutturi	Mira	Għadd ta' proġetti mibdija		Numru	0	3	Q2	2023	Proġetti mibdija f'oqsma speċifiċi (bħad-disinn taċ-ċipep tal-komunikazzjoni, l-iżvilupp ta' proċessi avvanzati tas-semikondutturi, l-integrazzjoni tas-sistema u cores għall-użu f'applikazzjonijiet differenti ta' mobilità intelliġenti, b'liet u komunitajiet intelliġenti,

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sen a	
										fabbriki intelliġenti) fil-katina tal-valur tal-proġett konġunt taħt l-objettiv intermedju 85.
87	F: Proġetti transkonfinali u multinazzjonali — Infrastruttura Ewropea ta' Servizi ta' Blockchain	Mira	Nodi tal-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain miftuħa fil-livell nazzjonali		Numru	0	8	Q2	2022	Infrastruttura tal-blockchain iffurmata minn nodi interkonnessi (tagħmir elettroniku konness ma' network u li jippreżenta indirizz IP). In-nodi għandhom jappoġġaw ħtiġijiet/servizzi addizzjonali li għandhom jinfetħu fil-livell nazzjonali.
88	F: Proġetti transkonfinali u multinazzjonali — Infrastruttura Ewropea ta' Servizi ta' Blockchain	Mira	Servizzi operati permezz tal-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain		Numru	0	6	Q4	2022	Is-servizzi għandhom jiġu identifikati permezz ta' programm għall-adottanti prekoċi u għandhom ikunu disponibbli f' konformità mal-orjentazzjonijiet tal-programm Ewropa Diġitali. Għandhom jiġu identifikati wkoll servizzi ġodda li jistgħu jiġu ttestjati fuq l-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain
89	C: L-istabbiliment ta' infrastruttura tal-cloud fil-	Objettiv intermedju	L-infrastruttura cloud hija	Cloud ibrida li tipprovdi infrastruttura u				Q2	2022	Il-cloud ibrida għandha tiffaċilita l-aċċess tan-negozji għas-servizzi pubbliċi permezz

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall- miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimest ru	Sen a	
	Ministeru tal- Iżvilupp Ekonomiku u t- Teknoloġija		operattiva	servizzi bażiċi tkun operattiva fil-Ministeru tal- Iżvilupp Ekonomiku u t- Teknoloġija						tal-użu tal-identità diġitali. Il- cloud computing ibridu jirreferi għall-użu tas-servizzi tal-cloud ibbażat fuq il-politika u kkoordinat fuq taħlita ta' servizzi online u servizzi tal- cloud pubbliċi.

G. KOMPONENT 7: IT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI TAS-SETTUR PUBBLIKU U TAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni relatati mal-amministrazzjoni pubblika bħall-iżgurar tal-kopertura tal-broadband fit-territorju kollu tas-Slovenja, l-adozzjoni tas-servizzi elettroniċi tas-settur pubbliku, l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' ġestjoni tad-*data*, il-ħiliet diġitali u t-tagħmir tal-impjegati taċ-ċivil, iċ-ċibersigurtà, u l-iżgurar tal-koordinazzjoni fil-ġestjoni tal-investimenti fl-ICT.

L-obiettiv tal-komponent huwa li jwieġeb għan-nuqqasijiet kritiċi identifikati fid-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku matul il-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, il-komponent għandu l-għan li jgħallq ambjent għal trasformazzjoni diġitali ta' suċċess, isaħħaħ il-gvern elettroniku, iżid il-ħiliet diġitali, u jtejjeb iċ-ċibersigurtà.

Il-komponent għandu jindirizza wkoll it-tranżizzjoni lejn soċjetà tal-Gigabits billi jtejjeb l-ambjent regolatorju u jsaħħaħ il-konnettività diġitali permezz ta' investiment fl-infrastruttura tal-broadband f'żoni li diffiċli jintlaħqu.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jikkontribwixxu għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja fl-2020 biex "l-investiment jiġi ffukat fuq [...] it-tranżizzjoni diġitali [...] u fuq l-introduzzjoni tan-network 5G. Tippromwovi l-kapaċitajiet diġitali tan-negozji, u t-tisħiħ tal-ħiliet diġitali, il-Kummerċ elettroniku [...]" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-obiettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

G.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: It-tisħiħ tal-governanza tat-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika

L-obiettivi tar-riforma huma li tittejjeb il-governanza tat-trasformazzjoni diġitali fl-amministrazzjoni pubblika. Dan huwa mistenni li jinkiseb permezz tal-adozzjoni ta' Strateġija għas-Servizzi Pubbliċi Diġitali 2021–2030 u l-istabbiliment ta' Kunsill għall-Iżvilupp tal-Informatika bħala korp ta' koordinazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali.

L-istrateġija dwar is-Servizzi Pubbliċi Diġitali 2021–2030 għandha tiġi adottata mill-gvern u għandha timmira lejn servizzi diġitali sempliċi u faċli jintużaw, li jiżguraw data għal servizzi u teħid ta' deċiżjonijiet aħjar, u li jipprovdu ambjent diġitali sigur, affidabbli u inklużiv.

Il-Kunsill għall-Iżvilupp tal-Informatika għandu jiffunzjona bħala korp maniġerjali għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet fis-settur pubbliku relatati mal-investiment tal-IT, l-istandards, is-sistemi tal-back-office u żviluppi teknoloġiċi oħra fejn il-kompatibbiltà tas-sistemi hija essenzjali għat-tħaddim u l-manutenzjoni tagħhom.

L-obiettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlestha sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma B: Il-ħolqien ta' ambjent għall-użu tas-servizzi elettroniċi mill-amministrazzjoni pubblika

L-oġġettivi tar-riforma huma li tipprovdi l-bażi legali adegwata għas-servizzi elettroniċi pprovduti mill-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' servizzi ta' identifikazzjoni elettronika.

Id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar is-Servizzi tal-Identità Elettronika u s-Servizzi Fiduċjarji u l-Att emendat dwar il-Karti tal-Identità għandhom joperazzjonalizzaw l-użu tal-identità elettronika nazzjonali għall-użu tas-servizzi pubbliċi u jipprovdu kundizzjonijiet bażiċi għall-kummerċ elettroniku. L-ID elettronika għandha tiġi rikonoxxuta b'mod transfruntier u nnotifikata bl-eIDAS.

L-oġġettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta u l-bidu tal-ħruġ tad-dokumenti tal-identifikazzjoni elettronika għandu jsir sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma C: L-immodernizzar tal-proċessi amministrattivi għal trasformazzjoni diġitali ta' suċċess

L-oġġettivi tar-riforma huma li tipprovdi l-bażi legali għad-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-servizzi pubbliċi.

L-att dwar il-Proċedura Amministrattiva Ġenerali u d-Digriet dwar il-Kummerċ Amministrattiv għandhom jiġu emendati biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri elettroniċi fil-proċessi amministrattivi.

L-oġġettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma D: L-istabbiliment ta' Ċentru ta' Kompetenza u ż-żieda tal-ħiliet tal-persunal fl-amministrazzjoni pubblika

L-għan tar-riforma huwa li ttejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-amministrazzjoni tal-istat.

Għandu jiġi stabbilit Ċentru ta' Kompetenza billi jiġi emendat l-Att dwar is-Servizz Ċivili u jsir operattiv. Iċ-Ċentru għandu jippromwovi approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-kompetenzi u għandu jaġixxi bħala ċentru ta' taħriġ, fost l-oħrajn, għall-ħiliet diġitali. Barra minn hekk, għandha tiġi adottata Strateġija ta' Ġestjoni tas-Servizz Ċivili dwar il-ġestjoni tat-talenti, l-iżvilupp tal-karriera, it-tagħlim tul il-ħajja, u r-realtajiet ġodda li gābet magħha l-pandemija tal-COVID-19.

L-oġġettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma E. L-iżgurar taċ-ċibersigurtà

L-għanijiet ta' din ir-riforma huma li jissaħħaħ il-livell strateġiku u operazzjonali tal-entitajiet li huma parti mis-sistema nazzjonali taċ-ċibersigurtà, billi jittejjbu l-interkonnnettività u l-kooperazzjoni tagħhom.

Il-kapaċità tal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza taċ-Ċibersigurtà (Sigov-CERT) u l-Amministrazzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja għas-Sigurtà tal-Infurmazzjoni (URSIV) għandha tissaħħaħ permezz tal-istabbiliment ta' awtorità ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, pjattaforma ta' Ċentru tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Infurmazzjoni, u pjattaforma tan-notifiki tal-inċidenti tas-sigurtà fl-URSIV.

Ir-riforma għandha ttlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma F. Tranżizzjoni lejn Soċjetà tal-Gigabits

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tikkontribwixxi għall-provvediment ta' kopertura tal-broadband fit-territorju kollu tar-Repubblika tas-Slovenja.

L-att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi għandu jiġi emendat biex jiġi ottimizzati l-proċeduri għall-kostruzzjoni ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika, tiżdied l-effiċjenza tal-kostruzzjoni konġunta, u l-prevedibbiltà tal-ambjent tan-negozju. Għandu jiġi adottat Pjan nazzjonali għall-Broadband mill-Gvern tas-Slovenja u għandu jistabbilixxi l-ħtiġijiet sabiex tiġi żviluppata kopertura tal-broadband fis-Slovenja sal-2025 u l-miżuri biex jintlaħaq dan l-għan.

L-oġettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Investiment G. L-immodernizzar tal-ambjent diġitali tal-amministrazzjoni pubblika

L-oġettivi tal-investiment huma li jiġi żviluppata servizzi elettroniċi ċċentrati madwar l-utent, tiġi aġġornata l-infrastruttura tal-IT fl-amministrazzjoni pubblika, jiġi implimentat proġett pilota għal ġestjoni sostenibbli awtomatizzata tal-bini pubbliki, u jitwasslu servizzi diġitali u jissaħħa l-iżvilupp tal-ħiliet għall-impjegati taċ-ċivil.

L-investiment jikkonsisti f'diversi sottoinvestimenti, b'mod partikolari:

- It-taħriġ fil-ħiliet diġitali għall-impjegati taċ-ċivil għandu jitlesta minn tal-inqas 40 000 parteċipant;
- Pjattaforma diġitali tal-leġislazzjoni elettronika għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-leġislazzjoni u r-regolamenti nazzjonali;
- Proġett multinazzjonali relatat mal-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni ta' QCI nazzjonali (infrastruttura ta' komunikazzjoni kwantistika) u l-konnessjoni tagħha ma' networks nazzjonali ta' pajjiżi ġirien u satelliti ddedikati għal networks oħra.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment H. Infrastruttura tal-gigabits

L-oġettiv tal-investiment huwa li jippermetti l-implimentazzjoni tal-infrastruttura għall-aċċess tal-broadband għal networks ta' kapacià għolja ħafna li jistgħu jiġu aġġornati.

L-investiment għandu jappoġġa l-kostruzzjoni ta' networks tal-broadband b'kapacià għolja ħafna għal mill-inqas 8500 unità domestika f' "żoni bojod", primarjament f'żoni skarsament popolati u terren diffiċli. Il-proġetti għandhom jimminimizzaw l-impatt fuq l-ispazju u l-ambjent billi jipprioritizzaw l-użu kondiviż tal-infrastruttura eżistenti u l-kostruzzjoni u l-integrazzjoni konġunti ma' investimenti oħra fl-infrastruttura.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I. Id-diġitalizzazzjoni tas-sigurtà interna

L-objettiv tal-investment huwa li tittejjeb u tiġi aġġornata t-teknoloġija disponibbli fil-livell tal-pulizija Slovena biex jiġu ottimizzati u appoġġati l-proċessi ta' ħidma.

Cloud privata interoperabbli mas-sistemi eżistenti fil-livell tal-istat Sloven għandha tiġi stabbilita u operattiva għall-ħtiġijiet tal-pulizija nazzjonali. Din il-cloud hija mistennija li tiżgura l-funzjonament bla xkiel tal-applikazzjonijiet tal-pulizija.

Għandha tiġi stabbilita u titħaddem infrastruttura tan-network tar-radju diġitali tat-TETRA mifruxa mal-istat kollu għall-ħtiġijiet tal-pulizija nazzjonali. In-network għandha tkun kompatibbli ma' sistemi tar-radju nazzjonali oħra ta' pajjiżi ġirien.

L-objettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment J. Id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, ix-xjenza u l-isport

L-objettiv tal-investment huwa li jiddiġitalizza l-proċess pedagoġiku u l-ġestjoni istituzzjonali għal-livelli kollha tal-edukazzjoni, jipprovdi informazzjoni adegwata u infrastruttura tal-komunikazzjoni, u jipprovdi servizzi elettroniċi rilevanti għall-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali. Għandhom jiġu żgurati l-konnettività b'veloċità għolja, il-ħżin tad-*data* u t-titjib tal-kompetenzi għad-*data* miftuħa u x-xjenza miftuħa fi ħdan l-organizzazzjonijiet tar-riċerka. Dan huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali u għat-tnaqqis tad-distakk diġitali.

L-investment għandu jiżgura b'mod partikolari:

- il-konnettività għall-istituzzjonijiet primarji u sekondarji, il-kulleġġi vokazzjonali għolja, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni għall-adulti;
- l-iżvilupp u l-operazzjonalizzazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda tal-IT biex tiġi appoġġata d-diġitalizzazzjoni tal-proċess pedagoġiku għal-livelli kollha tal-edukazzjoni;
- network ewlieni tal-fibrottika b'veloċità għolja bejn il-PoPs (punt ta' preżenza) tan-network Akkademiku u tar-Riċerka tas-Slovenja (Arnes) u r-repożitorji tad-*data* għall-preservazzjoni tar-riżultati tar-riċerka miftuħa;

Il-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment K. Qafas ta' lokalizzazzjoni ekoloġika Slovena

L-objettiv tal-investment huwa li titrawwem ġestjoni intelliġenti tal-ispazju bħala riżorsa naturali skarsa u tiġi limitata l-kostruzzjoni fuq art ġdida, filwaqt li tiżdied ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, huwa mistenni li jipprovdi *data* u servizzi spazjali f'ħin reali bbażati fuq l-użu kkombinat ta' rekords dwar il-proprjetà immobbli, l-ambjent, ir-rekords tal-ilma, l-infrastruttura pubblika ekonomika, u tal-art għall-bini.

L-investment għandu jiżgura li d-*data* diġitali spazjali u ambjentali ewlenija tkun interkonnessa. Dan huwa mistenni li jappoġġa l-iżvilupp u l-operazzjonalizzazzjoni tas-servizzi diġitali relatati b'mod partikolari mal-ambjent, iż-żoni tal-ġhargħar, il-politika dwar l-art fil-livell lokali u nazzjonali, u l-parteċipazzjoni pubblika fl-ippjanar spazjali.

Il-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment L. It-transizzjoni diġitali fl-agrikoltura, l-ikel u l-forestrija

L-objettiv tal-investment huwa li jissimplifika l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji tal-Politika Agrikola Komuni futura u għas-settur tal-forestrija, kif ukoll li jipprovdi *data* mtejba għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

L-investment jikkonsisti fl-iżvilupp b'mod partikolari ta' maħżen virtwali tad-*data* li huwa mistenni li jippermetti l-konnessjoni u d-distribuzzjoni tad-*data*, jappoġġa l-ħidma tal-Awtorità dwar is-Sikurezza Alimentari, Veterinarja u għall-Protezzjoni tal-Pjanti u jiddiġitalizza d-databases fit-trobbija tal-bhejjem. Is-servizzi elettroniċi għandhom jiġu żviluppati fl-oqsma tal-agrikoltura, l-ikel, il-forestrija, is-servizzi ta' konsulenza agrikola pubbliċi, u l-monitoraġġ u l-ispezzjoni fuq dik il-bażi.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investment M. Id-diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-kultura

L-objettiv tal-investment huwa li tiżdied l-aċċessibbiltà tal-wirt kulturali, jiġu ottimizzati l-proċessi tad-dikjarazzjoni tal-monumenti kulturali u jinkisbu kunsensi ta' protezzjoni kulturali għall-interventi tal-patrimonju, u jiġi appoġġat l-arkivjar elettroniku.

L-investment jikkonsisti fil-bini ta' pjattaforma ta' informazzjoni dwar il-kultura elettronika biex tittejjeb l-infrastruttura u tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-kontenut kulturali diġitali fil-proċessi tal-edukazzjoni mill-bogħod, filwaqt li jiġu żviluppati wkoll il-kompetenzi tal-kreaturi kulturali għall-ġenerazzjoni tal-kontenut diġitali fit-turiżmu. Is-servizzi elettroniċi għandhom ikunu operattivi u jintużaw minn istituzzjonijiet kulturali.

Sistema e-heritance biex timmodernizza u tistabbilixxi servizzi elettroniċi dinamiċi għall-protezzjoni tal-wirt kulturali u aġġornament tas-sistema Slovena e-ARH.si għall-proċess tal-arkivjar elettroniku hija mistennija li tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni ta' dan is-settur.

Il-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investment N. Id-diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja

L-objettiv tal-investment huwa li jtejjeb l-aċċessibbiltà tal-ġustizzja kemm għan-negozji kif ukoll għaċ-ċittadini.

L-investment għandu jħaffef id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-servizzi u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda tal-IT biex jiġi żgurat skambju komprensiv ta' informazzjoni u dokumentazzjoni legali u jikkontribwixxi għal riżoluzzjoni aktar mgħaġġla tal-litigazzjonijiet tal-qorti. Tagħmir awdjo-viżiv sigur u ta' kwalità għandu jtejjeb l-aċċess għaċ-ċittadini u l-kumpaniji. Għandhom jiġu żviluppati sistema għat-taħriġ mill-bogħod u d-diġitalizzazzjoni tal-eżamijiet għaċ-Ċentru ta' Taħriġ Ġudizzjarju.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

G.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
90	A: It-tisħiħ tal-governanza tat-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika	Oġettiv intermedju	Kunsill tal-Iżvilupp tal-Informatika tal-Amministrazzjoni tal-Istat stabbilit u operattiv	Adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-istabbiliment tal-Kunsill mill-gvern u l-ħatra tal-membri tiegħu mill-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika				Q4	2021	Il-Kunsill għandu jipprovdi punt ċentrali għall-amministrazzjoni pubblika għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet fil-livell operattiv relatati mal-investiment tal-IT, l-istandards, is-sistemi tal-back-office u żviluppi teknoloġiċi oħra fejn il-kompatibbiltà tas-sistemi hija essenzjali għat-tħaddim u l-manutenzjoni effiċjenti tagħhom.
91	B: Il-ħolqien ta' ambjent għall-użu tas-servizzi elettroniċi mill-amministrazzjoni pubblika	Oġettiv intermedju	Dokumenti tal-identità elettronika nazzjonali siguri	Bidu tal-ħruġ ta' karti tal-identità elettroniċi nazzjonali ġodda				Q2	2022	Għandhom jinħarġu l-ewwel karti tal-identità elettronika ġodda. Dan se jintuża fuq livell nazzjonali u transfruntier fil-kummerċ elettroniku. Il-karta tal-identità l-ġdida għandha tippermetti li-ċittadin jidentifika u

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										jawtentika b'mod elettroniku sabiex jaċċessa s-servizzi elettroniċi u jiffirma elettronikament. Il-bażi ġuridika għall-ħruġ ta' identità elettronica għandha tkun l-Att dwar is-Servizzi ta' Identità u Fiducia Elettroniċi u l-Att emendat dwar il-Karta tal-Identità (l-Att li jemenda l-Att dwar il-Karta tal-Identità). Is-sistema għandha tiġi nnotifikata skont l-eIDAS biex tkun konformi b'mod transfruntier.
92	D: L-istabbiliment ta' Ċentru ta' Kompetenza u ż-żieda tal-ħiliet tal-persunal fl-amministrazzjoni pubblika	Oġettiv intermedju	Ċentru ta' kompetenza stabbilit u operattiv	Iċ-Ċentru ta' Kompetenza huwa operattiv				Q4	2023	Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jiġi stabbilit permezz ta' emendi għall-Att dwar is-Servizz Ċivili. Iċ-Ċentru għandu jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sistema moderna u effiċjenti ta' ġestjoni tar-riżorsi umani permezz tal-iżvilupp ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										kompetenzi maniġerjali u operattivi differenti bħar-reklutaġġ, l-iżvilupp tal-karriera, u l-identifikazzjoni tat-talenti. Huwa għandu fost l-oħrajn jikkontribwixxi għat-titjib tal-kompetenzi diġitali tal-impjegati taċ-ċivil.
93	C: L-immodernizzar tal-proċessi amministrattivi għal trasformazzjoni diġitali ta' suċċess	Oġettiv intermedju	Tneħħija ta' ostakoli legali u amministrattivi għall-forniment ta' servizzi elettroniċi	Dispożizzjonijiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar il-Proċedura Amministrattiva Ġenerali u d-Digriet dwar il-Kummerċ Amministrattiv				Q4	2022	L-emendi għall-Att dwar il-Proċedura Amministrattiva Ġenerali u għad-Digriet dwar il-Kummerċ Amministrattiv għandhom jimmiraw lejn is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti legali għall-forniment ta' servizzi elettroniċi tal-amministrazzjoni pubblika u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-proċessi amministrattivi. Dawn għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, servizzi ta' pagament, appoġġ għall-iżvilupp ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										applikazzjonijiet elettroniċi, u s-sottomissjoni elettronika ta' dokumenti.
94	F: Tranżizzjoni lejn Soċjetà tal-Gigabits	Oġettiv intermedju	Adozzjoni ta' Pjan għall-Broadband 2021–2025	Il-Pjan tal-Broadband huwa adottat mill-gvern				Q2	2022	Il-pjan adottat għandu jstabbilixxi: 1. il-ħtieġa li jiġi żgurat networks tal-broadband adegwati fis-Slovenja sal-2025, f'konformità mal-oġettivi għall-Konnettività għal Soċjetà Ewropea tal-Gigabits 2025; 2. Pjan nazzjonali għall-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-5G; 3. il-bidliet meħtieġa għall-bażijiet ġuridiċi fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi; 4. miżuri biex jiżguraw żona xierqa tal-ispettru tar-radju fis-Slovenja, 5. miżuri konkreti meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet, 6. Indikaturi Ewlenin tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Prestazzjoni (KPIs) biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-iskadenzi stabbiliti
95	E: Żgurar taċ-ċibersigurtà	Oġettiv intermedju	Kapaċità akbar tal-amministrazzjoni pubblika biex tirrispondi għal inċidenti taċ-ċibersigurtà	Pjattaforma ta' ċentru tal-kondiviżjoni u tal-analiżi tal-informazzjoni, pjattaforma ta' notifika tal-inċidenti, u awtorità taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà huma operazzjonali				Q2	2026	Awtorità nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, pjattaforma li tiffunzjona taċ-Ċentru tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni (ISAC) fl-Amministrazzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja għas-Sigurtà tal-Informazzjoni, u pjattaforma ta' notifika ta' inċidenti tas-sigurtà li tiffunzjona fl-Amministrazzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja għas-Sigurtà tal-Informazzjoni għandhom jiġu stabbiliti u operattivi.
96	G: L-immodernizzar tal-ambjent diġitali tal-amministrazzjoni	Oġettiv intermedju	L-istabbiliment ta' network nazzjonali SI-EuroQCI	Network nazzjonali SI-EuroQCI huwa operattiv				Q2	2026	In-network nazzjonali SI-EuroQCI (infrastruttura ta' komunikazzjoni kwantistika sigura) għandu jkun operattiv u konness man-networks nazzjonali

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	joni pubblika									tal-pajjiżi ġirien u mal-kostellazzjoni ta' satelliti ddedikati
97	G: L-immodernizzar tal-ambjent diġitali tal-amministrazzjoni pubblika	Oġettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-pjattaforma tal-Leġislazzjoni Elettronika	Dħul fis-seħħ tal-pjattaforma tal-Leġislazzjoni Elettronika				Q4	2025	Pjattaforma diġitali unika għandha twettaq l-attivitajiet kollha relatati mal-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, għall-awtoritajiet pubbliċi kollha. Il-partijiet ikkonċernati esterni u l-pubbliku għandu jkollhom aċċess għall-pjattaforma diġitali permezz ta' portal nazzjonali leġislattiv legali aġġornat.
98	G: L-immodernizzar tal-ambjent diġitali tal-amministrazzjoni pubblika	Mira	Għadd ta' impjegati taċ-ċivil li lestew it-taħriġ fil-ħiliet diġitali		Numru	0	40000	Q2	2026	Mill-inqas 40 000 parteċipant għandhom ilestu t-taħriġ għall-kompetenzi diġitali. Dan jinkludi mill-inqas 1 000 speċjalist tal-IT (impjegati taċ-ċivil) li għandhom ilestu taħriġ avanzat.
99	H:	Mira	Unitajiet domestiċi		Numru	0	8500	Q2	2026	Mill-inqas 8 500 unità

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	Infrastruttura tal-gigabits		addizzjonali b'aċċess għall-broadband							domestika addizzjonali b'konnessjonijiet tal-broadband li jistgħu jiġu aġġornati b'kapasità għolja ħafna. Dawn l-unitajiet domestiċi għandhom ikunu jinsabu f'żoni skarsament abitati u f'żoni fejn ma teżisti l-ebda infrastruttura tal-broadband b'kapasità għolja ("żoni bojod").
100	I. Id-diġitalizzazzjoni tas-sigurtà interna	Mira	L-utenti tan-Network tar-Radju Diġitali tal-Pulizija l-ġdid (TETRA)		Numru	0	11 000	Q4	2022	In-network tar-radju diġitali tal-awtoritajiet nazzjonali tar-Repubblika tas-Slovenja huwa ppjanat li jkollu 11 000 utent. In-network għandu juża frekwenzi tar-radju kkoordinati tal-UE għas-sigurtà pubblika u għandu jkun kompatibbli mas-sistemi nazzjonali tar-radju tal-pajjiżi ġirien.
101	I. Id-diġitalizzazzjoni tas-sigurtà	Oġettiv intermedju	Il-cloud privata tal-pulizija tkun operattiva	Il-cloud privata tal-pulizija tkun operattiva				Q4	2025	L-applikazzjonijiet għall-appoġġ tal-oqsma tal-prevenzjoni tal-kriminalità, is-sigurtà pubblika, il-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	interna									kontrolli fil-fruntieri u l-proċessi tan-negozju għandhom jiġu installati u użati fil-cloud.
102	K: Qafas ta' lokalizzazzjoni ekoloġika Sloven	Mira	Infrastruttura ta' <i>data</i> diġitali spazjali u ambjentali interkonnessa		Numru	0	4	Q4	2025	Id-databases ta' eProstor, eEnvironment, eVodes, ENATUR għandhom ikunu interkonnessi. L-infrastruttura għandha tiżgura l-integrazzjoni tal-proċessi, id-data u s-servizzi u l-aċċess għad-data u s-servizzi diġitali fl-oqsma tal-ispazju, l-ambjent, il-proprjetà immobbli, l-ilma u n-natura. Hija mistennija li sservi bħala bażi għall-iżvilupp ta' servizzi diġitali relatati.
103	L: It-tranżizzjoni diġitali fl-agrikoltura, l-ikel u l-forestrija	Mira	Servizzi elettroniċi operattivi għodda fl-agrikoltura, l-ikel u l-forestrija		Numru	0	15	Q4	2024	Huwa mistenni li jiġu żviluppati u operattivi total ta' 15-il servizz elettroniku. Is-servizzi elettroniċi għandhom jinkludu b'mod partikolari: • L-appoġġ għall-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall- miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trime stru	Sena	
										implimentazzjoni tal-kompiti tal-Amministrazzjoni tas-Sikurezza Alimentari, Veterinarja u tal-Protezzjoni tal-Pjanti • Sistemi għall-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni (bażijiet tad- <i>data</i> tat-trobbija tal-annimali). • Għodda ta' monitoraġġ sostenibbli għall-attivitajiet agrikoli • Sistema ta' informazzjoni li tappoġġa spezzjonijiet intelliġenti u mmirati biex jiġu żgurati l-konformità, is-sikurezza u r-regolamentazzjoni tal-art agrikola • it-tagħmir elettroniku u l-operabbiltà elettronika tas-servizz pubbliku tal-forestrija • Id-definizzjoni ta' żoni permezz ta' serje kronoloġika ta' <i>data</i>

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall- miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trime stru	Sena	
										satellitari • il-kisba u l-użu ta' immaġni satellitari (għal żoni speċifiċi) b'riżoluzzjoni għolja
104	L: It- tranżizzjoni diġitali fl- agrikoltura, l-ikel u l- forestrija	Mira	Servizzi elettroniċi operattivi għodda fl- agrikoltura, l-ikel u l- forestrija		Numru	15	32	Q2	2026	Huwa mistenni li jiġu żviluppati u operattivi total ta' 32 servizz elektroniku (inklużi s-servizzi elettroniċi taħt il-mira 103). Is-servizzi għandhom jinkludu b'mod partikolari: • Appoġġ għall- implimentazzjoni tal- kompiti tal- Amministrazzjoni tas- Sikurezza Alimentari, Veterinarja u tal- Protezzjoni tal-Pjanti • Sistemi għall- implimentazzjoni tal- politika agrikola komuni (bażijiet tad-data dwar it- trobbija tal-annimali, maħżen virtwali tad-data) • Kompiti tas-servizz pubbliku ta' konsulenza agrikola • Għodda ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										monitoraġġ sostenibbli għall-attivitajiet agrikoli • Sistema ta' informazzjoni għall-appoġġ ta' spezzjonijiet intelliġenti u mmirati biex jiġu żgurati l-konformità, is-sikurezza u r-regolamentazzjoni tal-art agrikola • Sistema ta' Informazzjoni dwar e-Forest, applikazzjoni e-Forest
105	N: Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja	Mira	Sistemi tal-IT ġodda jew imtejba li qed jintużaw minn istituzzjonijiet ġudizzjarji		Numru	0	12	Q2	2026	Total ta' 12-il sistema tal-IT għall-użu fis-sistema ġudizzjarja għandhom jiġu żviluppati jew aġġornati. Is-sistemi tal-IT għandhom, fost l-oħrajn, jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' vidjokonferenzjar, sistema għal taħriġ mill-bogħod u sistema għad-diġitalizzazzjoni tal-eżamijiet fi ħdan iċ-Ċentru ta' Taħriġ Ġudizzjarju.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
106	J: Id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, ix-xjenza u l-isport	Mira	Istituzzjonijiet edukattivi addizzjonali b'konnessjonijiet ottiċi ogħla minn 1 Gbps		Numru	0	228	Q4	2023	228 istituzzjonijiet tal-edukazzjoni primarja u sekondarja kif ukoll organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni għall-adulti għandhom ikunu konnessi ma' konnessjonijiet ottiċi b'aktar minn 1Gbps. Dan huwa mistenni li jkopri madwar 20 % tal-istabbilimenti edukattivi fil-pajjiż, u madwar 40 000 student. L-iskejjel sekondarji kollha, l-istituzzjonijiet għat-tfal u ż-żgħażaġh bi bżonnijiet speċjali u dormitorji tal-istudenti għandhom ikunu koperti mill-investiment.
107	J: Id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, ix-xjenza u l-isport	Mira	Konnessjonijiet ottiċi ewlenin addizzjonali ta' 100 Gbps		Numru	0	40	Q4	2023	Il-konnessjonijiet ottiċi ewlenin għandhom jgħaqqdu n-nodi tad-data tal-istituti pubbliċi fin- <i>Network Akkademiku</i> u ta' <i>Riċerka tas-Slovenja</i> Mill-inqas 40 konnessjoni

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										ottika fuq distanza twila ta' 100 Gbps għandhom jiġu installati b'mod permanenti, li huma mistennija li jkopru mill-inqas 75 % tal-konnessjonijiet kollha bejn l-istituti pubbliċi.
108	J: Id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, ix-xjenza u l-isport	Mira	Soluzzjonijiet ġodda tal-IT użati fit-tagħlim, l-apprendiment, l-isport u l-monitoraġġ tal-gradwati tal-edukazzjoni vokazzjonali		Numru	0	12	Q4	2025	Total ta' 12-il soluzzjoni ġdida tal-IT (applikazzjonijiet u servizzi diġitali) għandhom jiġu żviluppati u użati mill-istituzzjonijiet edukattivi, l-istituzzjonijiet sportivi pubbliċi, l-organizzazzjonijiet sportivi, li għandhom jintużaw bħala provvisti ta' ttestjar fit-tagħlim, l-apprendiment, l-isport u l-monitoraġġ tal-gradwati vokazzjonali u professjonali. Dawn għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, applikazzjonijiet għad-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										diġitalizzazzjoni tal-kurrikuli, għall-appoġġ tal-qari ta' kotba elettroniċi, għall-appoġġ tat-tagħlim ibbażat fuq il-proġetti, u għall-intraċċar tal-impjegabbiltà tal-gradwati tal-edukazzjoni vokazzjonali.
109	M: Id-diġitalizzazzjoni fil-kultura	Mira	Istituzzjonijiet kulturali b'servizzi elettroniċi dinamiċi operazzjonali		Numru	0	20	Q4	2025	Is-servizzi elettroniċi għad-diġitalizzazzjoni tal-kontenut u l-proċessi kulturali, l-integrazzjoni tal-kontenut kulturali diġitali fil-proċessi edukattivi mill-bogħod, u l-appoġġ għall-istadji kollha tax-xogħol mal-wirt kulturali għandhom ikunu operattivi u jintużaw mill-istituzzjonijiet kulturali.

H. KOMPONENT 8: RDI - RIĊERKA, ŻVILUPP U INNOVAZZJONI

Il-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni tas-Slovenja għadha subottimali. Il-livell tan-nefġiet għar-riċerka u l-innovazzjoni u l-effettività tagħhom għadu modest, u dan jillimita l-prestazzjoni xjentifika u teknoloġika tal-pajjiż. Il-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni għat-**tkabbir tal-produttività** u l-kompetittività huwa għalhekk limitat, inkluż lejn it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika.

L-oġġettivi ta' dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza huma li jtejjeb il-governanza u l-koordinazzjoni tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, iżid il-livell ta' investimenti pubbliċi u privati fir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll l-effiċjenza u l-effettività tagħhom. Dan jiżgura li r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI) ikunu mutur kritiku tal-produttività u t-**tkabbir ekonomiku**. Il-miżuri proposti jiżguraw ukoll li r-riċerka u l-innovazzjoni jkunu faċilitatur ewlieni għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Dawn l-investimenti u r-riformi jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż indirizzati lis-Slovenja fl-2019 biex “[t]iffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni,” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019) u 2020 biex “[t]iffoka l-investment fuq [...] ir-riċerka u l-innovazzjoni” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 innotat li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kien qed ipoġġi l-RDI tan-negozji f'riskju u li għalhekk kien meħtieġ investment biex jgħin lill-intrapriżi innovattivi żgħar u ta' daqs medju jżidu l-produzzjoni tagħhom. Barra minn hekk, rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-akkademja u n-negozji huma essenzjali biex l-għarfien jiġi tradott b'suċċess f'innovazzjoni, tittejjeb il-prestazzjoni tal-RDI tal-pajjiż, u jiġi xprunat it-**tkabbir ekonomiku** u jiġi appoġġat l-użu ta' innovazzjonijiet li huma kritiċi għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

H.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: It-tħaddim u l-ġestjoni tas-sistema tal-RDI

L-oġġettivi tar-riforma huma li jiżiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-investment pubbliku fl-RDI, li jinħoloq ambjent ta' riċerka u innovazzjoni kompetittiv u li jħalli impatt, u li tingħata spinta lill-isforzi tal-RDI fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' Att ġdid dwar Attivitàjiet ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni; l-introduzzjoni ta' mudell ġdid ta' governanza u integrazzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni (inkluż il-**ħolqien ta' Kumitat Konġunt tal-Programm**); l-istabbiliment ta' sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-politiki tal-RDI; it-tisħiħ u l-għoti tas-setgħa liż-żewġ aġenziji ta' riċerka eżekuttivi; u t-tisħiħ tal-ambjent ta' appoġġ ta' entitajiet u networks diġà stabbiliti fil-livell nazzjonali u internazzjonali għall-promozzjoni tal-flussi tal-għarfien u l-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji.

L-oġġettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sal-30 ta' Ġunju 2022.

Investiment B: Kofinanzjament ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni

L-oġġettivi tal-investiment huma li jippromwovi kollaborazzjoni fit-tul bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-intrapriżi l-kbar u l-SMEs fl-oqsma tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u li jiżgura l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-istrumenti ta' appoġġ għall-RDI.

L-investiment jikkonsisti fil-kofinanzjament ta' proġetti kollaborattivi bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u n-negozji fil-livelli kollha tal-iżvilupp teknoloġiku. Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' żewġ sejħiet għal proposti biex jintgħażlu konsorzji ta' organizzazzjonijiet tar-riċerka u negozji. EUR 20 000 000 għandhom jiġu ddedikati għal programmi kollaborattivi kbar fit-tul fir-riċerka industrijali u l-iżvilupp sperimentali, u EUR 45 000 000 għal investimenti intraprenditorjali fl-RDI f'livelli oġġla ta' żvilupp teknoloġiku.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment C: Kofinanzjament ta' proġetti biex tissaħħaħ il-mobbiltà internazzjonali ta' riċerkaturi u organizzazzjonijiet ta' riċerka Sloveni u biex jiġi promoss l-involviment internazzjonali tal-applikanti Sloveni

L-oġġettivi tal-investiment huma li jtejjeb l-eċċellenza xjentifika, il-kapaċità tar-riċerka, it-trasferiment u ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien permezz tal-promozzjoni tal-mobilità internazzjonali u intersettorjali u l-integrazzjoni mill-ġdid tar-riċerkaturi fix-xenarju tar-RŻI Sloven.

L-investiment jikkonsisti f'erba' sejħiet pubbliċi għall-għażla u l-finanzjament ta' proġetti li jippromwovu l-mobbiltà u/jew ir-riintegrazzjoni u l-finanzjament tal-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-RDI u l-bini tal-kapaċità għall-akkwist u t-trasferiment tal-għarfien għas-settur tar-riċerka Sloven f'konformità mal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie ta' Orizzont Ewropa.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment D: Kofinanzjament ta' investimenti fi proġetti ta' dimostrazzjoni tal-RDI u piloti

L-oġġettivi tal-investiment huma li tittejjeb il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tas-Slovenja billi jiżdied l-investiment pubbliku u privat fir-RŻI, tissaħħaħ il-koooperazzjoni pubblika-privata u l-ekosistema usa' tal-innovazzjoni, u jitrawwem l-investiment intraprenditorjali għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari b'rabta mal-ekonomija ċirkolari.

L-investiment jikkonsisti f'sejħa pubblika biex jintgħażlu proġetti minn konsorzji ta' kumpaniji u organizzazzjonijiet ta' riċerka. Huwa għandu jikkofinanzja l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fir-riċerka industrijali u l-iżvilupp sperimentali, l-ittestjar u l-istabbiliment ta' soluzzjoni fid-dinja reali.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment E: L-istabbiliment tal-Istitut Nazzjonali tal-Ikel bħala pilastru ċentrali tal-ekosistema tal-innovazzjoni fil-ktajjen tal-provvista tal-ikel

L-oġġettivi tal-investiment huma li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni lejn produzzjoni tal-ikel ta' kwalità u aktar sostenibbli, li jippromwovi r-riċerka fil-qasam tan-nutrizzjoni tal-bnedmin, li jnaqqas l-impronta ambjentali u klimatika tas-sistema alimentari nazzjonali, u li jsaħħaħ it-trasferiment tal-għarfien fil-prattika.

L-investiment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' istituzzjoni operattiva għall-RDI u t-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-qasam tal-provvista tal-ikel u l-iżvilupp u l-infrastruttura tar-riċerka fis-settur tal-ikel.

L-objettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tal-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

H.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
110	A: It-tħaddim u l-ġestjoni tas-sistema tal-RDI	Oġettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' Att dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni wara l-adozzjoni mill-Parlament				Q2	2022	L-att għandu jimmira li jżid l-effiċjenza u l-koordinazzjoni tal-governanza tal-RDI. L-att għandu, fost l-oħrajn, iżid u jistabbilizza l-finanzjament pubbliku għall-attivitajiet tal-RDI, iżid l-awtonomija tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika, jistabbilixxi elementi ta' finanzjament ibbażati fuq ir-risultati, jistimula l-kooperazzjoni tar-riċerkaturi ma' proġetti ta' riċerka u negozju tal-UE, u jippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni u l-mobbiltà intersettorjali u t-trasferiment tal-għarfien.
111	A: It-tħaddim u l-ġestjoni tas-sistema tal-RDI	Oġettiv intermedju	Kumitat Konġunt tal-Programm stabbilit u operattiv	Kumitat Konġunt tal-Programm stabbilit u operattiv b'deċizzjoni dwar il-ħatra u l-kompiti tal-kumitat mill-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja				Q2	2022	Il-Kumitat Konġunt tal-Programm għandu jippermetti koordinazzjoni stabbli u kontinwa kemm fil-livell strateġiku kif ukoll f'dak operazzjonali, inkluża l-koordinazzjoni bejn l-istrumenti ta' twettiq tal-RDI irrISPettivament mis-sors ta' finanzjament.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
112	B: Kofinanzjam ent ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka b'appoġġ għat- tranżizzjoni ekoloġika u d- diġitalizzazz joni	Objettiv intermedju	Deċiżjoni dwar l- għażla għal programmi biex jiġu żviluppati soċjetà, ekonomija, reżiljenza u adattament għat- tibdil fil-klima b'livell baxx ta' karbonju	Komunikazzjoni tad- deċiżjoni dwar l-għażla				Q4	2024	Il-programmi magħżula għandhom jiffukaw fuq ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Huma għandhom jappoġġaw l-iżvilupp industrijali u r-riċerka sperimentali. Il-finanzzjament għandu jkun sa EUR 5 000 000 għal kull programm. L-ammont totali ta' finanziajment għandu jkun mill-inqas EUR 10 000 000. Il-programmi għandhom jappoġġaw konsorzji ta' kumpaniji u organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika biex iwettqu proġetti ta' RDI. Il-programmi appoġġati għandhom jinkoraġġixxu lis-sħab tal-konsorzju biex jinvolvu ruħhom fi ktajjen ta' valur u għarfien globali għall-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomija Slovena u biex isaħħu l-ambjent ta' appoġġ għall-proċessi ta' żvilupp tal-innovazzjoni. Il-programmi għandhom ikunu teknoloġikament newtrali f'termini

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
										tal-impatt ambjentali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mal-elementi ta' riċerka u innovazzjoni kannella bħall-faħam, iż-żejt, il-gass naturali mhux koperti mill-Anness III tal-Gwida Teknika tad-DNSH, l-idroġenu blu u griż, l-inċineraturi u s-siti tal-miżbljet, għandhom jiġu esklużi.
113	B: Kofinanzjament ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni	Objettiv intermedju	Deċiżjoni dwar l-għażla għal programmi fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali	Komunikazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-għażla				Q4	2024	Il-programmi magħżula għandhom jiffukaw fuq id-diġitalizzazzjoni u t-trasformazzjonijiet diġitali. Huma għandhom jappoġġaw ir-riċerka industrijali u l-iżvilupp sperimentali. Il-finanzjament għandu jkun sa EUR 5 000 000 għal kull programm. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 10 000 000. L-għażla tal-programmi għandha tappoġġa konsorzji ta' kumpaniji u organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika biex iwettqu proġetti ta' RDI. Il-programmi appoġġati

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
										għandhom jinkoraġġixxu lis-sħab tal-konsorzju biex jinvolve ruħhom fi ktajjen ta' valur u għarfien globali għall-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomija u l-komunità tar-riċerka Sloveni u biex isaħħu l-ambjent ta' appoġġ għall-proċessi ta' żvilupp tal-innovazzjoni. Il-proġetti għandhom ikunu teknoloġikament newtrali f'termini tal-impatt ambjentali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mal-elementi ta' riċerka u innovazzjoni kannella bħall-faħam, iż-żejt, il-gass naturali mhux koperti mill-Anness III tal-Gwida Teknika tad-DNSH, l-idroġenu blu u griż, l-inċineraturi u s-siti tal-miżbljet, għandhom jiġu esklużi.
114	B: Kofinanzjament ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka	Oġettiv intermedju	Deċiżjoni dwar l-għażla għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-ekonomija ċirkolari	Komunikazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-għażla				Q4	2024	Il-proġetti magħżula għandhom jappoġġaw ir-riċerka, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kooperazzjoni bejn in-negozji li jiffokaw fuq l-ekonomija ċirkolari. L-appoġġ għandu jkun sa EUR 500 000 għal kull proġett.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
	b'appoġġ għat- tranżizzjoni ekoloġika u d- diġitalizzazz joni									Il-proġetti għandhom ikunu teknoloġikament newtrali f'termini tal-impatt ambjentali fil-livell tal- applikazzjoni tagħhom. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mal- elementi ta' riċerka u innovazzjoni kannella bħall-faħam, iż-żejt, il-gass naturali mhux koperti mill-Anness III tal-Gwida Teknika tad-DNSH, l- idroġenu blu u griż, l-inċineraturi u s- siti tal-miżbliet, għandhom jiġu esklużi.
115	B: Kofinanzjam ent ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka b'appoġġ għat- tranżizzjoni ekoloġika u d- diġitalizzazz joni	Mira	Proġetti kkompletati għall- iżvilupp ta' soċjetà u ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, reżiljenza u adattament għat- tibdil fil-klima		Numru	0	2	Q2	2026	Proġetti li tlestew b'suċċess għall- iżvilupp ta' soċjetà u ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, reżiljenza u adattament għat-tibdil fil-klima f'konformità mal- kriterji taħt l-objettiv intermedju 112.
116	B:	Mira	Proġetti		Numru	0	2	Q2	2026	Proġetti li tlestew b'suċċess fil-qasam

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
	Kofinanzjam ent ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka b'appoġġ għat- tranżizzjoni ekoloġika u d- diġitalizzazz joni		kkompletati fil- qasam tad- diġitalizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali							tad-diġitalizzazzjoni u t- trasformazzjoni diġitali f'konformità mal-kriterji taħt l-obiettivi intermedju 113.
117	B: Kofinanzjam ent ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka b'appoġġ għat- tranżizzjoni ekoloġika u d- diġitalizzazz joni	Mira	Proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal- ekonomija ċirkolari kkompletati		Numru	0	50	Q4	2025	Proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal- ekonomija ċirkolari li tlestew b'suċċess f'konformità mal-kriterji taħt l-obiettivi intermedju 114.
118	B: Kofinanzjam	Mira	Proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-		Numru	50	95	Q2	2026	Proġetti li tlestew b'suċċess f'konformità mal-kriterji taħt l-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
	ent ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni		ekonomija ċirkolari kkompletati							objettiv intermedju 114. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 45 000 000.
119	C: Kofinanzjament ta' proġetti biex tissaħħal il-mobbiltà internazzjonali ta' riċerkaturi u organizzazzjonijiet ta' riċerka Sloveni u biex jiġi promoss l-involvement	Mira	Proġetti kkompletati għall-mobbiltà u/jew ir-riintegrazzjoni tar-riċerkaturi Sloveni		Numru	0	88	Q2	2026	Il-proġetti għandhom jappoġġaw permezz ta' għotja sa tliet snin l-ispejjeż tal-mobbiltà tar-riċerkaturi li kisbu valutazzjoni pożittiva jew eċċellenti iżda li ma ntgħażlux għall-finanzjament taħt is-Sejħiet għal Proposti ta' Orizzont Ewropa (b'mod indikattiv 52 riċerkatur). Proġetti oħra għandhom jappoġġaw ir-riintegrazzjoni tar-riċerkaturi fis-Slovenja li temmew b'suċċess proġetti taħt Orizzont Ewropa billi jipprovdu sa sentejn (2) ta' appoġġ (b'mod indikattiv 36 riċerkatur).

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
	internazzjon ali tal- applikanti Sloveni									
120	D: Kofinanzjam ent ta' investiment fi proġetti ta' dimostrazzjo ni tal-RDI u pilotti	Objettiv intermedju	Għażla kkompletata għal proġetti fi skemi pilota RŻI fil- qasam tal- ekonomija ċirkolari	Komunikazzjoni tad- deċiżjonijiet				Q4	2024	Il-proġetti pilota tal-RDI magħżula għandhom jiffukaw fuq l-ekonomija ċirkolari u għandhom jappoġġaw il-proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kooperazzjoni bejn in-negozji. L-appoġġ għandu jkun sa EUR 1 000 000 għal kull proġett. Il-proġetti għandhom ikunu teknoloġikament newtrali f'termini tal-impatt ambjentali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mal-elementi ta' riċerka u innovazzjoni kannella bħall-faħam, iż-żejt, il-gass naturali mhux koperti mill-Anness III tal-Gwida Teknika tad-DNSH, l-idroġenu blu u griż, l-inċineraturi u s-siti tal-miżbljet, għandhom jiġu esklużi.
121	D: Kofinanzjam	Mira	Proġetti pilota RDI kkompletati fil-		Numru	0	15	Q4	2025	Proġetti li tlestew b'suċċess f'konformità mal-kriterji taħt l-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
	ent ta' investiment fi proġetti ta' dimostrazzjoni tal-RDI u piloti		qasam tal-ekonomija ċirkolari							objettiv intermedju 120.
122	D: Kofinanzjament ta' investiment fi proġetti ta' dimostrazzjoni tal-RDI u piloti	Mira	Proġetti pilota RDI kkompletati fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari		Numru	15	30	Q2	2026	Proġetti li tlestew b'suċċess f'konformità mal-kriterji taħt l-objettiv intermedju 120. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 30 000 000.
123	E: L-istabbiliment tal-Istitut Nazzjonali tal-Ikel bħala pilastru ċentrali tal-ekosistema tal-innovazzjoni fil-ktajjen tal-provvista	Objettiv intermedju	Bidu tal-operat tal-Istitut Nazzjonali tal-Ikel	Bidu tal-operat tal-Istitut Nazzjonali tal-Ikel				Q4	2025	L-Istitut għandu jappoġġa l-RDI u t-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-qasam tal-provvista u l-iżvilupp tal-ikel. Għandu jipprovdi infrastruttura tal-iżvilupp u r-riċerka alimentari, u għandu jinkludi spazju ta' art għall-attivitajiet tal-RDI fl-industrija tal-ipproċessar tal-ikel ta' mill-inqas 2 200 metru kwadru. Bini ġdid għandu jikkonforma mar-rekwiżiti għal bini b'emissjonijiet kważi żero.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
	tal-ikel									

I. KOMPONENT 9: ŻIEDA FIL-PRODUTTIVITÀ, AMBJENT FAVOREVOLI GĦAN-NEGOZJU GĦALL-INVESTITURI

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-livell baxx tal-investimenti tas-settur privat fis-Slovenja billi jtejjeb ir-regolamentazzjoni tas-swieq kapitali, jirrifirma l-prinċipji tal-appoġġ pubbliku għall-investimenti privati, u billi jipprovdi finanzjament għal investimenti mill-intrapriżi.

L-oġġettivi tal-komponent huma li jissaħħu s-sorsi alternattivi u mhux bankarji ta' finanzjament, li jiġi ffaċilitat l-investment tad-ditti fit-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali l-aktar avvanzati u produttivi ħafna, u li jissaħħaħ il-qafas ta' appoġġ għall-kumpaniji.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja fl-2019 biex “tappoġġa l-iżvilupp ta' swieq tal-ekwità” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019) u 2020 biex ttipprovdi “likwidità u finanzjament lin-negozji u lill-unitajiet domestiċi [...] tippromwovi l-investment privat biex jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku” u biex “tiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

I.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: It-tishih tas-swieq kapitali

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ssaħħaħ is-swieq kapitali fis-Slovenja.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' Att ġdid dwar forom ta' fondi ta' investment alternattivi, li għandu jiddefinixxi t-tipi ta' fondi ta' investment alternattivi. Dan l-Att il-ġdid għandu jibni fuq ir-riżultati tal-proġett tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali “It-tisħiħ tas-segment tal-Fond ta' Investment Alternattiv (AIF)”.

Barra minn hekk, għandha tiġi adottata strateġija għas-suq tal-kapital Sloven, li tistabbilixxi miżuri speċifiċi għal aktar żvilupp, li tibni fuq ir-riżultati tal-proġett tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali “It-Tisħiħ u l-Iżvilupp tas-Swieq Kapitali fis-Slovenja”.

L-oġġettivi intermedji relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma B: Ekonomija aktar produttiva għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tiżdied il-produttività tal-ekonomija Slovena billi l-kriterji għall-appoġġ għall-investment pubbliku jiġu riorjentati mill-ħolqien tal-impjiegi lejn mudelli ta' negozju u investimenti produttivi ħafna, sostenibbli u orjentati diġitalment.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Investment dwar il-promozzjoni ta' investment domestiku u barrani mill-kumpaniji. L-emendi għandhom

jirriderieġu l-inċentivi ta' investiment tal-gvern lejn investimenti b'kapital intensiv u b'valur miżjud għoli. Ir-riforma għandha tagħmel l-appoġġ pubbliku kondizzjonali fuq sett speċifiku ta' kriterji ta' prestazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali.

L-oġġettivi intermedji relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2022.

Investiment C: Appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni, il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jappoġġa lill-kumpaniji li jżidu l-produttività.

Il-proġetti magħżula għandhom jikkonformaw ma' sett speċifiku ta' kriterji tal-prestazzjoni ambjentali, b'mod partikolari l-effiċjenza enerġetika u materjali, u għandhom jikkonformaw mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01). Barra minn hekk, il-ftehim ta' kofinanzjament għandu jimpenja lill-benefiċjarji għall-użu ta' miri addizzjonali ta' sostenibbiltà li jistgħu jitkejlu, li għandhom jintlaħqu mat-tlestija tal-investiment.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream⁵; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti⁶; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, incineraturi⁷ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁸; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment D: Il-provvista ta' ekosistemi innovattivi tal-infrastruttura ekonomika u tan-negożju

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jsaħħaħ il-kompetittività tal-ktajjen tal-valur f'diversi setturi ekonomiċi permezz ta' appoġġ għal ekosistemi innovattivi.

⁵ Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

⁶ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumieq ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tizzied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tizzied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

L-investment għandu jappoġġa l-iżvilupp ta' infrastruttura ekonomika u tan-negozju li tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (it-tisħiħ tal-kompetittività tal-ekonomija permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni tagħha). L-investment għandu jiżviluppa ulterjorment iż-żoni kummerċjali eżistenti u ż-żoni degradati fl-infrastruttura tan-negozju u għandu jillimita l-ħtieġa għal investimenti sostanzjali f'infrastruttura urbana u tat-trasport ġdida. Il-benefiċjarji għandhom ikunu meħtieġa jistabbilixxu pjattaforma ta' governanza diġitali.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

I.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
124	A: It-tisħiħ tas-swieq kapitali	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar forum ta' fondi ta' investment alternattivi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar forum ta' fondi ta' investment alternattivi				Q4	2021	L-att dwar il-forom ta' fondi ta' investment alternattivi għandu jiddefinixxi tliet forum ta' fondi ta' investment alternattivi, jiġifieri: fond mutwu alternattiv iffurmat bħala assi separati, soċjetà speċjali limitata u kumpanija ta' investment b'kapital fiss. Ir-riforma se ssegwi l-qafas legali tal-UE u r-rakkomandazzjonijiet fil-qasam tas-swieq kapitali.
125	A: It-tisħiħ tas-swieq kapitali	Objettiv intermedju	Adozzjoni ta' strateġija għall-iżvilupp tas-suq kapitali	Adozzjoni ta' strateġija ta' żvilupp tas-suq kapitali mill-gvern				Q2	2022	L-istrateġija għandha tinkludi miżuri biex jinkiseb suq kapitali aktar dinamiku, inkluż permezz tal-adozzjoni mis-suq fl-Unjoni Kapitali Ewropea; l-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt fis-swieq finanzjarji globali kollha; l-istabbiliment ta' sistema ta' informazzjoni online effettiva dwar il-FinTech u innovazzjonijiet oħra fis-servizzi finanzjarji; adattament tal-miżuri eżistenti.
126	B: Ekonomija	Objettiv	Dħul fis-seħħ	Dispożizzjoni fil-liġi li				Q4	2021	L-emenda għandha tiżgura li l-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	aktar produttiva għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika	intermedju	tal-emendi għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Investment bil-għan li tiġi promossa t-tranżizzjoni ekoloġika	tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Investment						kriterji dwar l-appoġġ għall-investment pubbliku għall-intrapriżi jkunu ffukati fuq mudelli ta' negozju u investimenti produttivi ħafna, sostenibbli u orjentati diġitalment. L-investimenti kollha appoġġati għandhom jinkludu kundizzjonijiet għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi r-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika, il-ġestjoni ambjentalment responsabbli u l-effiċjenza tal-produzzjoni tal-materjali. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw ukoll li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
127	B: Ekonomija aktar produttiva għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Att dwar il-Promozzjoni tal-Investment	Dispożizzjoni fir-regolament li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emenda għall-Att dwar il-Promozzjoni tal-Investment				Q2	2022	Ir-regolamenti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw aktar il-kriterji relatati skont l-Att dwar il-Promozzjoni tal-Investment, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, l-effiċjenza tal-materjali, l-integrazzjoni fit-tul tal-investment fir-reġjun, ir-responsabbiltà soċjali, l-impatt ambjentali tal-investment, il-kontribut tal-investment għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari bbażata fuq ir-riżorsi naturali li twassal għal inqas emissjonijiet ta' gassijiet serra u produzzjoni b'impronta tal-karbonju iżgħar, post f'żona devalutata b'allokazzjoni xierqa jew f'żona kummerċjali eżistenti, l-effetti tal-investment fuq l-iżvilupp reġjonali armonjuż, l-integrazzjoni tal-investment spazjali u l-impatt pożittiv ta' żvilupp lokali.
128	C: Appoġġ għad-	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratt għal	Komunikazzjoni dwar l-għotjiet				Q2	2022	L-għoti ta' kuntratt għal proġetti ta' appoġġ għall-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	dekarbonizzazzjoni, il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji		proġetti ta' appoġġ għall-iżvilupp reġjonali							iżvilupp reġjonali permezz ta' investment f'assi fissi, tanġibbli u intanġibbli. Il-proġetti għandhom jingħataw abbażi tal-Att dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp Reġjonali u f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
129	C: Appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni, il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratt għal proġetti għall-promozzjoni tal-investment	Komunikazzjoni dwar l-għotjiet				Q2	2023	L-għoti ta' kuntratt għal proġetti biex jippromwovu l-investment fil-manifattura, is-servizzi, u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp permezz ta' investment f'assi fissi tanġibbli u intanġibbli. Il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-Att dwar il-Promozzjoni tal-Investment kif emendat skont l-objettiv intermedju 126, inkluża l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
130	C: Appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni, il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji	Mira	Proġetti biex jippromwovu l-investment lesti		Numru	0	59	Q2	2026	Proġetti li tlestew b'suċċess f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-oġġettiv intermedju 129. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 88 500 000.
131	C: Appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni, il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji	Mira	Proġetti għall-appoġġ tal-iżvilupp reġjonali lesti		Numru	0	200	Q4	2025	Proġetti li tlestew b'suċċess f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-oġġettiv intermedju 128.
132	C: Appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni, il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji	Mira	Proġetti addizzjonali biex jappoġġaw l-iżvilupp reġjonali lesti		Numru	200	300	Q2	2026	Wara l-oġġettiv intermedju 131, it-tlestija b'suċċess ta' 100 proġett addizzjonali f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-oġġettiv intermedju 128. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 50 000 000.
133	D: Il-provvista	Oġġettiv	Għoti ta'	Komunikazzjoni dwar				Q2	2022	Il-proġetti magħżula għandhom

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	ta' ekosistemi innovattivi tal-infrastruttura ekonomika u tan-negozju	intermedju	kuntratti għal ekosistemi innovattivi tal-infrastruttura tan-negozju u l-ġestjoni tagħhom	l-għotjiet						jappoġġaw l-iżvilupp tal-infrastruttura ekonomika tan-negozju u l-ġestjoni tagħha. Il-proġetti għandhom jappoġġaw l-iżvilupp reġjonali u għandhom jipprioritizzaw l-użu mill-ġdid ta' siti degradati u rabtiet mill-qrib mat-trasport pubbliku u l-konnessjonijiet bit-triq.
134	D: Il-provvista ta' ekosistemi innovattivi tal-infrastruttura ekonomika u tan-negozju	Mira	Proġetti għal ekosistemi innovattivi tal-infrastruttura tan-negozju u l-ġestjoni tagħhom lesti		Numru	0	15	Q2	2026	Proġetti li tlestew f'konformità mar-rekwiżiti skont l-oġettiv intermedju 133, inkluż proġett pilota ta' ġestjoni tan-negozju. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 19 000 000.

J. KOMPONENT 10: IS-SUQ TAX-XOGĦOL — MIŻURI BIEX JITNAQQAS L-IMPATT TA' XEJRIET STRUTTURALI NEGATTIVI

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi strutturali tal-impjiegi marbuta mat-tixji u l-bidla teknoloġika permezz ta' sett komprensiv ta' riformi u investimenti. Dawn l-isfidi jinkludu, fost l-oħrajn, livelli baxxi ta' impjeg għal ħaddiema akbar fl-età u persuni b'diżabilità, qgħad fost iż-żgħażaġh, parteċipazzjoni baxxa fit-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ, riskji ta' sostenibbiltà finanzjarja għas-sistema tal-pensjonijiet, l-adeqwatezza tal-pensjonijiet, u n-nuqqas ta' arranġamenti flessibbli tax-xogħol.

L-oġettivi tal-komponent huma t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-suq tax-xogħol, iż-żieda fil-partiċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet u l-adeqwatezza tal-pensjonijiet.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja fl-2019 biex “tiżgura s-sostenibbiltà u l-adeqwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż billi taġġusta l-età statutorja tal-irtirar u tirrestrinġi l-irtirar kmieni. Iżżid l-impjegabbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet baxxi u ħaddiema akbar fl-età billi ttejjeb ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja u l-miżuri ta' attivazzjoni, inkluż permezz ta' litteriżmu diġitali aħjar” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019) u 2020 biex ttipprovdi “likwidità u finanzjament lin-negozji u lill-unitajiet domestiċi” u biex “tipprovdi sostituzzjoni ta' dħul u protezzjoni soċjali adegwati; tnaqqas l-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi, inkluż permezz tat-tisħiħ ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u permezz ta' arranġamenti ta' xogħol flessibbli; tiżgura li dawn il-miżuri jipprovdu protezzjoni adegwata għall-ħaddiema mhux standard” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020).

J.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: Miżuri strutturali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol

L-għan tar-riforma huwa li żżid ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol billi tiżgura, b'mod partikolari, l-adattament tiegħu għax-xejriet demografiċi.

Ir-riforma għandha tiżgura:

- Id-dħul fis-seħħ tal-att li jistabbilixxi skema permanenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għal tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku, li jibni fuq l-esperjenza miksuba matul il-kriżi tal-COVID-19. Dan għandu jinkludi appoġġ lill-ħaddiema part-time temporanji fit-taħriġ jew l-edukazzjoni biex isaħħu l-kompetenzi tagħhom u jżidu l-impjegabbiltà tagħhom fid-dawl tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju li qed jiżdiedu.
- Dħul fis-seħħ ta' bidliet leġislattivi fil-qasam tal-benefiċċji tal-qgħad. Id-dispożizzjonijiet fl-Att dwar ir-Regolament dwar is-Suq tax-Xogħol dwar il-benefiċċji tal-qgħad għandhom jiġu emendati bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' impjeg ta' ħaddiema akbar fl-età u jiġi evitat il-ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol. Il-ħidma għandha tibni fuq l-analiżi tal-OECD tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-pensjoni u d-diżabilità fis-Slovenja.
- Id-dħul fis-seħħ tal-emendi għal-leġislazzjoni tal-pensjonijiet biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-adeqwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet. Ir-riforma għandha tqis ix-xejriet eżistenti tan-nefqa, il-kundizzjonijiet tal-pensjonijiet, l-indiċjar, il-kontribuzzjonijiet, ir-rabtiet bejn il-pagamenti u l-irċevuti, l-adeqwatezza u t-trasparenza tal-assigurazzjoni tal-pensjoni u tad-diżabilità u tressaq miżuri konkreti fil-leġislazzjoni biex tiżgura l-adeqwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet, sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji li

jirriżultaw minn nefqa relatata mal-età mill-kategorija attwali ta' riskju għoli. Ir-riforma tal-pensjonijiet għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2024.

- d. Rieżami tal- "Pjan ta' Azzjoni dwar il-Politika Attiva dwar l-Impjiegi" u l- "Katalgu ta' Miżuri ta' Politika Attiva dwar l-Impjiegi" bil-ħsieb li jiġu żgurati implimentazzjoni u kisba aktar effettivi tal-oġġettivi strateġiċi stabbiliti fil-linji gwida attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol għall-2021–2025, b'mod partikolari dwar it-tnaqqis tal-qgħad fit-tul u l-attivazzjoni aktar rapida ta' ħaddiema akbar fl-età u b'livell baxx ta' ħiliet;

L-oġġettivi intermedji relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment B: Appoġġ għal modi aktar flessibbli ta' organizzazzjoni tax-xogħol

L-oġġettiv tal-investment huwa li jappoġġa l-organizzazzjoni tax-xogħol b'mezzi aktar flessibbli.

Għandha tiġi stabbilita u operattiva pjattaforma online. Għandha tipprovdi lill-impjegaturi u lill-ħaddiema kollha b'aċċess għal materjal u għodod tat-tagħlim (bħal mudelli ta' kuntratti, ftehimiet, u atti interni) u tipprovdi punt ta' dħul għal pariri ġenerali, informazzjoni u sensibilizzazzjoni f'dan il-qasam.

L-appoġġ għall-introduzzjoni ta' modi aktar flessibbli ta' organizzazzjoni tax-xogħol għandu jingħata lil min iħaddem wara sejħa għall-offerti pubblika kompetittiva. F'kooperazzjoni mal-impjegaturi, l-esperti għandhom jidentifikaw in-nuqqasijiet u l-ostakli u l-attivitajiet meħtieġa biex itejbu l-possibbiltajiet ta' tax-xogħol b'mod flessibbli. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq l-edukazzjoni, l-adattament tal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-proċessi tax-xogħol, l-iżgurar tas-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, l-istabbiliment tal-infrastruttura. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tal-kompetenzi diġitali tal-impjegati u għall-iżgurar tal-ogħla livell possibbli ta' sikurezza u saħħa fuq il-post tax-xogħol.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment C: L-introduzzjoni ta' metodi ta' ħidma aktar flessibbli adattati għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà f'kumpaniji protetti u ċentri tal-impjiegi

L-oġġettiv tal-investment huwa li jipprovdi l-bażi teknika għall-introduzzjoni ta' metodi ta' ħidma aktar flessibbli.

L-investment jikkonsisti fi proġetti għal kumpaniji protetti u ċentri tal-impjiegi. Dawn għandhom jinkludu t-taħriġ, li għandu jingħata b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-kompetenzi diġitali għall-persuni b'diżabbiltà u għall-impjegaturi li jaħdmu ma' persuni b'diżabbiltà. Il-proġett għandu jinkludi assistenza psikosoċjali lil persuni b'diżabbiltà. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet għall-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali ġodda, b'enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni u l-introduzzjoni ta' metodi ta' ħidma aktar flessibbli.

Għandha tinholq pjattaforma online b'punt ta' konsulenza biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' Prattiki tajba. Dan għandu jkun iddedikat għal attivitajiet ta' informazzjoni, ta' sensibilizzazzjoni u ta' promozzjoni. Il-punt konsultattiv għandu jipprovdi appoġġ dirett lill-kumpaniji protetti u liċ-ċentri tal-impjiegi kollha fl-adattament tal-proċessi tax-xogħol għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà.

Il-mira relatata mal-implimentazzjoni tal-investment għandha tlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment D: Dħul aktar mgħaġġel taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol

L-objettiv tal-investiment huwa li jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh wara l-pandemija tal-COVID-19.

L-investiment jikkonsisti f'inċentivi finanzjarji għal min iħaddem biex jimpjega żgħażaġh li għandhom sa 25 sena b'kuntratti indefiniti. Dan għandu jinkludi wkoll impenn mill-impjegatur li jipprovdi mentor xieraq, li jipprovdi assistenza, u li jħarriġhom f'impjieg speċifiku. Matul perjodu ta' sussidju ta' 18-il xahar, iż-żgħażaġh huma mistennija jiksbu l-kompetenzi addizzjonali biex jeżerċitaw il-professjoni u jtejbu l-għarfien teoretiku tagħhom bl-esperjenza tax-xogħol. Matul dan il-perjodu, l-impjegat il-ġdid u l-mentor tiegħu għandhom ikunu involuti f'taħriġ ta' mill-inqas 30 siegħa b'enfasi fuq it-titjib tal-kompetenzi diġitali.

Il-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investiment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment E: Taħriġ u edukazzjoni tal-impjegati

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema u jippromwovi t-tagħlim tul il-ħajja.

L-investiment għandu jkollu fil-mira tiegħu l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom, u b'mod partikolari l-ħaddiema akbar fl-età u dawk b'livell baxx ta' ħiliet. L-investiment għandu jipprovdi għotjiet biex jiġi ffinanzjat ir-rimborż tal-ispejjeż tat-taħriġ għall-impjegati u l-ispejjeż ta' kumpens lill-impjegaturi għal ħin tax-xogħol mitluf matul it-taħriġ.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

J.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
135	A: Miżuri strutturali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol	Oġettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-Att li jistabbilixxi skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ta' "kriżi"	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att li jistabbilixxi skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ta' "kriżi"				Q4	2022	L-abbozz ta' liġi għandu jistabbilixxi skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ta' kriżi bil-għan li jinżammu l-impjiegi f'każ ta' ċirkostanzi mhux previsti. Għandu jkun imħejji abbażi ta' analiżi tal-ħtiġijiet u esperjenza bl-implimentazzjoni tal-miżura ta' intervent matul l-epidemija tal-COVID-19 u f'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali. Il-liġi għandha ttiprovdi wkoll għal obbligi ta' taħriġ u edukazzjoni matul il-perijodu ta' parteċipazzjoni fil-miżura tat-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol.
136	A: Miżuri strutturali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol	Oġettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tax-Xogħol	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tax-Xogħol				Q2	2024	L-emendi fil-qasam tal-assigurazzjoni tal-qgħad għandu jkollhom l-għan li jippromwovu ħajjiet tax-xogħol itwal u jnaqqsu d-distakk bejn l-età tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol u l-età statutorja tal-irtirar.
137	A: Miżuri	Oġettiv	Abbozz ta' emendi	Abbozz ta' emendi				Q2	2023	Il-kontenut tal-proposta għandu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	strutturali biex tissaħħaħ ir- reżiljenza tas-suq tax-xogħol	intermedju	għal-leġiżlazzjoni dwar il-pensjonijiet għall- konsultazzjoni	għall-Att dwar l- Assigurazzjoni tal- Pensjoni u d- Diżabbiltà li għandhom l-għan li jiżguraw is- sostenibbiltà fiskali u l-adeqwatezza tal-pensjonijiet jiġu trażmessi lill- Kunsill Ekonomiku u Soċjali						jindirizza l-isfidi tas-sostenibbiltà, bħat-tendenzi demografiċi mistennija, ir-relazzjoni bejn l-assigurati u l-pensjonanti, l-adeqwatezza u t-trasparenza tal-assigurazzjoni tal-pensjoni u tad-diżabbiltà. Il-proposta għandha tinkludi bidliet fil-kundizzjonijiet tal-irtirar (bħal età tal-irtirar ogħla, unifikazzjoni tal-perjodi meta l-perjodu meħtieġ jiġi aġġustat), bidliet fl-indiċjar, rabtiet bejn il-pagamenti u l-iżborżi. Barra minn hekk, għandha tiġi proposta modernizzazzjoni tal-Iskema ta' Assigurazzjoni fuq l-Invalidità, anke bil-ħsieb li tiġi massimizzata l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' individwi b'kapaċità ta' xogħol imnaqqsa u b'hekk tittejjeb il-kopertura tas-sigurtà soċjali tagħhom, kif ukoll miżuri biex tiżdied il-parteeipazzjoni fi skemi tal-pensjoni supplementari.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-obiettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Il-proposta se tiżgura s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet (ir-riskji li jirriżultaw min-nefqa relatata mal-età se jitnaqqsu b'mod sinifikanti mill-kategorija attwali ta' riskju għoli) u l-adegwatezza tal-pensjonijiet.
138	A: Miżuri strutturali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol	Objettiv intermedju	Proposta leġiżlattiva għal emendi komprensivi għall-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Pensjoni u d-Diżabbiltà trażmessa lill-Assemblea Nazzjonali	Il-proposta għal emendi leġiżlattivi tiġi adottata mill-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u tintbagħat lill-Assemblea Nazzjonali.				Q4	2023	Il-Gvern jadotta u jittrażmetti lill-Assemblea Nazzjonali l-leġiżlazzjoni biex tiżgura s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet (ir-riskji li jirriżultaw minn nefqa relatata mal-età se jitnaqqsu b'mod sinifikanti mill-kategorija attwali ta' riskju għoli) u l-adegwatezza tal-pensjonijiet. Il-proposta se timmira li testendi l-perjodu ta' impjieġ, iżżid l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni akbar fl-età, u tiżgura l-adegwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tal-pensjonijiet.
139	A: Miżuri strutturali biex tissaħħaħ ir-	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar il-Pensjonijiet	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta'				Q4	2024	Il-leġiżlazzjoni adottata se tiżgura s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet (ir-riskji li

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	reżiljenza tas-suq tax-xogħol		u l-Assigurazzjoni tad-Diżabilità, bil- għan li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema u pensjonijiet adegwati	emendi għall-Att dwar il-Pensjonijiet u l-Assigurazzjoni tad-Diżabilità						jirriżultaw minn nefqa relatata mal-età se jitnaqqsu b'mod sinifikanti mill-kategorija attwali ta' riskju għoli) u l-adegwatezza tal-pensjonijiet. L-għan tal- proposta se jkun li testendi l- perjodu ta' impjeg, tnaqqas id- distakk bejn l-età statutorja u effettiva tal-irtirar, iżżid l- integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema akbar fl-età, u tiżgura l-adegwatezza tal- pensjonijiet u s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tal- pensjonijiet.
140	A: Miżuri strutturali biex tissaħħaħ ir- reżiljenza tas-suq tax-xogħol	Objettiv intermedju	Aġġornament tad- dokumenti ta' implimentazzjoni għal-Linji Gwida għall- implimentazzjoni ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol 2021–2025	Rieżami komplut u ppubblikat u aġġornament tad- dokumenti ta' implimentazzjoni tal-Linji Gwida għall- implimentazzjoni ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol 2021–2025				Q4	2024	Id-dokumenti ta' implimentazzjoni tal-Linji Gwida għall-implimentazzjoni tal- politika attiva tas-suq tax-xogħol 2021–2025, b'mod partikolari l- Pjan ta' Politika attiva dwar l- impjegi u l-Katalogu ta' Miżuri ta' politika attiva tas-suq tax- xogħol huma rieżaminati u aġġornati mill-Ministeru tax- Xogħol, il-Familja, l-Affarijiet Soċjali, u l-Opportunitajiet Indaqs biex jiġu żgurati

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										implimentazzjoni u kisba aktar effettivi tal-objettivi strateġiċi stabbiliti. L-aġġornament għandu jiffoka fuq it-tnaqqis tan-numru ta' persuni qiegħda fit-tul fir- reġistru tas-Servizz tal-Impjiegi Sloven (tqabbil mal-perjodu ta' referenza 2020).
141	B: Appoġġ għal modi aktar flessibbli ta' organizzazzjoni tax-xogħol	Objettiv intermedju	Pjattaforma operattiva online b'għodod għall- impjegaturi u għall- ħaddiema biex jiġu promossi modi flessibbli ta' xogħol	Il-pjattaforma online hija operattiva				Q4	2022	Il-pjattaforma online b'għodod għall-impjegaturi u għall- ħaddiema biex jippromwovu modi flessibbli ta' xogħol hija stabbilita u operazzjonali. Il- pjattaforma online għandha tipprovdi lill-impjegaturi u lill- ħaddiema kollha b'aċċess għal materjali u għodod ta' tagħlim li jappoġġaw modi flessibbli ta' kif jiġi organizzat ix-xogħol.
142	B: Appoġġ għal modi aktar flessibbli ta' organizzazzjoni tax-xogħol	Mira	Proġetti li jistabbilixxu jew jaġġornaw il- kundizzjonijiet tax- xogħol mid-dar kompletati		Numru	0	135	Q2	2026	Proġetti kompletati wara sejħa għall-offerti pubblika kompetittiva, proġetti biex jiġu stabbiliti jew imtejba l- kundizzjonijiet tax-xogħol fid- dar. Dawn huma mistennija li jkopru mill-inqas 1 000 impjegat b'kollox.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										Il-proġetti għandhom jinkludu assistenza esperta fil-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kumpanija.
143	C: L- introduzzjoni ta' metodi ta' ħidma aktar flessibbli adattati għall- ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità f'intrapriżi protetti u ċentri tal-impjiegi	Mira	Proġetti kkompletati għal intrapriżi protetti u ċentri tal-impjiegi		Numru	0	53	Q2	2024	Il-proġetti għandhom jingħataw wara sejħa għall-offerti kompetittiva. Il-benefiċjarji għandhom ikunu intrapriżi protetti u ċentri tal-impjiegi. Il-proġetti għandhom jinkludu pariri esperti għall-kumpaniji biex iħejju u jadattaw l-ambjent tax-xogħol tagħhom għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. Il-proġetti għandhom jinkludu edukazzjoni u taħriġ għal impjegaturi u għall-impjegati għal kompetenzi ġodda meħtieġa biex jiġu introdotti arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli. Mill-inqas 266 persuna b'diżabilità huma mistennija li jkunu involuti.
144	D: Dħul aktar mgħaġġel taż- zghażaġh fis-suq tax-xogħol	Mira	L-għadd ta' zghażaġh addizzjonali f'impjeg issussidjat abbażi ta' kuntratt		Numru	0	1300	Q4	2022	L-għadd ta' zghażaġh sal-età ta' 25 sena (inkluża) f'impjeg issussidjat abbażi ta' kuntratt indefinit. Is-sussidji għandhom jingħataw sa 18-il xahar għal kull impjeg. Min iħaddem għandu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			indefinit							jżgura mentor biex jappoġġja liż-żgħażaġh. Kull żaġħżuġh u l-mentor tiegħu għandhom ilestu mill-inqas 30 siegħa ta' taħriġ, b'enfasi fuq it-titjib tal-ħiliet diġitali, matul il-perjodu ta' sussidju.
145	D: Dħul aktar mġhaġġel taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol	Mira	L-għadd ta' żgħażaġh addizzjonali f'impjieg issussidjat abbażi ta' kuntratt indefinit		Numru	1300	4000	Q4	2024	L-għadd ta' żgħażaġh sal-età ta' 25 sena (inkluża) f'impjieg issussidjat abbażi ta' kuntratt indefinit. Is-sussidji għandhom jingħataw sa 18-il xahar għal kull impjieg. Min iħaddem għandu jżgura mentor biex jappoġġja liż-żgħażaġh. Kull żaġħżuġh u l-mentor tiegħu għandhom ilestu mill-inqas 30 siegħa ta' taħriġ, b'enfasi fuq it-titjib tal-ħiliet diġitali, matul il-perjodu ta' sussidju.
146	E: Taħriġ u edukazzjoni tal-impjegati	Mira	Għadd ta' impjegati li lestew b'suċċess programmi ta' taħriġ/edukazzjoni		Numru	0	7000	Q4	2024	L-għadd ta' impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom li lestew b'suċċess programm ta' taħriġ jew edukazzjoni għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali. Għandha tingħata prijorità lil impjegati akbar fl-età u b'livell

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										baxx ta' ħiliet.
147	E: Taħriġ u edukazzjoni tal- impjegati	Mira	Għadd ta' impjegati li lestew b'suċċess programmi ta' taħriġ/edukazzjoni		Numru	7000	11300	Q2	2026	L-għadd ta' impjegati u persuni li jaħdmu għal rashom li lestew b'suċċess programm ta' taħriġ jew edukazzjoni għat-titjib tal- ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali. Għandha tingħata prijorità lil impjegati akbar fl-età u b'livell baxx ta' ħiliet. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 14 370 000.

K. KOMPONENT 11: L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI TAT-TURIŻMU SLOVEN, INKLUŻ IL-WIRT KULTURALI

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-impatt serju tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-turiżmu u l-impatt fuq l-impjiegi, is-sostenibbiltà ambjentali, il-kwalità u l-valur miżjud tal-infrastruttura turistika tas-Slovenja, u l-iżvilupp tal-wirt kulturali.

L-obiettivi tal-komponent huma l-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu u t-titjib tal-pożizzjoni internazzjonali tas-Slovenja bħala destinazzjoni ewlenija fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali u biex jiżjed il-valur miżjud tas-settur b' miżuri ffukati fuq it-titjib tal-infrastruttura pubblika u fuq it-titjib u l-promozzjoni tal-wirt kulturali.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja fl-2020 biex tipprovdi “likwidità u finanzjament lin-negozji u lill-unitajiet domestiċi [...] tiffinanzja fil-bidu tal-perjodu tagħhom proġetti maturi ta' investiment pubbliku u tippromwovi l-investiment privat biex jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku” u biex “tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-obiettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

K.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: It-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu

L-objettiv tar-riforma huwa li twieġeb għall-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u li tipprovdi qafas fuq terminu medju għall-iżvilupp tat-turiżmu Sloven fid-direzzjoni ta' turiżmu sostenibbli, ta' kwalità għolja u b'valur miżjud għoli.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' digriet dwar l-inċentivi għall-iżvilupp għat-turiżmu, li għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' sostenibbiltà għall-appoġġ pubbliku fis-settur. Dawn għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija ta' mill-inqas klassi B għal kwalunkwe rinnovament, il-kisba ta' mill-inqas ekotikketta internazzjonali waħda, u għal bini ġdid li jiżgura li d-domanda għall-enerġija primarja tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit għal bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero. Barra minn hekk, għandha tissaħħaħ il-kapaċità tal-monitoraġġ u l-analiżi tad-data tal-Iskema tat-Turiżmu Ekoloġiku.

L-obiettivi intermedji relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment B: L-iżvilupp sostenibbli ta' offerti ta' akkomodazzjoni turistika biex jiżjed il-valur miżjud tat-turiżmu

L-għan ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa t-turiżmu sostenibbli permezz tat-titjib tas-sostenibbiltà tal-akkomodazzjoni turistika.

L-investiment għandu jappoġġa r-rinnovament, l-estensjoni, jew il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet turistiċi f'konformità ma' standards għoljin ta' effiċjenza enerġetika. Il-proġetti għandhom jinkludu

wkoll taħriġ obligatorju fil-kwalità tas-servizz u l-kompetenzi diġitali għall-persunal u l-manigġers, ir-riċerka tal-kummerċjalizzazzjoni, u l-analiżi ekonomika.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment C: Żvilupp sostenibbli ta' infrastruttura tat-turiżmu pubblika u kondiviża u attrazzjonijiet naturali f'destinazzjonijiet turistiċi

L-għan ta' dan l-investment huwa li jappoġġja t-turiżmu sostenibbli permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura turistika pubblika u kondiviża.

L-investment jikkonsisti fir-rinnovazzjoni u l-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' infrastruttura tat-turiżmu pubbliċi u kondiviżi biex jikkomplementaw u jtejbu l-kwalità tal-offerta tat-turiżmu.

Il-mira relatata mal-implimentazzjoni tal-investment għandha tlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment D: Restawr u rivitalizzazzjoni sostenibbli tal-wirt kulturali u tal-infrastruttura kulturali pubblika

L-għan ta' dan l-investment huwa li jappoġġja t-turiżmu sostenibbli permezz tar-rivitalizzazzjoni tal-wirt kulturali u tal-infrastruttura kulturali pubblika.

L-investment jikkonsisti f'appoġġ għar-rinnovazzjoni, ir-restawr, ir-rivitalizzazzjoni ġenerali u l-modernizzazzjoni tal-wirt kulturali u tal-infrastruttura kulturali pubblika proprjetà tal-istat jew il-muniċipalitajiet b'effett multiplikatur mistenni fuq l-iżvilupp tat-turiżmu. Il-proġetti għandhom jinkludu d-diġitalizzazzjoni u l-użu tat-teknoloġija tal-ICT għall-promozzjoni u l-interpretazzjoni tal-wirt kulturali.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

K.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
148	A: It-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu	Oġettiv intermedju	Monitoraġġ tad- <i>data</i> aġġornat fl-Iskema Slovena tat-Turiżmu Ekoloġiku	Aġġornamenti għall-monitoraġġ tad- <i>data</i> għall-Iskema Slovena tat-Turiżmu Ekoloġiku huma operattivi				Q2	2024	L-iskema Slovena tat-Turiżmu Ekoloġiku għandha tiġi aġġornata biex tinkludi għodda analitika biex jitkejlu l-effetti tat-turiżmu fuq destinazzjonijiet turistiċi ewlenin u biex jiġu analizzati u previsti l-flussi tat-turiżmu. Din id-data mistennija tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu fis-Slovenja.
149	A: It-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu	Oġettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' Digriet dwar l-Inċentivi għall-Iżvilupp għat-Turiżmu	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' Digriet dwar l-Inċentivi għall-Iżvilupp għat-Turiżmu wara l-adozzjoni mill-gvern.				Q4	2021	Id-digriet għandu jipprovdi l-kundizzjonijiet u l-kriterji dettaljati għall-ġhoti ta' inċentivi skont l-Att dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp tat-Turiżmu. Id-digriet għandu jippromwovi s-sostenibbiltà ambjentali, u għandu jinkludi fost ir-rekwiżiti għall-appoġġ ċertifikat tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' mill-inqas klassi B għar-rinnovazzjonijiet tal-bini, il-kisba ta' mill-inqas ekotikketta internazzjonali waħda, u għal bini ġdid domanda għall-enerġija primarja li tkun mill-inqas 20 %

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										inqas mir-rekwiżit għal bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero.
150	B: L-iżvilupp sostenibbli tal-offerti tal-akkomodazzjoni turistika tas-Slovenja biex jiżdied il-valur miżjud tat-turiżmu	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratti biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-akkomodazzjoni turistika	Komunikazzjoni dwar l-għotjiet				Q4	2022	Il-proġetti magħżula għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Digriet dwar l-Inċentivi għall-Iżvilupp għat-Turiżmu. B'mod partikolari, mill-inqas 50 % tal-ispejjeż eliġibbli ta' rinnovazzjoni jew kostruzzjoni ġdida għandhom jirrelataw mat-titjib fl-effiċjenza enerġetika. Bini ġdid għandu jiżgura li d-domanda għall-enerġija primarja tiegħu tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit għal bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero.
151	B: L-iżvilupp sostenibbli tal-offerti tal-akkomodazzjoni turistika tas-Slovenja biex jiżdied il-valur miżjud tat-turiżmu	Mira	Jitlestew il-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-enerġija biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-akkomodazzjoni turistika		Numru	0	44	Q2	2026	Jitlestew il-proġetti ta' rinnovazzjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet taħt l-objettiv intermedju 150. Id-daqs medju tal-proġetti huwa mistenni li jkun mill-inqas 51 kamra. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 48 500 000.
152	B: L-iżvilupp sostenibbli tal-offerti tal-akkomodazzjoni	Mira	Proġetti ta' kostruzzjoni kompluti jew ta' rikostruzzjoni		Numru	0	11	Q2	2026	Proġetti ta' kostruzzjoni jew rikostruzzjoni kompleti f'konformità mal-kundizzjonijiet taħt l-objettiv intermedju 150. Id-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	turistika tas-Slovenja biex jiżdied il-valur miżjud tat-turiżmu		sħiħa biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-akkomodazzjoni turistika							daqs medju tal-proġetti huwa mistenni li jkun mill-inqas 51 kamra. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 20 500 000.
153	C: Żvilupp sostenibbli ta' infrastruttura tat-turiżmu pubblika u kondiviża u attrazzjonijiet naturali f' destinazzjonijiet turistiċi	Mira	Proġetti kkompletati fl-infrastruttura tat-turiżmu pubblika u kondiviża		Numru	0	35	Q4	2025	Proġetti kkompletati fl-infrastruttura pubblika u kondiviża għat-turisti. Il-proġetti għandhom jagħtu prijorità lill-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija, u għandhom jimmiraw li jiminimizzaw l-impatt ambjentali. L-ammont totali ta' finanzjament għandu jkun mill-inqas EUR 10 000 000.
154	D: Restawr u rivitalizzazzjoni sostenibbli tal-wirt kulturali u tal-infrastruttura kulturali pubblika	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratti għar-rinnovazzjoni ta' siti ta' wirt kulturali	Komunikazzjoni dwar l-għotjiet				Q4	2022	Tlestija tal-proċeduri tal-offerti għar-rinnovazzjoni ta' 15-il sit ta' wirt kulturali f'konformità mal-att dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku.
155	D: Restawr u rivitalizzazzjoni sostenibbli tal-wirt kulturali u	Mira	Siti ta' wirt kulturali rinnovati		Numru	0	15	Q2	2026	Proġetti kkompletati f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-objettiv intermedju 154. L-ammont totali ta' finanzjament

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	tal-infrastruttura kulturali pubblika									għandu jkun mill-inqas EUR 47 000 000.

L. KOMPONENT 12: IT-TISĦIĦ TAL-KOMPETENZI, SPEĊJALMENT DAWK DIĠITALI U DAWK MEĦTIEĠA MINN IMPJIEGI ĠODDA U T-TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-livell ta' kompetenzi diġitali tal-istudenti, l-għalliema u l-adulti, it-tranżizzjoni ekoloġika tas-sistema edukattiva, l-infrastruttura edukattiva, u r-rilevanza tal-edukazzjoni għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

L-oġġettivi tal-komponent huma li jissaħħu l-kompetenzi b'mod partikolari għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u l-litteriżmu finanzjarju, biex ikun hemm rispons aktar rapidu għall-ħtiġijiet tal-ekonomija u tas-soċjetà, biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol, biex tissaħħa ir-reżiljenza tas-sistema edukattiva u t-tagħlim tul il-ħajja.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja fl-2019 biex "iżżid l-impjegabbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet baxxi u ħaddiema akbar fl-età billi ttejjeb ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja u l-miżuri ta' attivazzjoni, inkluż permezz ta' litteriżmu diġitali aħjar" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019) u fl-2020 għat-"tisħiħ tal-ħiliet diġitali" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

L.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: Rinnovazzjoni tas-sistema edukattiva għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali

L-oġġettiv tar-riforma huwa li l-istudenti u l-għalliema jiġu mgħammra b'kompetenzi ġodda, b'mod partikolari fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli u l-litteriżmu finanzjarju. Dan għandu jsahha ir-reżiljenza tas-sistema edukattiva u jtejjeb l-allinjament tal-kompetenzi mad-domandi tas-suq tax-xogħol.

Ir-riforma tikkonsisti fil-modernizzazzjoni tal-programmi edukattivi, permezz tar-reviżjoni tal-kurrikuli u tad-dokumenti ta' programmazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, tal-edukazzjoni primarja u tal-edukazzjoni sekondarja kif ukoll tat-tagħlim tal-adulti fis-suġġetti rispettivi. Il-kurrikuli riveduti għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, il-kompetenzi diġitali, il-kontenut bażiku tal-informatika u tal-IT, il-kompetenzi għall-iżvilupp sostenibbli, u l-litteriżmu finanzjarju.

Il-mira relatata mal-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma B: Riforma tal-edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti

L-għan tar-riforma huwa li timmodernizza l-edukazzjoni għolja professjonali fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u li tallinja l-programmi mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà.

Ir-riforma tikkonsisti fil-modernizzazzjoni ta' programmi ta' studju tal-edukazzjoni għolja professjonali permezz tar-reviżjoni tal-kurrikuli u l-edukazzjoni Prattika f'ambjent tax-xogħol. Il-kurrikuli riveduti għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, il-kompetenzi diġitali u l-kompetenza għall-iżvilupp sostenibbli u għandhom jirriflettu d-diġitalizzazzjoni tal-ambjent tat-tagħlim.

Għandhom jiġu adottati linji gwida għat-tiġdid tal-edukazzjoni għolja professjonali, inkluż pjan ta' azzjoni għall-investiment fl-edukazzjoni għolja ekoloġika, reżiljenti, sostenibbli u konnessa diġitalment.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma C: Modernizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali u tal-edukazzjoni sekondarja

L-għan tar-riforma huwa li tiffaċilita t-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni vokazzjonali għas-suq tax-xogħol.

Ir-riforma tikkonsisti fil-modernizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali u l-programmi ta' edukazzjoni vokazzjonali għolja, inkluż billi jittejjeb l-użu tal-parti miftuħa (mhux preskritta) tal-kurrikulu, bl-użu ta' *data* dwar l-impjegabbiltà tal-gradwati, u b'enfasi akbar fuq il-kompetenzi diġitali, ekoloġiċi u oħrajn li l-gradwati futuri jeħtieġu biex jaħdmu f'ambjenti teknoloġikament avvanzati. Ir-riforma għandha tiżviluppa wkoll mudelli ġodda u tippromwovi mudelli eżistenti ta' kooperazzjoni bejn is-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-impjegaturi fl-implimentazzjoni ta' programmi edukattivi, u għandha tappoġġa postijiet ta' taġħlim mgħammra diġitalment għall-istudenti fi programmi pilota (b'enfasi fuq is-saħħa, il-kura soċjali u l-edukazzjoni bikrija tat-tfal).

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment E: It-trasformazzjoni komprensiva tal-edukazzjoni ekoloġika u diġitali

L-oġettiv tal-investiment huwa li jikkontribwixxi għall-oġettivi tar-riforma A, jiġifieri li jissaħħu l-kompetenzi diġitali, il-kompetenzi għall-iżvilupp sostenibbli u l-litteriżmu finanzjarju tal-għalliema u l-istudenti, li jiġu allinjati s-sistemi edukattivi mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol.

L-investiment jikkonsisti f'taħriġ fil-ħiliet diġitali u ekoloġiċi u l-litteriżmu finanzjarju għall-professjonisti fl-edukazzjoni u t-taħriġ, proġetti ma' stabbilimenti edukattivi biex jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-prattiki pedagoġiċi u l-inklużjoni ta' ħiliet ġodda fi programmi ta' studju regolari, u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni għall-adulti fil-qasam tal-litteriżmu finanzjarju.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment F: Proġetti pilota għar-riforma tal-edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti

L-oġettiv tal-investiment huwa li jħejji l-edukazzjoni għolja għal domanda akbar għal ħiliet li jirriflettu ħtiġijiet soċjetali ġodda permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi ta' taġħlim aktar inklużivi u flessibbli.

L-investiment jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' proġetti pilota biex il-ħiliet ekoloġiċi u diġitali jiġu integrati fl-edukazzjoni għolja. L-investiment għandu jappoġġa wkoll l-adattament ta' programmi ta' studju ta' edukazzjoni għolja professjonali għall-professjonijiet tal-futur u għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

L-objettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment G: Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn is-sistema edukattiva u s-suq tax-xogħol.

L-objettiv tal-investment huwa li l-kompetenzi mgħallma fl-edukazzjoni, l-edukazzjoni vokazzjonali sekondarja u l-edukazzjoni professjonali jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

L-investment jikkonsisti f'appoġġ, promozzjoni u inkoraġġiment tal-edukazzjoni vokazzjonali, it-taħriġ tal-mentors fil-kumpaniji biex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni vokazzjonali u professjonali, u fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-impjegaturi fit-taħriġ tal-istudenti biex jiksibu ħliet prattiċi fi proġetti pilota fis-saħħa, l-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-kura soċjali.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment H: Infrastruttura tal-edukazzjoni aktar ekoloġika fis-Slovenja

L-objettiv tal-investment huwa li jikkontribwixxi għall-forniment ta' infrastruttura tal-edukazzjoni aktar moderna u favur l-ambjent.

L-investment jikkonsisti fil-kostruzzjoni jew l-estensjoni ta' sitt istituzzjonijiet edukattivi, bl-għan li jinbena bini b'effiċjenza enerġetika għolja b'domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % taħt ir-reqwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
156	A: Rinnovazzjoni tas-sistema edukattiva għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali	Mira	Kurrikuli modernizzati għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-iskejjel primarji u sekondarji		Numru	0	216	Q4	2025	Il-mira tirreferi għall-għadd ta' kurrikuli li għandhom jiġu modernizzati biex jinkludu fost l-oħrajn, il-kompetenzi diġitali, il-kompetenzi għall-iżvilupp sostenibbli u l-litteriżmu finanzjarju. Il-kurrikuli li għandhom jiġu modernizzati għandhom ikunu daww tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u tal-iskejjel primarji u sekondarji. L-għan tar-riforma huwa li l-istudenti u l-persunal tat-tagħlim jingħataw kompetenzi rilevanti biex jiffaċċjaw l-isfidi attwali u futuri biex isaħħu r-reżiljenza tas-sistema edukattiva u jtejjbu l-allinjament tal-kompetenzi marrekwiżiti tas-suq tax-xogħol biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-istudenti għas-suq tax-xogħol. Il-kurrikuli modernizzati għandhom jiġu approvati mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport.
157	E: It-trasformazzjoni	Mira	Professjonisti u manijers li lestew taħriġ fil-		Numru	0	9500	Q2	2024	It-taħriġ għall-professjonisti u l-manijers fl-edukazzjoni u t-taħriġ, ipprovdut minn kuntratturi esterni

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
	komprensiva tal- edukazzjoni ekoloġika u diġitali		kompetenzi diġitali u tal-iżvilupp sostenibbli							magħżula wara sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva, għandu jsaħħaħ il-kompetenzi diġitali, il-kompetenzi għall-iżvilupp sostenibbli u l-litteriżmu finanzjarju. It-taħriġ huwa mistenni li jdum 13-il jum edukattiv.
158	E: It- trasformazzjoni komprensiva tal- edukazzjoni ekoloġika u diġitali	Mira	Professjonisti u manigġers li lestew taħriġ fil- kompetenzi diġitali u tal-iżvilupp sostenibbli		Numru	9500	2000 0	Q2	2026	It-taħriġ għall-professjonisti u l- manigġers fl-edukazzjoni u t-taħriġ, ipprovdut minn kuntratturi esterni magħżula wara sejħa għall-offerti miftuħa u kompetittiva, għandu jsaħħaħ il-kompetenzi diġitali, il-kompetenzi għall-iżvilupp sostenibbli u l-litteriżmu finanzjarju. It-taħriġ huwa mistenni li jdum 13-il jum edukattiv.
159	B: Riforma tal- edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti	Mira	Kurrikuli modernizzati tal- edukazzjoni għolja		Numru	0	68	Q2	2026	Il-mira tirreferi għall-għadd ta' kurrikuli li għandhom jiġu modernizzati biex jinkludu b'mod partikolari l-kompetenzi u l-kompetenzi diġitali għall-iżvilupp sostenibbli li huma meħtieġa għat- tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, il- litteriżmu diġitali, l-informazzjoni u l- litteriżmu tad- <i>data</i> , il-ħolqien tal- kontenut, l-użu ta' ambjent ta' tagħlim diġitali. Il-kurrikuli modernizzati

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
										għandhom jiġu approvati mill-Aġenzija Slovena għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni Għolja.
160	F: Proġetti pilota għar-riforma tal-edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti	Oġġettiv intermedju	Għażla kompluta ta' proġetti pilota għat-tiġdid tal-proċess ta' edukazzjoni għolja	Komunikazzjoni tar-riżultati				Q2	2022	Il-benefiċjarji għandhom ikunu istituzzjonijiet pubbliċi tal-edukazzjoni għolja. Il-proġetti pilota għandhom jittestjaw soluzzjonijiet għall-integrazzjoni tal-kompetenzi diġitali u tal-iżvilupp sostenibbli fil-kurrikuli tal-edukazzjoni għolja bil-għan li jitjiebu l-eżiti tas-suq tax-xogħol.
161	F: Proġetti pilota għar-riforma tal-edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti	Mira	Proġetti pilota kkompletati għat-tiġdid tal-proċess ta' edukazzjoni għolja		Numru	0	30	Q4	2025	Proġetti kkompletati f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-oġġettiv intermedju 160.
162	C: Modernizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali u tal-edukazzjoni sekondarja	Mira	Programmi modernizzati ta' taħriġ fl-edukazzjoni vokazzjonali		Numru	0	41	Q2	2026	Il-mira tirreferi għall-għadd ta' kurrikuli li għandhom jiġu modernizzati biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn ambjenti tax-xogħol teknoloġikament avvanzati u biex isir użu aħjar mill-moduli miftuħa tal-kurrikuli. 16-il programm tal-kulleġġi vokazzjonali ogħla u 25 programm edukattiv vokazzjonali

Numru Sekwenzja li	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
										sekondarju huma mistennija li jiġu modernizzati. Il-kurrikuli modernizzati għandhom jiġu approvati mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport.
163	G: Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn is-sistema edukattiva u s-suq tax-xogħol.	Mira	Mentors f'kumpaniji li temmew b'suċċess it-taħriġ		Numru	0	3900	Q2	2026	It-taħriġ għandu jiffoka fuq il-ħiliet għall-ippjanar u l-għoti ta' taħriġ prattiku fuq il-post tax-xogħol lill-istudenti u lill-apprendisti. It-taħriġ huwa mistenni li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-impjegaturi.
164	H: Infrastruttura tal-edukazzjoni aktar ekoloġika fis-Slovenja	Objettiv intermedju	Għażla kompluta ta' proġetti ta' investiment fl-ekoloġizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni	Iffirmar tal-kuntratti				Q2	2023	Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport għandu jagħmel stedina u jiffirma kuntratti għall-kofinanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura skont l-Istrateġija għal Infrastrutturi ta' Edukazzjoni u Riċerka Ekoloġiċi. Il-kuntratti għandhom jiżguraw li d-domanda għall-enerġija primarja tal-bini għdid kollu tkun mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero.
165	H: Infrastruttura	Mira	Erja tas-superfiċje ta' faċilitajiet		Numru (m²)	0	4906	Q2	2024	Il-kostruzzjoni kompluta u l-bidu tal-operat ta' faċilitajiet edukattivi ġodda,

Numru Sekwenzja li	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
	tal- edukazzjoni aktar ekoloġika fis- Slovenja		edukattivi ġodda							f'konformità mar-rekwiżiti taħt l- objettiv intermedju 164.
166	H: Infrastruttura tal- edukazzjoni aktar ekoloġika fis- Slovenja	Mira	Erja tas-superfiċje ta' faċilitajiet edukattivi ġodda		Numru (m²)	4906	3453 2	Q2	2026	Il-kostruzzjoni kompluta u l-bidu tal- operat ta' faċilitajiet edukattivi ġodda, f'konformità mar-rekwiżiti taħt l- objettiv intermedju 164.

L.3 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Riforma D: Strateġija għall-ekoloġizzazzjoni tal-edukazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka fis-Slovenja

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tittejjeb l-infrastruttura edukattiva u ta' riċerka fis-Slovenja għall-ħtiġijiet ta' proċessi moderni ta' edukazzjoni u riċerka, inkluż it-tfassil ta' spazji flessibbli li jippermettu approċċi moderni biex jingħadda l-ġharfien, bħat-tagħlim parteċipattiv u kollaborattiv u approċċ istituzzjonali integrat fl-implimentazzjoni tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli.

Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni ta' strateġija għal sistema ta' investiment effiċjenti fl-enerġija u orjentata lejn l-iżvilupp fl-infrastruttura tal-edukazzjoni u r-riċerka sal-2030. L-istrateġija għandha tiddefinixxi b'mod partikolari l-prijoritajiet għall-investiment fl-ekoloġizzazzjoni tal-faċilitajiet edukattivi u ta' riċerka. L-Istrateġija għall-Ekoloġizzazzjoni tal-Infrastrutturi ta' Edukazzjoni u Riċerka għandha tiġi adottata mill-Gvern tas-Slovenja.

L-oġġettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment I: Aktar ekoloġizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni fis-Slovenja

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jkompli jikkontribwixxi għall-forniment ta' infrastruttura tal-edukazzjoni sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent.

L-investiment jikkonsisti fil-kostruzzjoni jew l-estensjoni ulterjuri ta' disa' istituzzjonijiet edukattivi, li jsegwu l-oġġettiv tal-bini ta' bini b'effiċjenza enerġetika għolja b'domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L.4 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
167	D: Strateġija għall-ekoloġizzazzjoni tal-edukazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka fis-Slovenja	Oġettiv intermedju	Adozzjoni tal-Istrateġija għall-Ekoloġizzazzjoni tal-Infrastrutturi tal-Edukazzjoni u tar-Riċerka	Adozzjoni tal-Istrateġija għall-Ekoloġizzazzjoni tal-Infrastrutturi tal-Edukazzjoni u tar-Riċerka mill-Gvern				Q4	2022	L-istrateġija għandha tidentifika prijoritajiet sostenibbli għall-investimenti ekoloġiċi fl-infrastrutturi tal-edukazzjoni u r-riċerka u għall-manutenzjoni ta' bini edukattivi, filwaqt li tqis il-karatteristiċi speċifiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi, bħall-prinċipji ta' kostruzzjoni sostenibbli ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero, id-disinn spazjali, it-tranżizzjoni diġitali, u approċċi pedagoġiċi innovattivi.
168	I: Aktar ekoloġizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni fis-Slovenja	Oġettiv intermedju	Għażla kompluta ta' proġetti ta' investiment fl-ekoloġizzazzjoni tal-infrastruttura tal-edukazzjoni	Iffirmar tal-kuntratti				Q2	2023	Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Ispert għandu jagħmel stedina xierqa biex jiffirma kuntratt għall-kofinanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura skont l-Istrateġija għall-Ekoloġizzazzjoni tal-Infrastrutturi tal-Edukazzjoni u tar-Riċerka. Il-kuntratti għandhom jiżguraw li d-domanda għall-enerġija primarja tal-proġetti infrastrutturali tkun mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero.
169	I: Aktar ekoloġizzazzjoni	Mira	Erja tas-superfiċje ta' faċilitajiet	m ²	Numru	0	31017	Q2	2025	Il-kostruzzjoni kompluta u l-bidu tal-operat ta' faċilitajiet edukattivi ġodda,

Numru Sekwenzjal i	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestr u	Sena	
	oni tal- infrastruttura tal- edukazzjoni fis-Slovenja		edukattivi ġodda							f'konformità mar-rekwiżiti taħt l- objettiv intermedju 168.
170	I: Aktar ekoloġizzazzj oni tal- infrastruttura tal- edukazzjoni fis-Slovenja	Mira	Erja tas-superfiċje ta' faċilitajiet edukattivi ġodda	m ²	Numru	31017	38667	Q2	2026	Il-kostruzzjoni kompluta u l-bidu tal- operat ta' faċilitajiet edukattivi ġodda, f'konformità mar-rekwiżiti taħt l- objettiv intermedju 168.

M. KOMPONENT 13: ISTITUZZJONIJIET PUBBLIĊI EFFETTIVI

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi relatati mal-effiċjenza tal-governanza tas-settur pubbliku u b'mod aktar ġenerali l-piż amministrattiv.

L-oġġettivi tal-komponent huma li jtejjeb l-effiċjenza tas-sistema tal-pagi tas-settur pubbliku, li jtejjeb l-ambjent tan-negozju permezz ta' simplifikazzjoni leġislattiva u regolatorja u riformi tal-leġislazzjoni dwar il-kostruzzjoni u l-ispazju, u li jtejjeb il-professjonalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-kompetizzjoni fis-sistema tal-akkwist pubbliku.

Mhu previst l-ebda finanzjament taħt il-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza għar-riformi taħt dan il-komponent.

Dawn ir-riformi għandhom jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lis-Slovenja fl-2019 biex “ittejjeb l-ambjent tan-negozju billi tnaqqas ir-restrizzjonijiet regolatorji u l-piż amministrattiv. Ittejjeb il-kompetizzjoni, il-professjonalizzazzjoni u s-sorveljanza indipendenti fl-akkwist pubbliku.” (Rakkomandazzjoni speċifika għall-Pajjiż 2, 2019) u 2020 li “tnaqqas il-piż amministrattiv, tiffinanzja fil-bidu tal-perjodu tagħhom proġetti maturi ta' investiment pubbliku u tippromwovi l-investiment privat biex jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

M.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: It-tneħħija tal-ostakli amministrattivi

L-għan tar-riforma huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozji u ċ-ċittadini, titnaqqas l-ispiża tal-proċeduri amministrattivi u tiġi ssimplifikata l-leġislazzjoni relatata fis-Slovenja.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal- “Att dwar id-Deburokratizzazzjoni”, pakkett ta' bidliet leġislattivi mmirati lejn is-simplifikazzjoni regolatorja. Għandu jidħol fis-seħħ ukoll pakkett addizzjonali ta' deburokratizzazzjoni wara konsultazzjonijiet pubbliċi, inkluż ma' ċittadini, rappreżentanti tan-negozju, trade unions, muniċipalitajiet u oħrajn. It-tieni pakkett għandu jiffoka fuq is-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni ta' qabel l-indipendenza.

L-oġġettivi intermedji relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2022.

Riforma B: Settur pubbliku modern u reżiljenti

L-għanijiet tar-riforma huma li jiżdied l-użu tar-remunerazzjoni varjabbli u r-remunerazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni tax-xogħol fis-settur pubbliku sabiex titjieb l-effiċjenza tiegħu. Ir-riforma għandha tippreserva s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pagi tas-settur pubbliku.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' liġi ġdida li timmodernizza s-sistema ta' remunerazzjoni tas-settur pubbliku. Is-sistema l-ġdida ta' remunerazzjoni mistennija tenfasizza r-rwol tal-maniġers u ttejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi umani u tiżviluppa mudell ta' kompetenza għall-impjegati tas-settur pubbliku. Is-sistema l-ġdida għandha tistabbilixxi remunerazzjoni differenzjata li tiddependi mis-segment tas-settur pubbliku, li mistennija toħloq aktar flessibbiltà, u għandha tiżgura li r-

remunerazzjoni tkun marbuta mal-prestazzjoni tax-xogħol. Il-liġi għandha tippermetti regolamentazzjoni differenzjata għal attivitajiet jew professjonijiet speċifiċi, filwaqt li tindirizza wkoll in-nuqqasijiet ta' professjonijiet speċifiċi fis-settur pubbliku.

L-oġġettivi intermedji relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma C: Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet sistemiċi għat-tkabbir tal-investment

L-għan tar-riforma huwa li żżid l-investment pubbliku u privat billi tissimplifika l-proċeduri fil-qasam tal-kostruzzjoni u l-ippjanar spazjali u billi tirriforma s-sistema tal-akkwist pubbliku.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar il-Kostruzzjoni u l-Atti dwar il-Ġestjoni tat-Territorju li għandhom itejbu l-istrumenti tal-ġestjoni tat-territorju, jistabbilixxu maniġment aktar effiċjenti tal-ġestjoni tat-territorju nazzjonali u muniċipali, u jippermettu d-diġitalizzazzjoni ta' *data* spazjali ewlenija użata għat-tħejjija ta' dokumenti dwar il-ġestjoni tat-territorju. L-emendi għandhom iħaffu l-ħruġ tal-permessi, filwaqt li jipproteġu l-interessi pubbliċi u jipprovdu ċertezza legali għall-atturi kollha involuti fil-kostruzzjoni.

Ir-riforma għandha tikkonsisti wkoll f'miżuri għat-titjib tas-sistema tal-akkwist pubbliku fis-Slovenja. L-Att dwar l-Akkwist Pubbliku għandu jiġi emendat bil-għan li jżiedu d-diġitalizzazzjoni u l-kompetizzjoni fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku. Ir-riforma għandha tistabbilixxi wkoll Akkademja tal-Akkwist Pubbliku biex iżżid il-livell ta' professjonalizzazzjoni permezz ta' edukazzjoni u taħriġ kontinwi ta' kwalità għal dawk involuti fl-implimentazzjoni tal-akkwist pubbliku. Hija għandha tiżgura wkoll il-komparabbiltà u t-tixrid tad-data dwar l-akkwist pubbliku permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. L-assistenza teknika hija mistennija li tappoġġa l-implimentazzjoni tar-riforma u tidentifika modi biex tittejjeb il-kompetizzjoni u biex tiġi vvalutata r-riforma wara li tkun ġiet implimentata bis-sħiħ. Il-kisba mistennija tal-mira għandha tindika progress fiż-żieda tat-trasparenza u l-kompetittività tas-sistema tal-akkwist pubbliku fis-Slovenja.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma D: Implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza— sistemi ta' kontroll u awditjar

L-għan tar-riforma huwa li tistabbilixxi u tifformalizza l-qafas legali u istituzzjonali għal funzjonament adegwat tas-sistemi ta' kontroll u verifika.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-istabbiliment tal-Uffiċċju għall-Implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, bħala korp separat fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, biex jaġixxi bħala l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Ir-riforma għandha tikkonsisti wkoll fl-adozzjoni tad-Digriet Nazzjonali u l-Linji Gwida tal-Korp ta' Koordinazzjoni li jiddeskrivu l-proċeduri għat-twettiq ta' awditi u kontrolli f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, u l-aġġornament tas-sistema tal-IT tal-Ministeru tal-Finanzi — MFERAC.

L-oġġettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

M.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
171	A: It-tneħħija tal-ostakli amministrattivi	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tat-Tieni Att dwar id-Deburokratizzazzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar id-Deburokratizzazzjoni				Q2	2021	L-att għandu jnaqqas l-ostakli amministrattivi għas-settur tan-negozju u għaċ-ċittadini, jissimplifika l-leġiżlazzjoni, jirrazzjonalizza l-proċeduri eżistenti u jneħħi proċeduri ta' piż permezz ta' emendi u żidiet fil-liġijiet li jkopru diversi dipartimenti ministerjali. Il-liġi mistennija ttejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni statali u lokali.
172	A: It-tneħħija tal-ostakli amministrattivi	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tat-Tieni Att dwar id-Deburokratizzazzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tat-Tieni Att dwar id-Deburokratizzazzjoni				Q2	2022	Il-pakkett leġiżlattiv għandu jkompli jnaqqas l-ostakli amministrattivi għas-settur tan-negozju u ċ-ċittadini wara proċess ta' konsultazzjonijiet pubbliċi b'firxa wiesgħa. Il-liġi mistennija ttejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni statali u

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										lokali.
173	B: Settur pubbliku modern u reżiljenti	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' liġi li tirregola s-sistema tal-pagi fis-settur pubbliku	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis- seħħ ta' liġi li tirregola s-sistema ta' ħlas fis-settur pubbliku				Q2	2023	Is-sistema l-ġdida tal-pagi tas-settur pubbliku għandha tinkludi arranġamenti għal remunerazzjoni varjabbli u biex ir-remunerazzjoni tintrabat mar-riżultati tax- xogħol. Is-sistema l-ġdida tal-pagi tas-settur pubbliku għandha tkun fiskalment sostenibbli. Għandu jiġi żviluppat mudell ta' kompetenza għall-amministrazzjoni tal- istat.
174	C: Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet sistemiċi għat- tkabbir tal- investiment	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal- emenda għall-Att dwar l-Akkwist Pubbliku	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis- seħħ tal-emenda għall-Att dwar l- Akkwist Pubbliku				Q4	2021	L-att dwar l-Akkwist Pubbliku għandu jinkludi, fost l-oħrajn, is- simplifikazzjoni tal- proċeduri li jippermettu s- supplimentazzjoni u l- kjarifika tal-offerti meta jintgħażlu l-offerenti, u l- eliminazzjoni ta' offerti anormalment baxxi. Għandu jimmira lejn it- trasformazzjoni diġitali tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										akkwist pubbliku u lejn iż- żieda tal-kompetizzjoni fil- proċeduri tal-akkwist pubbliku u t-tnaqqis tal- għadd ta' offerti uniċi.
175	C: Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet sistemiċi għat- tkabbir tal-investment	Mira	Proporzjon ta' proċeduri nnegożjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel fil-proċeduri kollha ppubblikati b'mod trasparenti		% (Persentaġġ)	26	14	Q4	2024	Sabiex jizziedu l-kompetittività u t-trasparenza tal-akkwist pubbliku, il-proporzjon ta' proċeduri nnegożjati mhux trasparenti għandu jitnaqqas għal 14 % kif imkejjel mill-indikatur tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku għal "ebda sejħa għall-offerti". Dan huwa mistenni li jinkiseb permezz tal-emenda tal-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, iż-żieda fil-professjonalizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali, li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jagħtu kuntratti b'mod aktar effiċjenti. L-użu tal-proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										għandu jżied mal-Att dwar l-Akkwist Pubbliku bħala reat jekk il- kundizzjonijiet għall-użu ta' tali proċedura ma jiġux issodisfati.
176	C: Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet sistemiċi għat- tkabbir tal- investiment	Objettiv intermedju	Tlestija tal-assistenza teknika biex tappoġġa l- implimentazzjoni tar-riformi fl-akkwist pubbliku.	Rapport tal-output b'valutazzjoni u rakkomandazzjonijiet sottomessi.				Q2	2022	L-għoti ta' rapport ta' assistenza teknika biex tiġi appoġġata l- implimentazzjoni tar- riformi tal-akkwist pubbliku, b'enfasi fuq iż- żieda tal-kompetittività fis- suq tal-akkwist pubbliku f'konformità mal-qafas legali tal-UE.
177	C: Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet sistemiċi għat- tkabbir tal- investiment	Objettiv intermedju	Titlesta analiżi indipendenti tal- impatt tar-riformi fl- akkwist pubbliku u l- formulazzjoni ta' miżuri u miri għat- titjib tas-sistema.	Rapport tal-output b'valutazzjoni u rakkomandazzjonijiet sottomessi.				Q4	2024	L-għoti ta' rapport b'analiżi indipendenti tal-impatt tar- riformi fl-akkwist pubbliku u l-formulazzjoni ta' miżuri u miri biex tittejjeb is- sistema tal-akkwist pubbliku, b'enfasi partikolari fuq iż-żieda fil- kompetizzjoni fis-suq tal- akkwist pubbliku, id- diġitalizzazzjoni u t- trasparenza, f'konformità

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										mal-qafas legali tal-UE.
178	C: Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet sistemiċi għat- tkabbir tal- investiment	Objettiv intermedju	Allinjament tal- bażijiet tad- <i>data</i> tal- akkwist pubbliku tas-Slovenja mal- bażi tad- <i>data</i> tal- Kummissjoni Ewropea u t-trażmissjoni tad- <i>data</i> meħtieġa għall- pubblikazzjoni sħiħa tal-indikaturi tal- akkwist pubbliku fit- Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku	L-indikaturi kollha tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku relatati mal- akkwist pubbliku huma ppubblikati fil- bażi tad- <i>data</i> tat- Tabella ta' Valutazzjoni.				Q4	2021	Il-bażijiet tad- <i>data</i> tal- akkwist pubbliku għandhom jiġu allinjati billi jiġu pprovduti kjarifiki adegwati dwar it-trażmissjoni tad- <i>data</i> u l-interpretazzjoni tad- <i>data</i> Tenders Electronic Daily — il-Kummissjoni Ewropea. Id- <i>data</i> kollha għandha tiġi pprovduta permezz ta' Tenders Electronic Daily għall- pubblikazzjoni tal- indikaturi kollha fit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (indikaturi tal- Akkwist Pubbliku).
179	C: Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet sistemiċi għat- tkabbir tal- investiment	Objettiv intermedju	L-Akkademja tal- Akkwist Pubbliku hija operattiva	L-Akkademja tal- Akkwist Pubbliku hija operattiva				Q2	2023	L-Akkademja tal-Akkwist Pubbliku għandha timmira li żżid il-livell ta' professjonalizzazzjoni fost il-partijiet interessati permezz ta' sett ta' programmi u taħriġ għall-uffiċjali pubbliċi fil-qasam tal-akkwist pubbliku.
180	C: Il-ħolqien ta'	Objettiv	Dħul fis-seħħ tal-	Dispożizzjoni fil-liġi				Q2	2022	Ir-riformulazzjoni tal-Att

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
181	kundizzjonijiet sistemiċi għat- tkabbir tal- investiment D: Implimentazzjoni tal-Pjan għall- Irkupru u r- Reżiljenza— sistemi ta' kontroll u awditjar	intermedju Objettiv intermedju	emendi għall-Att dwar il-Kostruzzjoni u l-Att dwar il- Ġestjoni tat- Territorju Digriet Nazzjonali li jiddeskrivi l- proċedura għat- twettiq ta' awditi u kontrolli f'konformità mal- leġislazzjoni tal- Unjoni u nazzjonali applikabbli u l-Linji Gwida tal-Korp ta' Koordinazzjoni adottati mill-Gvern;	li tindika d-dħul fis- seħħ tal-emendi għall-Att dwar il- Kostruzzjoni u l-Att dwar il-Ġestjoni tat- Territorju Digriet dwar l- implimentazzjoni tal- pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; Linji gwida tal-Korp ta' Koordinazzjoni; Emenda tad-Digriet dwar il-korpi affiljati mal-ministeri; rapport tal-awditjar li jikkonferma l- funzjonalitajiet tas-				Q3	2021	dwar l-Ippjanar Spazjali għandu jkollha l-għan li ttejjeb l-istrumenti tal- ippjanar spazjali, li tistabbilixxi ġestjoni aktar effiċjenti tal-ippjanar spazjali nazzjonali u muniċipali, u li tippermetti d-diġitalizzazzjoni tad- <i>data</i> spazjali ewlenija kollha. L- att dwar il-Kostruzzjoni għandu jinkludi għajnuna amministrattiva u diġitalizzazzjoni bil-ħsieb li jitħaffu l-proċeduri rilevanti. Id-digriet dwar kif tiġi stabbilita l- implimentazzjoni tal-pjan Sloven għall-irkupru u r- reżiljenza għandu jistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-proċeduri għat-twettiq ta' awditi u kontrolli biex tiġi żgurata l-konformità mal- leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali, il-proċeduri li jikkonċernaw

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			l-istabbiliment tal-Uffiċċju għall-Implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u sistema repożitorja aġġornata għall-awditjar u l-kontrolli: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF.	sistema repożitorja						il-verifika tal-objettivi intermedji u l-miri u l-iskadenzi ta' rapportar relatati, il-proċeduri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' rimborżi ta' fondi minfuqa indebitament, kif tinħażen id-dokumentazzjoni u tiġi żgurata sekwenza tal-awditjar, l-aċċessibbiltà tad-data għall-istituzzjonijiet nazzjonali u rilevanti Ewropej (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-UPPE), il-proċeduri għall-implimentazzjoni effettiva ta' proċeduri ta' finanzjament tal-Unjoni u l-iżgurar ta' sekwenza ta' awditjar, l-aċċessibbiltà tad-data għal istituzzjonijiet nazzjonali u rilevanti Ewropej (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-UPPE), il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' dokumenti u l-iżgurar ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										sekwenza tal-awditjar, l-aċċessibbiltà tad-data għal istituzzjonijiet nazzjonali u rilevanti Ewropej (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-UPPE), il-proċeduri għall-implimentazzjoni effettiva ta' programmi ta' finanzjament u ta' frodi oħra, il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' proġetti, il-proċeduri ta' rkupru u ta' reżiljenza Slovena (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-UPPE), il-proċeduri għall-implimentazzjoni effettiva ta' proċeduri ta' finanzjament ta' proġetti u proċeduri oħra ta' evitar ta' frodi, il-proċeduri ta' rkupru u ta' reżiljenza tas-Slovenja (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-UPPE), il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' finanzjament effettiv ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										proġetti u proċeduri oħra ta' evitar ta' frodi, proċeduri ta' prevenzjoni ta' frodi u ta' reżiljenza Slovena (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-EPP), il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' finanzjament doppju ta' proġetti ta' frodi, il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' rkupru u ta' reżiljenza tas-Slovenja (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-UPPE), proċeduri għall-implimentazzjoni effettiva ta' proċeduri ta' finanzjament ta' proġetti u proċeduri ta' evitar ta' frodi oħra, proċeduri ta' rkupru u ta' reżiljenza tas-Slovenja (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-UPPE), proċeduri għall-implimentazzjoni effettiva ta' proċeduri ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										finanzjament ta' proġetti, proċeduri għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' rkupru, proċeduri għal evitar ta' frodi u għal reżiljenza tas-Slovenja (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-UPPE), proċeduri għall-implimentazzjoni effettiva ta' proġetti, u proċeduri oħra ta' evitar ta' frodi, proċeduri għal reżiljenza nazzjonali u rilevanti (il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, il-QEA u l-UPPE), għal kompiti għall-implimentazzjoni ta' proġetti u għal proċeduri ta' evitar ta' frodi oħra tal-Unjoni, għall-aċċessibbiltà ta' data għal Il-linji gwida tal-Korp ta' Koordinazzjoni għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, definizzjoni dettaljata tal-proċeduri għat-twettiq ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										kontrolli u awditi f'konformità mal- leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE applikabbli, proċeduri għall-verifika tal- objettivi intermedji u l-miri u skadenzi ta' rapportar relatati, proċeduri għall- irkupru ta' fondi minfuqa indebitament, proċeduri relatati mad-detezzjoni ta' frodi suspettata, kunflitt ta' interess u finanzjament doppju, proċeduri relatati mas-sistema ta' rappurtar għal irregolaritajiet u frodi suspettati identifikati u miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ta' frodi addizzjonali, id- definizzjoni ta' proċeduri biex jiġi żgurat il-fond tal- parti tal-unità ta' demarkazzjoni b'deskrizzjoni ċara ta' kull unità ta' frodi, u ta' frodi ssuspettata u miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ta' frodi addizzjonali, id-definizzjoni ta' proċeduri biex jiġi żgurat il-fond tal-parti mill-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										unitajiet ta' demarkazzjoni b'deskrizzjoni ċara ta' kull unità li twettaq il-frodi differenti. F'konformità mad-deċizzjoni tal-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja tat-28.4.2021, il-Korp ta' Koordinazzjoni għandu jkun responsabbli għall-istabbiliment tas-sistema ta' implimentazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza nnifsu. Il-kompiti tiegħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza fil-livell nazzjonali, il-koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza, il-gwida tal-awtoritajiet involuti fl-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										implimentazzjoni tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza, il-monitoraġġ, il-verifika u l-validazzjoni tal-kisba tal-obiettivi intermedji u l-miri, it-tħejjija u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni ta' atti legali u dokumenti strateġiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza, il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà bejn ir-Regolament (UE) 2021/241 u l-fondi l-oħra tal-UE, l-implimentazzjoni ta' kontrolli u miżuri ta' kontroll fil-livell tal-ministeri jew ta' benefiċjarji involuti fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza Sloven, rapportar lill-Kummissjoni, il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja dwar it-tħejjija tad-digriet, il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà bejn ir-Regolament (UE) 2021/241 u fondi tal-UE rilevanti

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										oħra, l-implimentazzjoni ta' kontrolli u miżuri ta' kontroll fil-livell ta' ministeri jew benefiċjarji involuti fl-implimentazzjoni tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza, ir-rapportar lill-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern tas-Slovenja u istituzzjonijiet rilevanti oħra. Għandha tkun stabbilita u operattiva sistema repożitorja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF — MFERAC (Ministeru tal-Finanzi — Sistema tal-Kontabbiltà Uniformi). Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir tad-<i>data</i> u l-monitoraġġ tal-kisba tal-objettivi intermedji u l-miri; (b) tiġbor, taħżen u tiżgura

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall- objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										l-aċċess għad-data meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d) (i) sa (iii) tar-Regolament RRF.

N. KOMPONENT 14: IS-SAHHA

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza għadd ta' sfidi tas-sistema tal-kura tas-saħħa, li jvarjaw minn dgħufijiet fis-sistema tas-saħħa primarja, b'mod partikolari nuqqasijiet ta' persunal tas-saħħa, użu limitat ta' għodod diġitali fil-kura tas-saħħa, u kopertura territorjali mhux uniformi tal-assistenza medika ta' emerġenza sal-ħtieġa ta' trattament aħjar ta' mard li jittieħed filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul ġenerali tagħha.

L-oġettivi ġenerali tal-komponent huwa li jtejjeb l-aċċess, il-kwalità u s-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Dan jinkludi l-iżguraw ta' finanzjament sostenibbli għal aċċess universali għal servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità, inklużi dawk preventivi; l-indirizzar ta' theddid emerġenti għas-saħħa bħal mard u kundizzjonijiet kroniċi u mard emerġenti li jittieħed; l-avvanz tat-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa; iż-żieda fl-effiċjenza tal-ġestjoni u l-funzjonament tas-sistema tas-saħħa f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż indirizzati lis-Slovenja fl-2019 biex “tadotta u timplimenta riformi fil-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul li jiżguraw il-kwalità, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà fiskali fit-tul” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019) u 2020 biex “tiżgura r-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa u fit-tul, inkluż billi tipprovi provvista adegwata ta' prodotti mediċi kritiċi u billi tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

N.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: Riforma tas-sistema tal-kura tas-saħħa

L-għan tar-riforma huwa sistema tal-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, aċċessibbli, effiċjenti u finanzjarjament stabbli.

Ir-riforma tikkonsisti f'reviżjoni tal-qafas leġislativ fis-settur tas-saħħa u d-dħul fis-seħħ ta' riformulazzjoni tal-Att dwar il-Kura tas-Saħħa u l-Assigurazzjoni tas-Saħħa. Hija għandha tintroduċi miżuri sistemiċi mmirati fil-finanzjament tas-sistema tal-kura tas-saħħa, in-network tal-fornituri, il-mudelli tal-kontabbiltà u l-mudelli tal-persunal. Hija għandha tiżgura s-sostenibbiltà finanzjarja tas-settur tas-saħħa, iżżomm ġabra wiesgħa ta' drittijiet taħt l-iskema ta' assicurazzjoni tas-saħħa obligatorja, u ttejjeb il-ġestjoni u l-prestazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Ir-riforma tinkludi wkoll it-twaqqif ta' korp indipendenti li jimmonitorja l-kwalità u s-sikurezza fis-sistema tal-kura tas-saħħa.

L-oġettivi intermedji relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment B: It-tisħiħ tal-kompetenza tal-persunal tas-saħħa biex tiġi żgurata l-kwalità tal-kura

L-oġettivi tal-investment huma li jitwessgħu l-ħiliet tal-infermiera li jippermettulhom iwettqu kompiti b'mod awtonomu u li jiżviluppaw il-kompetenzi professjonali tat-tobba fil-livell tal-kura primarja. Dan huwa mistenni li jħaffef it-tagħbija ta' xogħol tat-tobba tal-familja, itejjeb l-aċċess għall-kura primarja, u jiżgura kundizzjonijiet ta' trattament aħjar.

L-investment għandu jappoġġa t-taħriġ ta' infermiera addizzjonali speċjalizzati fil-kura għal pazjenti b'mard kroniku. Għandu jikkonsisti wkoll f'adattament tal-kurrikuli għall-professjonijiet tas-saħħa; l-introduzzjoni ta' taħriġ għall-kisba ta' ħliet speċjalizzati għal infermiera kwalifikati; approċċ komprensiv għat-trattament ta' pazjenti ġerjatriċi; l-istabbiliment ta' network ta' timijiet reġjonali mobbli paljattivi mġhamra; it-tisħiħ tas-sistema tas-saħħa mentali; u t-trattament ta' kundizzjonijiet ta' uġiġ muskuloskeletal.

Il-mira relatata mal-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C: Trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa

L-oġġettivi tal-investment huma li jiġi żgurat aċċess rapidu għal *data* armonizzata ta' kwalità għolja fil-kura tas-saħħa, primarjament bl-integrazzjoni ta' servizzi diġitali ġodda fil-kura tas-saħħa; li jippromwovi l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-komunikazzjoni mal-pazjenti u ma' partijiet ikkonċernati oħra fis-sistema tas-saħħa; li tintroduċi monitoraġġ tal-kwalità bbażat fuq *data* f'ħin reali, li ttejjeb il-kapaċità u l-ippjanar tal-ġestjoni tal-pazjenti u l-ippjanar tal-faċilitajiet tal-isptarijiet, tas-servizzi mediċi u tar-rekwiżiti materjali.

L-investment jikkonsisti, fost affarijiet oħra, f'espansjoni tar-Reġistru tad-*Data* tal-Pazjenti; l-introduzzjoni ta' ħżin ċentrali ta' immaġnijiet aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha; l-implimentazzjoni tal-pjattaforma nazzjonali għat-trattament bit-telemediċina; it-tisħiħ tal-kompetenzi diġitali tal-atturi fil-kura tas-saħħa; u aġġornament tas-sistema tal-appuntamenti mediċi elettroniċi.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment D: L-aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa

L-oġġettivi tal-investment huma li jtejjeb l-aċċess u l-kwalità tal-assistenza medika ta' emerġenza fir-reġjuni kollha u li jqassar il-ħin sal-wasla tat-tim tal-intervent.

L-investment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' network ta' ċentri ta' servizz postakuti; ċentru ta' riabilitazzjoni speċjalizzat u unitajiet iżgħar ta' riabilitazzjoni primarja fiċ-ċentri tas-saħħa ewlenin; u t-tisħiħ tas-sistema nazzjonali ta' kura ta' emerġenza.

L-oġġettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investment għandhom jitlestew sal-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment E: Trattament effettiv ta' mard li jittieħed

L-oġġettiv tal-investment huwa li jiżdiedu u jittejjbu l-kapaċitajiet għat-trattament ta' mard li jittieħed fis-Slovenja.

L-investment jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' żewġ proġetti ta' infrastruttura, it-titjib tal-klinika għall-mard infettiv f'UKC Ljubljana u l-bini ta' klinika għall-mard infettiv għida f'UKC Maribor.

L-oġġettiv intermedju relatat mal-implimentazzjoni tal-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

N.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			L-iskeda ta' żmien għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
182	A: Riforma tas-Sistema tal-Kura tas-Saħħa	Objettiv intermedju	L-istabbiliment ta' korp indipendenti għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità fis-sistema tal-kura tas-saħħa	Korp indipendenti għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità fis-sistema tal-kura tas-saħħa huwa operattiv				Q4	2023	Il-korp għandu jwettaq il-kompiti kollha relatati mal-ġestjoni tas-sistema tal-kwalità, is-sikurezza, l-iżvilupp ta' standards u l-monitoraġġ tal-indikaturi tal-kwalità, l-introduzzjoni u l-evalwazzjoni tat-teknoloġiji rilevanti kollha u l-ġestjoni tal-big data fis-sistema tal-kura tas-saħħa għall-monitoraġġ tal-kwalità.
183	A: Riforma tas-Sistema tal-Kura tas-Saħħa	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar il-Kura tas-Saħħa u l-Assigurazzjoni tas-Saħħa	Dispożizzjonijiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar il-Kura tas-Saħħa u l-Assigurazzjoni tas-Saħħa				Q4	2024	L-emendi għal-liġi għandhom jiżguraw il-kwalità, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-kura tas-saħħa. Għandhom jiżguraw finanzjament suffiċjenti; jiddiversifikaw is-sorsi ta' finanzjament; jaġġustaw il-piżijiet u r-responsabbiltà fil-ħlas tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			L-iskeda ta' żmien għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										assicurazzjoni tas-saħħa; u jżommu sett wiesa' ta' drittijiet statutorji tal-assicurazzjoni tas-saħħa. Huma għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, definizzjoni tad-drittijiet taħt l-assicurazzjoni tas-saħħa obbligatorja, revizzjoni tal-proċeduri tal-ippjanar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tad-drittijiet statutorji tal-assicurazzjoni tas-saħħa, it-trasformazzjoni tal-assicurazzjoni tas-saħħa komplementari, definizzjoni tar-rwoli tal-partijiet interessati fis-sistema tal-kura tas-saħħa u l-ġestjoni tal-Istitut tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tas-Slovenja, rieżami tal-indikaturi tal-kwalità tas-saħħa u tiġdid tal-istrateġija tal-ġestjoni tal-kwalità tas-saħħa. Dawn għandhom jinkludu wkoll mudelli ta' kontijiet

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			L-iskeda ta' żmien għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										riveduti bbażati fuq il- kwalità tas-servizz ipprovdut.
184	B: It-tisħiħ tal- kompetenza tal- persunal tas- saħħa biex tiġi żgurata l- kwalità tal-kura	Mira	Infermiera addizzjonali mħarrġa għal pazjenti b'mard kroniku		Numru	0	175	Q4	2025	In-numru addizzjonali ta' infermiera fil-livell primarju għandu jitħarreġ biex jaħdem indipendentement minn pazjenti li jbatu minn mard kroniku.
185	C: Trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratt għal sistema nazzjonali tat- telemediċina	Komunikazzjoni tal-għoti				Q2	2023	Is-sistema nazzjonali tat- telemediċina magħżula għandha tippermetti l- komunikazzjoni tal- pazjenti mal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l- kooperazzjoni bejn il- professjonisti tas-saħħa. Għandha tipprovdi l- infrastruttura diġitali meħtieġa għall- implimentazzjoni tat- telesaħħa, karta tas-saħħa waħda, u mudell tad- <i>data</i> amministrattiva uniku. Hija

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			L-iskeda ta' żmien għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										għandha tiżgura wkoll rekwiżiti xierqa ta' privatezza, protezzjoni tad- data, sigurtà tal-IT, ħżin u kompatibbiltà u speċifikazzjoni tal-forma ta' komunikazzjoni.
186	C: Trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa	Mira	Istituzzjonijiet tas-saħħa li jużaw il-ħażna ċentrali ta' immaġnijiet		% (Persentaġġ)	0	10	Q4	2023	Mill-inqas 10 % tal- istituzzjonijiet tas-saħħa pubblika għandu jkollhom konnessjoni mas-sistema ċentrali ta' aċċess u ħżin ta' immaġnijiet (PACS) u għandhom ikunu jistgħu jaħżnu u jirkupraw immaġnijiet minnhom.
187	C: Trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa	Mira	Professjonisti tas-saħħa li jużaw is- sistema nazzjonali tat- telemediċina		Numru	0	1500	Q4	2025	L-użi tas-soluzzjonijiet nazzjonali tat-telemediċina jinkludu l-komunikazzjoni mill-bogħod tal-pazjent mat-tabib, konsultazzjonijiet mill- bogħod mat-tabib, konsultazzjoni mill-bogħod ma' tobba oħra, jew monitoraġġ remot tas- sinjali vitali. Il-mira taqbad l-għadd ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			L-iskeda ta' żmien għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										professjonisti tal-kura tas-saħħa individwali li jużaw is-sistema.
188	D: L-aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa	Objettiv intermedju	Iċ-Ċentru ta' riabilitazzjoni mtejjeb b'kapaċità miżjuda huwa operattiv	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni kompluti u permess ta' użu miksub				Q4	2024	It-titjib taċ-ċentru ta' riabilitazzjoni għandu jżid il-kapaċità annwali tiegħu b' 2 800 pazjent (minn 1 400 pazjent li bħalissa qed jiġu ttrattati kull sena għal 4 200 wara li jitlesta t-titjib). Wara x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, iċ-ċentru ta' riabilitazzjoni għandu jkun konformi mar-rekwiżiti għal bini b'użu ta' kważi żero enerġija.
189	D: L-aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa	Mira	Ħin medju mnaqqas tal-wasla tal-assistenza medika ta' emerġenza		Numru (minuti)	16	15	Q2	2025	Skont is-servizz ta' dispaċċ tas-saħħa, il-ħin medju tal-wasla tal-ambulanzi fis-Slovenja, bħalissa huwa ta' 16-il minuta jew aktar. Il-ħin medju tal-wasla tal-unitajiet mediċi ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			L-iskeda ta' żmien għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										emerġenza għandu jtnaqqas għal inqas minn 15-il minuta f'ambjenti urbani u rurali. Il-mira għandha tiffoka b'mod partikolari fuq it-tnaqqis tal-ħin medju tal-wasla f'dawk iż-żoni li bħalissa qed jiffaċċjaw l-itwal stennija.
190	E: Trattament effettiv ta' mard li jittieħed	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratt għall-kostruzzjoni tal-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Ljubljana	Komunikazzjoni tal-għoti				Q4	2023	L-għoti ta' kuntratt għall-kostruzzjoni tal-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Ljubljana għat-trattament ta' mard infettiv. Il-klinika għandha tikkonforma mar-rekwiżiti għal bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			L-iskeda ta' żmien għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
191	E: Trattament effettiv ta' mard li jittieħed	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratt għat- tagħmir għall- Klinika għall- Mard Infettiv ta' Ljubljana	Komunikazzjoni tal-għoti				Q2	2025	L-għoti ta' kuntratt għat- tagħmir għall-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Ljubljana. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-linji gwida tekniċi u l- ispeċifikazzjoni tat-tagħmir meħtieġa biex tiżgura li t- tagħmir ikun sikur u tippermetti li pazjenti b'mard infettiv jiġu ttrattati effettivament skont l- istandards mediċi.
192	E: Trattament effettiv ta' mard li jittieħed	Objettiv intermedju	Il-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Ljubljana hija operattiva	Tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni u liċenzja operattiva miksuba				Q2	2026	Id-dħul fl-użu tal-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Ljubljana f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet taħt l-objettiv intermedju 190 u mgħammra f'konformità mal-objettiv intermedju 191.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			L-iskeda ta' żmien għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
193	E: Trattament effettiv ta' mard li jittieħed	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratt għall- kostruzzjoni tal-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Maribor	Komunikazzjoni tal-għoti				Q4	2022	Għoti ta' kuntratt għall- kostruzzjoni tal-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Maribor għat-trattament ta' mard infettiv. Il-klinika għandha tikkonforma mar-rekwiżiti għal bini b'użu ta' kważi żero enerġija.
194	E: Trattament effettiv ta' mard li jittieħed	Objettiv intermedju	Għoti ta' kuntratt għal tagħmir għall- Klinika għall- Mard Infettiv ta' Maribor	Komunikazzjoni tal-għoti				Q4	2024	Għoti ta' kuntratt għal tagħmir għall-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Maribor Kummissjoni għandha tiżviluppa l-linji gwida tekniċi u l- ispeċifikazzjoni tat-tagħmir meħtieġ biex tiżgura li jkun sigur u jippermetti li pazjenti b'mard infettiv jiġu ttrattati b'mod effettiv skont l-istandards mediċi.
195	E: Trattament effettiv ta' mard li jittieħed	Objettiv intermedju	Il-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Maribor tkun operattiva	Tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni u liċenzja operattiva miksuba				Q2	2026	Id-dħul fl-użu tal-Klinika għall-Mard Infettiv ta' Maribor f'konformità mal- ispeċifikazzjonijiet taħt l- objettiv intermedju 193 u mgħammra f'konformità mal-objettiv intermedju

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Objettiv intermedju/ Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			L-iskeda ta' żmien għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										194.

O. KOMPONENT 15: KURA FIT-TUL

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi ewlenin relatati max-xejriet demografiċi u l-ħtieġa dejjem tikber għal aċċess akbar għal servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità għolja.

L-oġġettivi tal-komponent huma li jiġi introdott pilastru ġdid tas-sigurtà soċjali permezz tal-istabbiliment ta' qafas legali integrat għal kura fit-tul ta' kwalità għolja, soċjalment ġusta u finanzjarjament sostenibbli; li jiżdiedu l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà tas-servizzi għall-benefiċjarji ta' kull età; it-tisħiħ tal-iżvilupp ta' servizzi bbażati fil-komunità u l-integrazzjoni mas-servizzi tal-kura tas-saħħa; li tiżdied il-kapaċità tal-persunal u li tiġi appoġġata d-diġitalizzazzjoni tas-sistema.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż indirizzati lis-Slovenja fl-2019 biex “tadotta u timplimenta riformi fil-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul li jiżguraw il-kwalità, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà fiskali fit-tul” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019) u 2020 biex “tiżgura r-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa u fit-tul, inkluż billi tipprovi provvista adegwata ta' prodotti mediċi kritiċi u billi tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa” (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

O.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma A: L-istabbiliment ta' sistema unika għall-kura fit-tul

L-oġġettivi tar-riforma huma li jiġi implimentat pilastru ġdid tas-sigurtà soċjali ffukat fuq il-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk li jeħtieġu kura fit-tul u li jiġi żgurat aċċess ugwali irrispettivament mill-istatus soċjo-ekonomiku. Liġi speċjali għandha tiżgura sorsi ta' finanzjament aktar diversifikati, b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja għall-kura fit-tul.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' liġi ġdida li tistabbilixxi sistema integrata ta' kura fit-tul fis-Slovenja, inklużi emendi għall-ordinamenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali; id-dħul fis-seħħ ta' liġi speċjali dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-kura fit-tul; u l-istabbiliment ta' mudell nazzjonali għall-monitoraġġ tal-kwalità tat-trattament minn fornituri tal-kura fit-tul.

L-oġġettivi intermedji relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment B: L-iżgurar ta' trattament integrat ta' persuni li jeħtieġu livelli ogħla ta' kura fit-tul u servizzi aktar kumplessi mill-infermieri

L-oġġettivi tal-investment huma l-istabbiliment ta' struttura organizzattiva ġdida, li għandha tippermetti t-trattament integrat tal-adulti li jeħtieġu intensitajiet ogħla ta' kura fit-tul u servizzi ta' kura aktar kumplessi; it-twaqqif ta' network ta' ċentri ta' riabilitazzjoni għal persuni intitolati għal kura fit-tul, u timijiet ambulatorji u mobbli biex jipprovdu servizzi ta' kura fit-tul ukoll fi djar il-benefiċjarji.

L-investment jikkonsisti fil-bidu tal-operat ta' mill-inqas 200 sodda addizzjonali b'faċilitajiet u tagħmir assoċjati; l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet spazjali u tagħmir għall-operat ta' ċentru ta' riabilitazzjoni biex jipprovdi servizzi fi ħdan l-istituzzjoni fi djar il-benefiċjarji tal-kura fit-tul; u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet u tagħmir spazjali għall-operat ta' ċentru ta' simulazzjoni biex jitħarreġ il-persunal fil-qasam tal-kura fit-tul u l-fornituri tal-kura informali sabiex tiġi żgurata kura fit-tul ta' kwalità għolja u sikura.

L-investment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

O.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
196	A: L-istabbiliment ta' sistema unika għall-kura fit-tul	Oġettiv intermedju	Mudell nazzjonali ta' monitoraġġ għall-indikaturi tal-kwalità għall-fornituri tal-kura fit-tul	Il-Ministeru tas-Saħħa jadotta mudell nazzjonali ta' monitoraġġ				Q4	2021	L-adozzjoni ta' mudell nazzjonali ta' monitoraġġ għall-indikaturi tal-kwalità għall-fornituri tal-kura fit-tul fl-istituzzjonijiet. Għandu jimmonitorja l-kwalità tas-servizzi ta' kura fit-tul fil-livell nazzjonali. Għandhom jiġu mmonitorjati mill-inqas l-indikaturi li ġejjin: l-għadd ta' korrimenti, l-għadd ta' korrimenti fil-waqgħat, l-għadd ta' devjazzjonijiet meta jiġu amministrati l-mediċini, l-għadd ta' utenti b'infezzjoni b'mikroorganiżmi reżistenti multipli.
197	A: L-istabbiliment ta' sistema unika għall-kura fit-tul	Oġettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Kura fit-Tul	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Kura fit-Tul				Q2	2022	L-att dwar il-Kura fit-Tul għandu jstabbilixxi l-kura fit-tul bħala pilastru ġdid tas-sigurtà soċjali permezz tal-integrazzjoni tas-servizzi soċjali u tas-saħħa. L-Att għandu jstabbilixxi kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità u sikuri, inklużi standards u normi għall-impjegati fil-qasam tal-kura fit-tul. Għandu jiżgura li benefiċjarji bi ħtiġijiet komparabbli għandu jkollhom aċċess għal drittijiet ugwali, irrispettivament mill-karatteristiċi soċjo-ekonomiċi jew personali oħra tagħhom, u l-post fejn jixtiequ jibbenefikaw mid-dritt għal servizzi ta' kura fit-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
										tul. L-att għandu jiżgura l-finanzjament tas-sistema tal-kura fit-tul permezz ta' sorsi diversifikati, inkluż il-baġit tal-istat, u għandu jinkludi impenn biex tiġi introdotta assigurazzjoni obbligatorja għall-kura fit-tul sal-1 ta' Jannar 2026.
198	A: L-istabbiliment ta' sistema unika għall-kura fit-tul	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ ta' atti ta' implimentazzjoni għall-Att dwar il-Kura fit-Tul	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' atti ta' implimentazzjoni għall-Att dwar il-Kura fit-Tul				Q2	2022	L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu r-regoli li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-liġi, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet tekniċi minimi u l-istandard ta' residenza fl-istituzzjonijiet, il-kundizzjonijiet tal-persunal, in-normi u l-istandards relatati mal-għadd u l-edukazzjoni tal-persunal, l-għadd ta' fornituri diretti tal-kura fit-tul skont il-mod li bih tingħata l-kura fit-tul u l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizzi fil-qasam tal-kura fit-tul. Ir-regoli għandhom jipprovdu wkoll għal numru xieraq ta' pazjenti li għandhom jiġu ttrattati mill-persunal mediku, inklużi l-infermiera.
199	A: L-istabbiliment ta' sistema unika għall-kura fit-tul	Objettiv intermedju	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-kura fit-	Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-kura fit-tul				Q4	2025	Il-Liġi għandha tiżgura tranżizzjoni minn finanzjament predominantement baġitarju għal finanzjament predomnanti permezz ta' assigurazzjoni obbligatorja għall-kura fit-tul. Hija għandha tiżgura li mill-inqas 30 % tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
			tul							ispejjeż tas-servizzi ta' kura fit-tul jiġu ffinanzjati minn tali assigurazzjoni mill-1 ta' Jannar 2026.
200	A: L-istabbiliment ta' sistema unika għall-kura fit-tul	Oġettiv intermedju	Id-drittijiet u s-servizzi kollha taħt is-sistema integrata tal-kura fit-tul huma applikabbli bis-sħiħ	Introduzzjoni gradwali kompluta tad-drittijiet u s-servizzi kollha skont l-Att dwar il-Kura fit-Tul				Q4	2025	Il-persuni kollha bi bżonnijiet ta' kura fit-tul għandhom ikunu eliġibbli biex jibbenefikaw mid-drittijiet u s-servizzi kollha skont l-Att dwar il-Kura fit-Tul, u b'mod partikolari l-aċċess għal trattament komprensiv id-dar, id-dritt għal persuna li tindokra għal membru tal-familja, u d-dritt għal benefiċċji fi flus. Mill-inqas 69 000 persuna huma mistennija li jkunu eliġibbli.
201	B: L-iżgurar ta' trattament integrat ta' persuni li jeħtieġu livelli oġhla ta' kura fit-tul u servizzi aktar kumplessi mill-infermieri	Oġettiv intermedju	Għoti ta' kuntratt għal kapaċità addizzjonali ta' faċilitajiet għall-kura fit-tul	Komunikazzjoni tal-għoti				Q2	2023	Il-faċilitajiet magħżula għall-forniment ta' kura fit-tul għandhom jipprovdu servizzi lill-benefiċjarji bi ħtiġijiet oġhla ta' kura fit-tul u infermiera. Dawn għandhom jinkludu l-kapaċità li jipprovdu riabilitazzjoni u tagħmir xieraq ieħor u għandhom jiżguraw l-adattament tal-kundizzjonijiet spazjali għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. Il-bini ġdid għandu jikkonforma mar-rekwiżiti għal bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero
202	B: L-iżgurar ta'	Mira	Kapaċità addizzjonali ta'		Numru	0	200	Q2	2026	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni kompluti u liċenzja operattiva għal 200 sodda f'faċilitajiet għall-

Numru Sekwenzja li	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-objettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mir a	Trimestr u	Sena	
	trattament integrat ta' persuni li jeħtieġu livelli ogħla ta' kura fit- tul u servizzi aktar kumplessi mill- infermieri		faċilitajiet għal kura fit-tul operazzjonali							kura fit-tul, f'konformità mar-rekwiżiti taħt l- objettiv intermedju 201. Fil-każ ta' ħtiġijiet akbar, għandu jkun possibbli li jiġu akkomodati sa 300 sodda fil-faċilitajiet.

O.3 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Investiment C: L-iżgurar ta' ambjent tal-ħajja sikur għall-persuni dipendenti

L-objettiv tal-investiment huwa li jipprovdi akkomodazzjoni xierqa biex tiġi indirizzata ż-żieda mistennija fid-domanda għall-kura istituzzjonali minħabba t-tixjib tas-soċjetà.

L-investiment jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tad-djar ta' mill-inqas 850 post fil-forma ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni żgħira u awtonomi għal utenti tal-kura fit-tul li jeħtieġu kura bażika, soċjali u medika. Huwa għandu jiffoka fuq il-forniment ta' kondizzjonijiet spazjali adegwati għall-forniment ta' servizzi u programmi komunitarji li jippermettu għajxien indipendenti u jipprevjenu l-esklużjoni soċjali tal-utenti, biex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tar-riskji relatati ma' mard li jittieħed, u biex jiġi pprovdut trattament ta' kwalità u sikur ta' persuni b'livell għoli ta' dipendenza fuq l-assistenza minn ħaddieħor.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

O.4 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
203	C: L-iżgurar ta' ambjent tal-ħajja sikur għall-persuni dipendenti	Oġettiv intermedju	Għoti ta' kuntratt għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda ta' kura istituzzjonali	Komunikazzjoni tal-għoti				Q2	2023	Il-proġetti magħżula għandhom jiżguraw li faċilitajiet ta' kura istituzzjonali ġodda għandhom ikunu fil-forma ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni iżgħar u awtonomi mmirati lejn utenti tal-kura fit-tul li jeħtieġu kura bażika, soċjali u medika adattata għall-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-kwalità u t-trattament sikur ta' persuni b'livell għoli ta' dipendenza. Il-bini għdid għandu jikkonforma mar-rekwiżiti għal bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero
204	C: L-iżgurar ta' ambjent tal-ħajja sikur għall-persuni dipendenti	Mira	Postijiet addizzjonali disponibbli f'faċilitajiet ta' kura istituzzjonali		Numru	0	850	Q2	2026	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni kompluti u liċenzja operattiva maħruġa għal 850 post addizzjonali f'faċilitajiet ta' kura istituzzjonali f'konformità mar-rekwiżiti taħt l-oġettiv intermedju 203.

P. KOMPONENT 16: AKKOMODAZZJONI AFFORDABBLI

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza n-nuqqas ta' djar għall-kiri pubbliċi fis-Slovenja. L-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata huwa partikolarment diffiċli għaż-żgħażaġh u l-familji żgħażaġh, il-gruppi soċjalment żvantaġġati u gruppi emarġinati oħra.

L-oġġettivi ta' dan il-komponent huma li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet biex jiżdied l-istokk ta' djar pubbliċi għall-kiri b'riforma tal-politika tad-djar u investimenti relatati f'appartamenti ġodda tal-kiri u l-akkwist u r-rinnovazzjoni ta' appartamenti vojta eżistenti. Dan għandu jnaqqas l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni għall-gruppi fil-mira, inkluż ta' individwi u familji soċjalment fil-bżonn.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jindirizzaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż indirizzati lis-Slovenja fl-2020 biex "tipprovdi sostituzzjoni ta' dħul u protezzjoni soċjali adegwati" (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, meta jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

P.1 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza ma jinkludix riformi u investimenti taħt appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

P.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Dan il-komponent tal-pjan Sloven għall-irkupru u r-reżiljenza ma jinkludix riformi u investimenti taħt appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

P.3 Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Riforma A: Tisħiħ tal-istokk ta' akkomodazzjoni pubblika għall-kiri

L-għan tar-riforma huwa li jiżdied l-għadd ta' djar għall-kiri pubbliċi fis-Slovenja primarjament għal gruppi soċjalment żvantaġġati u emarġinati.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att dwar id-Djar li għandhom jarmonizzaw il-livell ta' kera mingħajr skop ta' qligħ minn fondi ta' akkomodazzjoni pubblika u jippermettu self addizzjonali minn tali fondi. Dawn l-emendi huma mistennija li jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tal-fondi tal-akkomodazzjoni pubbliċi fis-Slovenja.

L-emendi għandhom jistabbilixxu wkoll servizz ta' kiri pubbliku bil-għan li jinkiseb u jiġi rinnovat bini vojta eżistenti bi sjieda privata għall-fini ta' akkomodazzjoni affordabbli.

B'mod ġenerali, ir-riforma hija mistennija li tiffaċilita l-kostruzzjoni ta' mill-inqas 5 000 abitazzjoni addizzjonali u l-attivazzjoni ta' 2 000 abitazzjonijiet privati indikattivi attwalment vojta li għandhom jiġu akkwistati u rinnovati minn fondi ta' akkomodazzjoni pubblika.

L-objettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment B: Forniment ta' akkomodazzjoni pubblika għall-kiri

L-objettiv tal-investiment huwa li jnaqqas id-defiċit tad-djar għall-kiri pubbliċi fis-Slovenja.

L-investiment jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' 480 unità residenzjali ġdida. Il-proġetti tal-fondi municiċipali tad-djar u ta' organizzazzjonijiet oħra tal-akkomodazzjoni affordabbli għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa kompetittiva għall-offerti.

L-objettivi intermedji u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tal-investiment għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

P.4 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-oġettivi intermedji)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Trimestru	Sena	
